


# Għaqda Mużikali Imperial

Festa Marija Bambina 2018

Il-Mellieħa



THERE IS NO GREATER WEALTH
THAN **PEACE OF MIND**

LIVE A LITTLE. WE'VE GOT YOU COVERED




ROCS group

MAPFRE | MIDDLESEA

2015 15 15

INSURE@ROCSGRP.COM | ROCSGRP.COM/INSURANCE

FLORIANA | MOSTA | MELLIEHA | THE POINT

ROCS Co. Limited is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea (C-5553) and Mapfre MSV Life (C-15722). All the companies are authorised by the MFSA. Com No MMS250718

# Werrej


Ħidmet l-Għaqda Mużikali Imperial – Josef Borg – President ........ 2
Kumitat Direttiv ........ 4
Kummissjoni Banda u Kor ........ 5
Kummissjoni Żgħażagħ ........ 5
Xogħol Soċjali u Kulturali Qawwi – John Buttigieg – Sindku ........ 6
Festa tempesta – Fr Joe Caruana – Arċipriet ........ 7
Kif bdejt u spiċċajt il-karriera tax-xogħol tiegħi – Spiridione Grech – Viċi President ........ 10
L-inklużjoni vera – Dr John Baptist Gauci – Segretarju Ġenerali ........ 15
L-iskemi ta' fondi huma bżonjużi? – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ........ 20
Nieħdu ħsieb ħwejjiġna – John Schembri – Direttur ........ 25
Riflessjonijiet… – Mro Anthony Borg – Surmast Direttur ........ 28
Kemm huma bravi – Carmen Cini – Chairperson Kumitat Nisa ........ 32
Sehem il-Banda u l-Kor barra ż-żmien tal-Festa – Clayton Vella – Segretarju Kummissjoni Banda u Kor ........ 33
Iż-Żgħażagħ fis-Soċjetà – Damian Vella – Chairperson Kummissjoni Żgħażagħ ........ 37
My Lovely, Lovely Ladies! – Julie Thomas – Director of the Imperial Choir ........ 40
Banda Attiva – Philip Schembri – Għalliem ........ 45
Star of Strait Street – Geoff Thomas – Music Teacher ........ 48
Il-Każini Skola ta' Tagħlim – Avv. Noel Camilleri – President GĦKB ........ 51
Djarju 2017 - 2018 ........ 53
Nifirħu lil … ........ 60
Niftakru f'ħutna li ħallewna ........ 63
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2017 ........ 66
Programm tal-Festi 2018 ........ 68
Activities Organised by The Imperial Band Club 2018 ........ 71
Ġużepp Bartolo - L-Umli Maħbub – Philip Borg ........ 73
Tifkiriet… – Michelle Sharma ........ 75
Tifkiriet sbieħ ta' Jimmy Muscat – Grazio Barbara ........ 76
L-Għanja tar-Rebbiegħa – Anthony Fenech ........ 77
Kunċert Korali u Strumentali mill-Banda Imperial u Amadeus The Chamber Choir ........ 79
Tlugħ ix-Xemx, f'Selmun – Joseph Felix Cachia ........ 80
Opportunity dances with those already on the dance floor – Pippa Roberts ........ 81
Ħarġa Kulturali Sqallija – Josepha Vella ........ 82
Waslet il-festa għażiża tagħna l-Melliħin – Christopher Bartolo – Sagristan ........ 84
Tislima lill-Verġni Mbierka – Marija Grima ........ 89
Il-Verġni Mqaddsa Marija fil-Mixja Pellegrina tal-Knisja – Mons. Mosè Debono ........ 90
Sentieri – Serena Gatti e Raffaele Natale ........ 93
Sentieri ........ 96
Ġużeppi Bartolo *taz-Zomblu* – Paul P. Borg ........ 98
Ħarġa Divertenti u Edukattiva – Grazio Barbara ........ 103
Attakki u Ajruplani li Waqgħu fuq il-Mellieħa 1940-1941 – Kitba ta' Charles Debono – Kuratur - Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ........ 106
Il-Familja – Marija Grima ........ 109
Il-Ġid Komuni – Onorevoli Evarist Bartolo – Ministru ........ 111
Stejjer Minn Irdum id-Delli, l-Għawseġ u x-Xquq – Jeffrey Sammut ........ 112
Snajjin Stadium – Joseph Felix Cachia ........ 126
Verġni Marija – Ġanni Camilleri ........ 127
Project - Resilient Communities – Helga Ellul – President, CORE Platform ........ 128
Managing Climate Change Seriously – Professor Stephen Calleya ........ 132
Tifkiriet Ta' Ġużepp Bartolo – Ġanni Camilleri ........ 133
Xogħol tal-artist Gianni Vella fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa – Mario Fenech ........ 136
Il-Mellieħa u l-inħawi: mill-A sal-K – David Bartolo ........ 139
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ........ 144



*Pubblikazzjoni:*
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci,
Joseph Bartolo, Anthony Borg,
Carmen Schembri, Anthony Schembri,

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Ghaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

***Disinn tal-Faċċata:***
Stephen Grima

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara

Ritratti tal-Faċċata:
Il-Banda u l-Kor Imperial waqt id-daqq tal-Innu lil Marija Bambina quddiem l-Istatwa tal-Bambina fil-Festa 2017. Programm Vokali u Strumentali tal-Ġimgħa Mqaddsa 2018 mill-Għaqda Mużikali Imperial għall-ewwel darba fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com



# Ħidmet l-Għaqda Mużikali Imperial

**Josef Borg**
*President*



Għal darb'oħra nagħtikom merħba u nistiedinkom biex taqraw din l-pubblikazzjoni "Leħen l-Imperial" li ta' kull sena l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur ta' Marija Bambina. F'din il-pubblikazzjoni wieħed isib tagħrif dwar sena ta' ħidma li ssir mill-Għaqda tagħna sewwa permezz ta' servizzi u attivitajiet li jkunu saru ġewwa l-Mellieħa u oħrajn li jkun saru madwar Malta, kif ukoll tagħrif ieħor mill-aktar interessanti dwar storja, drawwiet u tifkiriet li jżewqu din il-pubblikazzjoni biex bħal kull sena tkun interessanti u mfittxija minn ħafna nies.

Fis-Seduta Ġenerali tas-17 ta' Frar 2018 kien maħtur Kumitat Direttiv ġdid għas-snin 2018-2019. Dan kompla fuq il-ħidma tal-kumitat preċedenti fit-tmexxija tas-soċjetà kif ukoll organizza diversi attivitajiet li jżommu l-każin ħaj. Jgħinu lill-Kumitat fit-tmexxija nsibu wkoll lill-Kummissjoni Banda u Kor u lill-Kumitat Żgħażagħ. Il-Banda Imperial din is-sena kellha l-unur li tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ftuħ Uffiċjali ta' Valletta 2018 li saru biex jimmarkaw l-avveniment storiku fejn il-Belt Valletta ħadet it-titlu ta' Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

Kienet ġrajja unika li fiha l-Banda Imperial kellha l-unur li tieħu sehem. Attività oħra li kienet organizzata mill-Fondazzjoni Valletta 2018 u li l-Banda u l-Kor Imperial kellhom l-opportunità li jieħdu sehem fiha kienet dik bl-isem ta' Sentieri, organizzata fil-Park tal-Majjistral f'April 2018. Kienet esperjenza unika u differenti għall-Għaqda tagħna, imma li laħqet is-suċċess mixtieq.

Din is-sena, wara diskussjoni fil-Kummissjoni Banda u Kor, ħsibna biex nagħtu spinta lill-kunċert li jsir f'Ħadd il-Palm u għalhekk kien deċiż li dan jibda jsir fil-Knisja Arċipretali, post aktar addattat għal kunċert marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa, bil-Knisja armata għall-okkażjoni tikkumplimenta bil-kbir mal-mużika u l-ħsibijiet li jsawru dan il-programm. Il-Banda Imperial bħal kull sena tagħti diversi programmi u servizzi kemm fil-Mellieħa u anke madwar Malta, bil-provi għal banda li jsiru regolari darba fil-ġimgħa. Minn qalbi nirringrazzja lill-bandisti tagħna għall-impenn u s-sagrifiċċju li huma jagħmlu. Il-Kor Imperial jagħti s-sehem tiegħu b'mod tajjeb ħafna f'kunċerti li jittellgħu minn żmien għal żmien, kif ukoll jakkumpanja l-Banda fi programmi mużikali li jsiru matul is-sena.

Wara iktar minn sena li ħadet it-tmexxija tal-Kor is-Sinjura Julie Thomas, hu ta' sodisfazzjon għalina li fit-tmexxija tal-Kor kien hemm kontinwità, fejn qed jittellgħu kunċerti ta' livell għoli li jpaxxi l-widna ta' dawk kollha li jattendu u jkun hemm kummenti ferm sbieħ dwar is-siltiet li l-Kor ikanta. Nixtieq nawgura aktar suċċess lill-Kor tagħna u nirringrazzja lill-membri tal-Kor għall-impenn u s-sagrifiċċju tagħhom. It-tmexxija tal-Banda u tal-Kor, u t-tagħlim mużikali li jingħata ġewwa l-Każin huwa responsabbli għalihom is-Surmast Direttur Anthony Borg flimkien ma' Julie Thomas, Philip Schembri u Geoff Thomas. Nawgura li nkomplu b'din il-ħidma sabiex nkomplu ntejbu l-livell mużikali tal-Banda u l-Kor Imperial.

Fil-ħajja hemm il-waqtiet li jagħtuk gost u jferrħuk, waqt li jiġu perjodi li jniktuk, b'mod speċjali meta titlef ħbieb li għal ħafna żmien tkun tafhom, ħdimt qrib tagħhom u li taw is-sehem tagħhom u ħadmu fis-soċjetà. Qed nagħmel referenza għall-President Onorarju Joseph Bartolo, il-bandisti Michelle Sharma u Anita Gray, il-membru tal-Kor Odette Zammit, kif ukoll membri tal-każin u benefatturi li mietu matul din is-sena. Meta titlef membru minn tal-familja titnikket, iżda meta matul din is-sena tlifna numru mhux ħażin ta' membri u ħbieb in-niket ikun ħafna iktar.

Huwa diffiċli għalija li nsellem lil kulħadd u m'iniex it-tip li noqgħod nagħmel ħafna eloġji. Iżda naħseb li huwa dover li nsellem lis-Sinjuri Michelle

Sharma u Anita Gray tas-servizz u l-impenn li dejjem taw lil Banda Imperial. Is-Sinjura Odette Zammit kienet sa mill-bidu nett membru tal-Kor Imperial, baqgħet attiva sal-aħħar anke meta minħabba mard ma kienx faċli li tagħti s-sehem tagħha fil-Kor. L-impenn u l-ħidma kbira li ta l-ħabib tiegħi s-Sur Joseph Bartolo żgur li ma kinitx faċli fi żminijiet li kienu aktar diffiċli minn tal-lum. Aktar minn sittin sena ħidma f'karigi important li b'konsistenza u b'deċiżjonijiet mhux dejjem popolari wasslu biex aħna llum ingawdu l-frott tagħhom. Ġużepp kien raġel fuq l-irġiel.

Kulħadd ikollu l-ħsibijiet u l-fehmiet tiegħu, argumenta kemm trid, iżda meta l-Kumitat jieħu deċiżjoni, anke meta ma tkunx kif jaħseb hu, arah ikun minn tal-ewwel li jara li dak li ddeċieda l-Kumitat isir. Ħdimt miegħu għal ħafna u ħafna snin, tgħallimt ħafna minn għandu, jaħdem mingħajr ħafna daqq tat-trombi imma b'rieda sħiħa u interess wieħed, dak li jara l-ġid komuni kemm għas-soċjetà kif ukoll għall-għaqda fil-Mellieħa. Irrid insellem ukoll għadd ta' membri u benefatturi li ħallewna matul din is-sena. Għalkemm mhux possibbli li nsemmihom wieħed wieħed, xorta waħda nirringrazzjahom għall-ħidma li taw lis-soċjetà.

Nagħti l-kondoljanzi lill-familjari kollha ta' dawn il-ħbieb tagħna u nemmen li dawk il-persuni li kienu altruwisti u ġenerużi f'ħajjithom igawdu l-premju li jistħoqqilhom wara l-ħajja fuq din l-art.

Meta wieħed ikun jagħmel parti mit-tmexxija ta' soċjetà, l-għan ewlieni għandu jkun li l-għaqda li jkun parti minnha tibqa' miexja 'l quddiem. Irridu nħarsu lejn x'inhuma l-isfidi li għandna quddiemna u nkunu kapaċi nbiddlu għall-aħjar dak li jkun waqa' lura jew li ma jkunx għadu relevanti għall-preżent. Ma jfissirx li għandna nbiddlu kollox, iżda li nżommu dak li hu tajjeb waqt li nbiddlu dak li jkun hemm bżonn. Hekk qegħdin nagħmlu aħna bħala kumitat, naraw dak li nistgħu ntejbu u nieħdu dawk id-deċiżjonijiet li huma importanti. Irridu naraw li l-affarijiet li nagħmlu jkunu sostenibbli għax b'hekk biss inkunu ċerti li hemm futur għas-soċjetà.

Illum kull każin tal-banda għandu sfida li qegħda dejjem tikber, dik li jkollu dħul biżżejjed biex ikopri l-ispiża kurrenti. L-ispiża tal-banda dejjem togħla, il-manutenzjoni tal-bini u affarijiet oħra dejjem tiżdied, u jekk ma jkunx hemm dħul alternattiv, l-piż finanzjarju dejjem jikber. Qegħdin naraw kif jista' jkollna dħul iehor minn skemi li joħorġu minn żmien għal żmien biex intejbu l-operat tagħna. B'hekk biss nistgħu nassiguraw li l-Każin jibqa' jitmexxa 'l quddiem bl-isfidi kollha li jeżistu fil-ħajja tal-lum. Is-sostenn finanzjarju waħdu mhux is-soluzzjoni. L-impenn volontarju ta' ħafna persuni li lesti jiddedikaw ftit mill-ħin tagħhom huwa l-aqwa garanzija biex is-soċjetajiet tagħna jkollhom futur sabiħ.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura lill-poplu Mellieħi fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur ta' Marija Bambina u nirringrazzja lil kull min b'mod jew ieħor joffri l-għajnuna tiegħu lill-Għaqda Mużikali Imperial.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Bejn il-24 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2018
ser inxandru 'live'
l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-funzjonijiet reliġjużi
fl-okkażjoni tal-

**Festa ta' Marija Bambina 2018**

fuq is-sit elettroniku

**www.imperialbandclub.com**



# Kumitat Direttiv
## 2017 -2018

**President**
Josef Borg

**Segretarju Ġenerali**
Dr John Baptist Gauci

**Segretarju Finanzjarju**
Anthony Schembri

**Direttur**
John Schembri

**Viċi President**
Spiridione Grech

**Assistent Segretarju Ġenerali**
Steven Fenech

**Assistent Segretarju Finanzjarju**
Carmen Cini

**Assistenti Diretturi**
Carmel Borg
Charles Debono
Anthony Grech

**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi**
Ann Marie Vella

**Membru Anzjan**
Anthony Caruana



# Kummissjoni Banda u Kor

*Wara mix-xellug:* **Mariella Barbara, Ryan Micallef, Samuel Borg, Carmen Schembri**
*Quddiem mix-xellug:* **Clayton Vella (Segretarju), Josef Borg (Rappreżentant tal-Kumitat Direttiv), Mro Anthony Borg (Chairperson), Marvic Battistino**
*Mhux fir-ritratt:* **Isaac Borg**



# Kummissjoni Żgħażagħ

*Wara mix-xellug:* **Samuel Borg, Josepha Vella, Sarah Vassallo, Brandon Borg**
*Quddiem mix-xellug:* **Dr John Baptist Gauci (Rappreżentant tal-Kumitat Direttiv), Damian Vella (Chairperson), Carl Borg (Segretarju), Ryan Micallef**
*Mhux fir-ritratt:* **Isaac Borg**



# Xogħol Soċjali u Kulturali Qawwi

**John Buttigieg**
*Sindku*



Huwa ta' pjaċir kbir għalija li għal darb'oħra f'isem il-komunità Mellieħija kollha qiegħed inwassal dan il-messaġġ fil-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-festa. Bil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktejjeb wieħed ikollu minjiera ta' informazzjoni storika, kulturali u politika, mhux biss fuq l-istess Għaqda, imma wkoll fuq ir-raħal tagħna. Għaldaqstant irrid nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu l-kontribut tagħhom permezz tal-kitba ta' diversi artikli li ta' kull sena jidhru f'dan il-ktejjeb tal-festa.

Meta wieħed jibda jqalleb il-paġni ta' dan il-ktejjeb, wieħed malajr jinduna kemm hi kbira l-ħidma li ssir minn dawk kollha li huma nvoluti fis-soċjetajiet tal-banda. Il-każini tal-baned jagħmlu xogħol soċjali u kulturali qawwi li jistħoqqlu kull għarfien. Huma marbuta mal-festi tradizzjonali tal-irħula tagħna li jikkostitwixxu l-element ewlieni mill-identità nazzjonali tagħna bħala poplu. Jiġbru flimkien, f'volontarjat dedikat, mijiet biex ma ngħidx eluf ta' żgħażagħ u ċittadini oħra. Veru xi kultant jiżbruffaw wisq il-piki u ċertu partiġġjaniżmu sfrenat, biss kollox ma' kollox, kif wieħed jista' jara mill-kwalità ta' attivitajiet li qegħdin itellgħu s-soċjetajiet Mellieħin, fosthom l-Għaqda Mużikali Imperial, l-impenn huwa wieħed serju ħafna. L-ammont ta' attivitajiet soċjali u mużikali li qegħdin jiġu organizzati fil-Mellieħa huwa wieħed impressjonanti. Kull Mellieħi għandu jħossu kburi li fil-Mellieħa għandna daqstant soċjetajiet li huma mpenjati mhux biss matul il-jiem tal-festa, iżda s-sena kollha. Kif ġa esprimejt f'kitbiet oħra hija ħasra li l-inizjattivi kulturali u mużikali li jittieħdu, mhux biss mill-Għaqda Mużikali Imperial, imma mill-għaqdiet Mellieħin kollha, ma jkunux jafu bihom iċ-ċittadini Mellieħin kollha, u għaldaqstant l-attendenza mhux dejjem tkun kif wieħed jixtieqha.

Fost ir-ritratti u kitbiet li nsibu f'pubblikazzjoni ta' din ix-xorta, wieħed jara diversi ritratti li jfakkru xi parti mill-istorja tal-istess soċjetà, u għaldaqstant illum wieħed ma jistax ma jiftakarx u ma jsemmix lil dawk kollha li matul dawn l-aħħar tmienja u tmenin sena taw is-sehem tagħhom fil-ħidma tas-soċjetà u li llum m'għadhomx magħna u għalhekk ma jistgħux jiċċelebraw il-festa magħna, kif qegħdin nagħmlu aħna lkoll. Dawn kienu nies li ħadmu u stinkaw biex bnew l-Għaqda Mużikali Imperial, anke meta ċ-ċirkostanzi tal-ħajja kienu ferm aktar diffiċli u ta' qtigħ il-qalb minn dawk tal-lum. Biżżejjed wieħed isemmi hawnhekk it-Tieni Gwerra Dinjija fil-bidu tas-snin erbgħin u l-emigrazzjoni li laqtet lir-raħal tagħna fis-snin sittin. Biss f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Għaqda xorta sabet nies li kienu determinati li jaslu fejn kellhom jaslu. Hawnhekk huwa xieraq li nsellem il-memorja tal-eks President tal-Għaqda s-Sur Ġużeppi Bartolo, li l-Mulej għoġbu jsejjaħlu għal għandu ftit tal-ġimgħat ilu. Ġużeppi kien wieħed minn dawn il-pilastri tal-Għaqda Mużikali Imperial, li ta ħafna minn ħinu biex l-Għaqda tibqa' miexja 'l quddiem u tagħti dak il-kontribut kulturali u mużikali fil-komunità Mellieħija. Jalla s-soċjetajiet tagħna jibqgħu jsibu nies bħal Ġużeppi Bartolo, li minkejja l-impenji kollha li jkollhom, ikunu lesti li joffru l-ħin liberu tagħhom biex iwettqu ħidma b'risq l-għaqdiet u b'hekk dak kollu li bnew missirijietna nkomplu nsaħħuħ aħna biex ngħadduh lil dawk ta' warajna.

Nagħlaq billi nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom il-kumplament tal-festa t-tajba. Insellem u nagħti l-festa t-tajba lill-Mellieħin li qegħdin jgħixu barra mill-Mellieħa, f'xi belt jew raħal ieħor, kif ukoll lil dawk l-emigranti Mellieħin, li jien ċert li għalkemm qegħdin 'il bogħod minna, qalbhom żgur li tkun magħna f'dan iż-żmien tas-sena. Lil dawn irrid ngħidilhom grazzi mill-qalb tal-appoġġ u s-sostenn li intom tagħtu lill-għaqdiet tagħna Mellieħin. Ħafna mill-opri li nsibu fil-każini tagħna huma xhieda ta' kemm intom verament tħobbu l-għaqdiet tagħna, minkejja li tinsabu 'l bogħod minna. Hawnhekk ma rridx ninsa nsemmi wkoll lill-benefatturi oħrajn li kontinwament jagħtu l-appoġġ tagħhom lis-soċjetajiet tagħna.

Insellem u nirringrazzja lill-President, is-Sur Josef Borg, il-Kumitat u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial. Mill-ġdid nifirħilkom u nixtieqilkom aktar snin ta' ħidma b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial u l-poplu Mellieħi kollu. Prosit u awguri sinċieri.



# Festa tempesta

**Fr Joe Caruana**
*Arċipriet*



Meta kont tfal xi ħadd kien jgħidli: Il-festa tempesta. Ta' tfal li kont ma kontx nifhem għalfejn qed jgħidli hekk. Anzi kont narah żbaljat bil-kbir għax il-festa kienet iċ-ċentru tas-sena kollha u għeluq xieraq tal-vaganzi tas-sajf. Illum li kbirt, naħsibha mod ieħor.

Għalkemm il-festa ta' pajjiżi għadni nħobbha, biss nifhem x'ried jgħid aktar u aktar issa li nkun jien li nkarigat mill-organizzazzjoni tagħha. Tempesta mhux għalija biss imma għal kull min b'xi mod jew ieħor ikollu sehem f'dak li tinvolvi. Tan-nar, tal-armar, tal-baned, tal-kor, min jarma l-knisja, kollha kemm huma jħossu l-piż li jagħmlu kollox mill-aħjar. U jekk is-sena kollha jkollha x-xogħol tagħha, il-festa, dax-xogħol, iżżidu għal mitt darba.

Imma anke t-tempesti huma meħtieġa. Ix-xjenzati jgħidulna li tempesta sservi biex twarrab it-tniġġiż mill-arja, biex il-mewġ jossiġna l-baħar u ma jħallihx jistaġna. Ħafna drabi, wara tempesta tara l-għasafar ipassu ħalli jerġgħu lura lejn l-art fejn jistgħu jbejtu.

It-tempesti ħafna drabi juruna dak li hu veru sod minn dak li hu mherri. Siġra b'saħħitha tibqa' soda waqt li dik immermra taqa'. Post mibni tajjeb ma jiġrilu xejn, dak mibni ta' kafkaf x'aktarx jiġġarraf. Bniedem serju kapaċi jaffaċċja kull tempesta tal-ħajja u għalkemm ma jfittixhomx imma lanqas ma huma ser jitterrorizzawh: pjuttost joħroġ aktar b'saħħtu minnhom. Bniedem ta' nofs kedda jitwerwer quddiem l-inqas inkwiet u jitkisser.

It-tempesta tal-festa għandha sservi biex tgħinna nagħżlu l-importanti mis-superfiċjali. Waqt li kollox meħtieġ, lil xiex qed nagħti l-aktar importanza lis-superfiċjali jew lis-serju?

Kultant fil-festi tagħna nintilfu fir-ritwaliżmi, fiċ-ċerimonji, li kollox isir bħal ma kien isir dejjem u ninsew li l-festa għandha ġġib tempesta fil-ħajja nisranija tagħna, għandha ġġiegħelna naraw kemm qegħdin nieħdu l-ħwejjeġ t'Alla bis-serjetà, kemm qed ngħixu l-valuri morali (x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin) mhux skont ma tgħid is-soċjetà, in-nies ta' madwarna, imma skont dak li jrid Alla. Jekk bridna xi ftit fil-ħajja nisranija tagħna, ittajrilna n-ngħas, jekk traskurajna, timliena ħeġġa, jekk tbiegħedna tressaqna qrib mill-ġdid.

Mal-ewwel daqqa t'għajn, it-twelid ta' Marija ma ħoloqx tempesti. Pjuttost bil-kontra: indunaw bih biss il-familja tagħha u n-nies tad-dawra u dawn żgur li ma ġiehomx f'moħħhom li din kellha tkun xi ħadd straordinarju. Hi stess għexet ħajjitha kollha bl-akbar umiltà u żgur li qatt ma bassret li kellha ssir Omm Alla kif jidher mill-kliem li qalet lill-anġlu Gabriel li ġie jwasslilha din l-aħbar. Madanakollu kienet il-bidu ta' tempesta li qatt ma dehret bħalha fl-istorja tal-bniedem; l-ebda ċiklun, urugan jew tsunami ma ġieb il-bidliet li beda bi twelidha. Bidliet paċifiċi, għall-akbar ġid tal-bniedem u li żgur ma kkawża l-ebda ħsara. Bidliet li bidlu s-soċjetà mill-għeruq tagħha u li ffurmaw ħafna miċ-ċiviltajiet, il-kultura, l-arti u l-mod ta' ħsieb tad-dinja tal-punent u li mbagħad esportawhom fil-kontinenti l-oħra hekk li tista' tgħid li b'xi mod jew ieħor biċċa sewwa mid-dinja tal-lum hi influwenzata mill-ideal nisrani.

Allura bix-xieraq li niffesteġġjaw it-twelid ta' min kien il-bidu ta' dan kollu. Fl-istess ħin importanti wkoll li nħallu lil dil-festa/tempesta ttajjar magħha kull ħaġa ħażina li hemm f'ħajti biex b'hekk tħalli wiesgħa lil dak li hu tajjeb sewwa u li jagħmilli ġieħ.

Il-Festa t-Tajba. Viva Marija Bambina.

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024



**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**

***Free Delivery***









Belleview
BISTRO CAFÉ PIZZERIA

FANCY A QUIET EVENING
WITH FAMILY AND FRIENDS?

COME TRY OUR PIZZA, PASTA
AND GRILLS AT OUR
AL' FRESCO TERRACE.

**#newbelleview**

OPENING HOURS:
MON TO FRI AND SUN
07:00 - 22:00
SAT
07:00 - 23:00
T: 21525555


Chinese Cuisine
OPEN FOR DINNER
from Tuesday to Sunday
from 19:00hrs onwards
DYNASTY
CHINESE RESTAURANT
Come and try our famous 'Duck with Pancakes'
and other 'Oriental Specialities'.
We also cater for Functions, BBQ's, Weddings and more.
ENJOY THE SPECTACULAR VIEW OF GHADIRA BAY.
Ample parking available.
Mellieha Holiday Centre (Danish Village), Ghadira.
t 2157 3980, 2157 2460, 2289 3000 e greatdane@mhc.com.mt
Mellieha Holiday Centre


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com
find us on facebook



# Kif bdejt u spiċċajt il-karriera tax-xogħol tiegħi

**Spiridione Grech**
*Viċi President*



Wara li spiċċajt Standard 6, din kienet l-ogħla sena tal-iskola fil-Mellieħa, hemm beda l-inkwiet għax ma kontx naf x'se nagħmel bija nnifsi. Lil missieri kont ngħidlu li se mmur kunduttur. Dak iż-żmien ma kienx hawn fejn taħdem. Jew ma' xi kuntrattur terfa' l-ġebel, jew forsi tkun naqra fortunat u tmur waiter. Ma kien hawn għażla ta' xejn. Missieri miskin dejjem l-istess parir kien jagħtini, biex immur nitgħallem sengħa. Qatt ma riedni niġi d-dar mix-xogħol maħruq bix-xemx kif kien jiġi hu mill-barriera. Għamel żmien xufier fuq tal-linja. Jien ma nafx kif kellu l-ħila jrabbi sebat ulied b'dik in-naqra paga li kellu. Kien hemm ommi li b'għaqal u mingħajr ħela ma kienet tħallina neqsin minn xejn. Anke fejn tidħol l-edukazzjoni għamlu magħna dak li setgħu.

Fil-Mellieħa dak iż-żmien (1958), l-unika tfal li kienu jkomplu l-iskola kienu dawk ta' klassi naqra differenti minn tagħna. Għalkemm kien hemm minnhom li jekk itellqu mal-ħmir jieħdu l-aħħar, id-differenza kienet li kellhom min jigwidahom. Missieri sa hemm kien jaf, dejjem jgħidli biex nitgħallem sengħa, imma din is-sengħa li kellu f'moħħu qatt ma qalli x'inhi. Fil-Mellieħa kien hawn ftit żgħażagħ li daħlu fl-army u anke baħrin, jew inkella siefru.

Jien wara li domt naħseb naqra mhux ħażin, kelli tliet għażliet. L-ewwel għamilt l-eżami għall-airforce. Mill-eżami kieku għaddejt u bagħtu għalija għall-interview. Mort, u kif dħalt ġie surġent Ingliż, naturalment kien fih daqsi tliet darbiet, u kif rani naħseb qal hawn biex se ngħabbu! Insomma, tani ktieb u qalli "*Start reading boy*." Wara li qrajt xi tliet folji qalli "*Enough boy*." Jien li beda jgħidli boy ma tantx daqqitli għax dawk jgħidulek hekk biex ibaxxuk u juruk li huma aħjar minnek. Insomma, beda jsaqsini fuq li qrajt. Jien ħsibt li kont sejjer mhux ħażin, u meta ġie għall-aħħar mistoqsija qalli "*Can you explain to me what is the role of a chairman?*" Jien, wara li qgħadt naħsibha ftit, għidtlu "*The guy who set up chairs in big functions, Sir*." Jien għalija dak il-ħin hekk ħadem moħħi. Ħares lejja u qalli "*You can go now boy*." Mit-tbissima li rajt fuq fommu mill-ewwel indunajt li għaxxaqtha. Min jaf kemm daħku bija x'ħin qal lil sħabu! Wara xi ġimgħa rċevejt ittra fejn qaluli "*that I don't qualify*". Wisq naħseb li ma kienux jagħmlu uniformijiet żgħar daqshekk għalija!

Wara dak il-fjask mort għat-tieni għażla. Konna ftehmna xi erba' żgħażagħ, wieħed minnhom kien Charlie Cauchi (is-Sway). Konna morna għal eżami l-Belt biex nieħdu kors tal-ħjata. Jien kont għamilt eżami ieħor għat-technical school tal-Ħamrun li kienet tiġi wara l-fabbrika tal-ħalib. Dak iż-żmien f'xi skejjel kien hemm sistema li jagħtuk xi pocket money. Biex kont tidħol f'din l-iskola ma tantx kien faċli. L-eżami kien naqra tqil. Niftakar kont mort ftit privat għand Maria Stellini née Debono. Għamilt l-eżami u għaddejt. Mill-Mellieħa konna jien, Joe il-Lanċa u ieħor minn Selmun li rnexxielna nidħlu hemm. Charlie s-Sway għamel il-kors ta' ħajjat u għamel karriera ta' ħajjat. Jien kont ħadt mechanical engineering – kien kors ta' tliet snin. Bqajt fuq dik il-linja sal-lum. Għall-inqas missieri ma kienx jgħidli biex immur nitgħallem sengħa għal xejn.

Meta spiċċajt il-kors, ma tantx kien hawn fejn taħdem b'dik is-sengħa. Issa jien kelli tmintax-il sena u kont mingħajr sitt ħabbiet fil-but. Konna nkunu xi erbgħa bħali bla xogħol nilagħqu x-xemx quddiem il-forn l-antik taż-Żnaj quddiem il-fabbrika ta' Karmnu tal-Madum.

Niftakar ġurnata minnhom kien hemm Karmnu fil-bieb tal-fabbrika u beda jagħmilli sinjal biex immur inkellmu. Kif dħalna ġewwa qalli "Inti ma kontx tmur l-iskola ta' barra?" Hekk konna ngħidu l-Mellieħa dak iż-żmien, u staqsini x'kont nitgħallem. Għidtlu inġinerija. Qalli x'jiġifieri, u għidtlu fuq it-torn (lathe), milling machines, surface grinding u welding, insomma, dak li kellu

x'jaqsam ma' dik is-sengħa. Qalli mela x'qiegħed tagħmel titgħażżen hawn, u żied jgħidli "Għada ejja miegħi." Jien staqsejtu fejn, u hu qalli "Dak narah jien." Qalli int mhux taħdem trid? Qalli "U bilħaqq, mil-lum jien iz-ziju tiegħek." Għidtlu "O.K. Karm." Dar bir-rabja lejja u qalli "Jien x'għidtlek?" Jien għidtlu "O.K. zi."

L-għada morna Jetties Wharf il-Marsa. Hemm kien il-post fejn ridna mmorru. Kien hemm tliet machine shops kbar. Kien jismu 'The Colonial Engineering Works - Sancio Decarlo Owner'. Kif dħalna u rajt il-kobor ta' makkinarju li kien hemm, stagħġibt. Kienu naqra antiki. Bil-kemm ma tlaqtx niġri 'l barra. L-iskola l-machines li kien hemm kienu kollha moderni. Karmnu rani naqra mgerrex u fil-pront qalli "Imxi ħalli mmorru l-uffiċju." Kif dħalna kien hemm is-Sanċ li kif ra lil Karmnu qallu "Ara tal-Mellieħa", u staqsih x'għandu bżonn. Fil-pront qallu "Ara, Sur Decarlo. Hawn it-tifel t'oħti u jrid jaħdem. Għadu kif spiċċa kors it-technical school." Hu qalli "Jiġifieri int mhux bil-kuntratt" u jien għidtlu li le għax din il-kumpanija kellha ftehim mal-gvern li tħaddmek jumejn u tlieta mal-iskola tal-Marsa Technical School. Għidtlu "Jien il-kors il-Ħamrun għamiltu". Qalli "Għandek x'turi?", u tajtu ċ-ċertifikat. Tah daqqa t'għajn u wara ftit qalli "Mela int job full-time trid?" Għidtlu iva u qalli biex l-għada nibda. Ħadni biex nara t-torn li kont se naħdem fuqu. Dan kien l-1961.

Għaddiet naqra iżjed minn sena naħdem hemm. Kull filgħodu kont immur nieħu kafè u pasta minn dawk il-ħomor bil-coconut fuqha, kienet lussu, sa ma jsir il-ħin għax-xogħol. Dan kien ħanut mal-ġurnata mimli bin-nies tax-xatt u filgħaxija bil-ladies of the night ibiegħu l-laħam. Kull filgħodu kien jidħol raġel dejjem pulit, dejjem bil-ġlekk u kappell. Kien jarani waħdi u daqqa jgħidli bonġu, u kultant joffrili kafè. Jien dejjem għidtlu le grazzi. Jien moħħi kien ikun fuq dik il-pasta l-ħamra. Għodwa minnhom ġie fuqi u staqsieni minn fejn jien u x'jisimni. Ngħid il-verità ħassibni xi ftit ħażin, imma milli ħsibt jien ma kien xejn. Staqsieni fejn naħdem u x'nagħmel u jien għidtlu li kont fitter turner. Pront qalli ridtx immur naħdem miegħu. Baqa' jippersisti ġurnata wara l-oħra. Ġurnata minnhom ġie fuqi u qalli "Ara, il-lejla x'ħin tispiċċa mix-xogħol ejja ħdejn is-Salib tal-Marsa. Hemm tara l-machine shop tiegħi jismu 'Joseph Galea & Sons Engineering Works & Dealer'." U hekk għamilt. Sibtu jistennini. Kif dħalna ġewwa rajt torn modern, veru kien mimli biċċiet tal-bronż u elf ħaġa oħra. Ġużeppi, għax hekk kienu jsibuh, qalli "Tagħtix każ. Dak ix-xiħ iħalli dawk il-biċċiet biex mingħalih qiegħed jaħdem ħafna." Dan kien raġel xiħ li kellu bażwa bilkemm kien jista' jimxi, però kien veru tas-sengħa. Qalli "Dan xahar ieħor se jispiċċa. Jien irridek tibda malajr, tagħmel xahar miegħu ħa tidra x-xogħol, lanqas tnaddaf. Imbagħad meta jitlaq u tibda taħdem int, kollox f'idejk."

Ġejna biex niftehmu għall-paga u staqsini kemm nagħmel mas-Sanċ. Jien f'qalbi għidt "Dan mhux hu ġie jiġri warajja… u żidtlu LM1 mat-tlieta li kelli u għidtlu LM4." Jien kien għad kelli biss għoxrin sena, kont inqis ruħi għadni apprentice. Kif għidtlu LM4 mal-ewwel qalli "Intik LM5." Jien għidtlu li l-għada nagħtih risposta. Meta mort id-dar u għidt lil missieri, qalli "Mela kważi għandek daqsi!" Mela gidba taz-ziju Karm tal-Madum, oħra tal-paga, u baqa' oħra.

Bdejt naħdem miegħu. Ġimgħa wara kont l-ewwel wieħed hemm. Kif rani għajjatli fl-uffiċju u beda jistaqsini ħafna mistoqsijiet. Waħda minnhom kienet jekk jien kontx membru ta' xi għaqda reliġjuża. F'qalbi għidt kif se noħroġ minn din il-basla li dħalt fiha. Għidtlu "Iva"… gidba oħra numru 3. Għidtlu li kont fil-Legion of Mary. Mur għidlu li kienu qaċċtuni 'l barra bil-pulit snin qabel. Qalli prosit – dan ir-raġel kien reliġjuż ħafna. Kif daħlu l-ħaddiema l-oħra, għajtilhom fl-uffiċċju u b'dik is-serjetà kollha qalilhom "Ara ma nismax kliem ħażin quddiem dan il-ġuvnott." Il-ħaddiema kienu tlieta Żwieten, tnejn Żabbarin, wieħed mill-Marsa u t-tlett itfal tiegħu. Wara xi ġimgħa ma jkellimni ħadd, ġie wieħed fuqi, Joe l-Bambinu, in-neputi tal-Bambinu l-Għannej, u qalli "Isma' sieħbi. Int megħna jew kuntra tegħna?" Jien għidtlu skont ma' min intom! F'qalbi għidt naħseb li dieħel f'basla oħra. Qalli "Aħna killha ma' Mintuff." Jien għidtlu "Jien magħkem Ġuż, imma ara ma jkunx juf l-imgħallem." Kif għidtlu hekk mar b'ġirja fl-uffiċċju u b'leħen ta' tenur qallu "Ġuż, il-Mellieħi megħna!" Jien ridt l-art tiblagħni. Wara ftit ġie l-imgħallem fuqi u bid-daħka qalli "Jien ħsibtu li m'intix tal-Legion!" Domt naħdem miegħu seba' snin. Kien raġel bravissimu. Li tgħallimt miegħu fl-ebda technical school ma titgħallmu. Kienu jsibuh Ġużeppi tal-Albin (makna tal-baħar).

Wara xahar li spiċċajt minn hemm iżżewwiġna fil-21 t'April 1968 u fit-22 ta' Mejju morna l-Kanada. Kif wasalna sibt xogħol ta' production machinist. Il-fabbrika kien jisimha 'Aircraft Appliances'. Konna nagħmlu xogħol ta' parts għall-armamenti fil-Vjetnam. Dak iż-żmien il-gwerra fil-Vjetnam kienet għadha fl-aqwa tagħha. Wara sena naħdem, din il-kumpanija allokaw post ieħor 'il bogħod. Jien tlaqt, xorta ma kienx xogħol li ridt jien. Sadanittant jien kelli l-karozza 1969 Chevy. L-għada erħejtilha biex insib xogħol ieħor. Ħa ngħidlek, iżjed kont inkun mitluf milli m'iniex!

Wara xi jumejn niġri rajt biċċa art kbira mimlija




*Il-festa t-tajba!*

valyou

SUPERMARKETS

*your home for fresh*




/ValyouSupermarkets

valyou.com.mt


Eight24
PROPERTY & INTERIORS
Whether you are purchasing a new home or setting up an office, Eight24 offers a complete service. We support you during planning, finishing and furnishing with bespoke projections and designs to suit individual needs and budgets.
Enjoy your space
info@eight24.mt
+356 2752 1035 / +356 7982 6535
68, Triq is-Sagħtar, Mellieħa
www.eight24.mt

FOSSIL
FOSSIL
FOSSIL
HERBIES
JEWELLERY LTD.
44, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha Tel: 21525906 www.herbiesmalta.com

apparat kbir tal-kostruzzjoni – gafef, cranes, trucks u elf ħaġa oħra. Għidt ħa nieħu ċans. Sibt l-uffiċċju, dħalt u kien hemm wieħed wara skrivanija. Għidtlu bonġu u hu staqsini x'għandi bżonn. Għidtlu li qiegħed infittex xogħol u qalli li jekk kont mechanic nista' nibda dak il-ħin stess. Għidtlu "Jien machinist" u qalli "Sorry!" Kif rani ħiereġ, sejjaħli u qalli nistenna biex jagħmel żewġ telefonati. Wara ftit ġie b'karta f'idu b'indirizz ta' kumpanija fejn kienu jagħmlu l-parts huma.

Qalli biex immur hemm. Il-kumpanija kien jisimha 'Davidson's Machine Shops', u qalli biex nistaqsi għal Tom Davidson li kien il-propjetarju u ngħidlu li bagħatni hu. Insomma, beda jfehmni kif immur. Kien xi 40 mil 'il bogħod minn fejn kont. Biex ma ntawwalx, sibt dan il-post, dħalt l-uffiċċju, kien hemm skrivana u għidtilha li nixtieq inkellem lil Mr Davidson. Qaltli li qiegħed jistennini u wara ftit ġie. Kien Kanadiż. Wara ftit mhux ħażin jistaqsini x'nagħmel u fejn kont naħdem, staqsini minn liema pajjiż ġejt. Għidtlu Malta. Staqsini kif naf nitkellem bl-Ingliż daqshekk tajjeb wara sena biss il-Kanada, u għidtlu li mort l-iskola. Qam u wara xi ħames minuti narah ġej bi globu. Poġġieh fuq l-iskrivanija u qalli nurih fejn hi Malta. Miskin, qatt ma kien sema' bina.

Jien qalbi għamlet tikk għax għidt issa mur sibha. Insomma, bdejt indawwar, sibt l-Italja, rajt lil Sqallija u għidt bdejt noqrob, u wara rajt Malta. Kieku l-isem kien kbir, imma li jindika l-art tikka kien hemm. Għidtlu "Hawn hi Malta!" Ġab lenti, dar lejja u qalli "*You mean to tell me that people come from there? No wonder you are so small!*" U bid-daħka qalli "*Start tomorrow under one condition. We apply for you to sit for an exam to get your general machinist trade certificate.*" Staqsejtu x'kien jiġri jekk ma ngħaddix u qalli "*Then we will see.*" Naħseb li kien jagħtini l-ixkupa. Għamilt l-eżami u għaddejt bla problema ta' xejn. Domt naħdem miegħu 24 sena. Minn hemm ġejna lura f'din it-tikka ta' gżira li jisimha Malta. Qatt ma kelli l-ħsieb li niġu lura, imma d-destin hekk ried.

Minn qalbi nsellem il-memorja ta' sieħbi Ġużepp Bartolo (ta' Selmun). Ġuż, jalla tiltaqa' ma' sħabna li telqu qablek u tgħidilhom li ma ninsewhom qatt. Insellem ukoll lil sħabi tal-Kumitat, tax-xogħol li jagħmlu u li ħafna minnu ma jkun jaf bih ħadd, għax li kieku mhux hekk, din is-Soċjetà ma timxix 'il quddiem. Grazzi! Insellem lis-Surmast u lil kull min hu nvolut fit-tmexxija tal-Banda Imperial u tal-Kor. Prosit! U fuq kollox insellem lil sħabi bandisti u membri. Lill-Kumitat taż-Żgħażagħ li kull meta kien hemm bżonn taw sehemhom. Grazzi!

Int min int, il-Festa t-Tajba!



# L-inklużjoni vera

**Dr John Baptist Gauci**
*Segretarju Ġenerali*



Meta tlissen il-kelma "inklużjoni", il-biċċa l-kbira tan-nies ikunu semgħuha kemm-il darba, numru kbir fosthom għandhom idea ta' xi tfisser, numru inqas jafu eżatt x'inhu l-kunċett marbut magħha, imma wisq nibża' li ftit huma dawk li jħaddnuha u jafu kif ipoġġuha verament fil-prattika. U ma tlum lil ħadd, għax mhux kunċett li kiber ma' ħafna minna. Hawn min jaħseb li f'għaqda fejn issib ġabra varjata ta' nies li għandhom karatteristiċi, valuri, twemmin, esperjenzi u abbiltajiet differenti għandek mudell mill-aqwa t'inklużjoni soċjali. Dan hu kollu tajjeb, ta' min ifaħħru u jħeġġu, imma naħseb li mhux biżżejjed. Huwa l-bidu, imma mhux l-għan aħħari. Sabiex ikollok inklużjoni vera, jeħtieġ li timxi pass ieħor, li mhux dejjem faċli. Dan minħabba li jaf jinvolvi spejjeż ulterjuri li għal xi wħud jaf jidhru fiergħa jew forsi mhux neċessarji, imma iktar minn hekk, dan il-pass irid iġib miegħu bidla fil-mentalità, fil-kultura u fil-mod kif ngħixu. Ambjent verament inklussiv għandu jagħti aċċess ugwali għal u lil kulħadd għall-opportunitajiet u għar-riżorsi neċessarji li jwasslu għall-iżvilupp tal-persuna b'mod sħiħ, irrispettivament mill-abbiltajiet, twemmin, valuri, età u sess.

Fortunatament illum il-ġurnata, il-komunità inġenerali qed tifhem dejjem aktar li l-ostakli għall-aċċess fiżiku joħolqu problema għal diversi membri tal-istess komunità, u għalhekk huma wkoll problema għall-komunità kollha b'mod kollettiv. L-Għaqda Mużikali Imperial dan fehmitu tant li f'wieħed mill-ikbar proġetti li daħlet għalih fil-passat riċenti, ħasset il-ħtieġa li tinstalla lift sabiex is-sulari kollha tal-każin ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Spiża konsiderevoli, anke meta tqis li din iġġib magħha spiża rikorrenti sostanzjali minħabba li l-lift irid jinżamm f'kundizzjoni tajba u ċċertifikat regolarment min-nies kompetenti. Imma għall-Għaqda tagħna dan huwa investiment. U tant hu hekk illi preżentament qegħdin naħdmu sabiex negħlbu l-aħħar ostaklu li għad baqa' li jagħti aċċess sħiħ, permanenti u awtonomu għall-każin kollu lil kulħadd billi nneħħu l-ħtieġa ta' rampa temporanja li tintrama' meta jkun hemm il-ħtieġa sabiex tagħti aċċess minn fuq il-parapett għal ġol-każin. Proġett ambizzjuż, imma li ma jaqtgħalniex qalbna u li nittamaw li nwettqu fiż-żmien li ġej.

Imma l-ostakli għall-aċċess huma biss l-ewwel ħolqa biex ngħidu li għaqda hija verament inklussiva. L-Għaqda tagħna tixtieq ukoll li timxi l-pass li jmiss billi toffri opportunità għat-tagħlim tal-mużika lil iktar persuni b'abbiltajiet differenti. L-integrazzjoni ta' persuni b'abbiltajiet differenti huwa mod effiċjenti sabiex jitkattar it-tagħlim, mhux biss dak mużikali iżda wkoll dak fuq livell soċjali. It-taħlit ta' esperjenzi ta' nies b'firxa wiesgħa ta' abbiltajiet u diżabbiltajiet għandu jservi biex jitkattar l-għarfien dwar kif persuni differenti jesperjenzaw dak li toffri l-ħajja, fosthom l-abbiltajiet mużikali. Permezz ta' dan, persuni li diġà jiffrekwentaw il-Każin ikollhom l-opportunità li jkabbru l-għarfien, il-ħiliet, il-kapaċitajiet u l-għerf tagħhom billi jimirħu f'baħar ta' esperjenzi li jġibu magħhom tfal u żgħażagħ oħra li s'issa ftit li xejn kellhom inċentiv biex jersqu lejn każin tal-banda.

Għalhekk, nixtieq hawnhekk nintroduċi l-ewwel pass li l-Għaqda Mużikali Imperial ħadet f'din id-direzzjoni bis-saħħa ta' inizjattiva li permezz tagħha se nintroduċu t-tagħlim mużikali għal persuni neqsin mis-smigħ. Dan se jkun qed isir bħala parti mill-proġett "It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda" amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda. Għamilna kuntatt ma' organizzazzjoni mir-Renju Unit li hija magħmula minn nies professjonali li huma ddedikati esklussivament biex jipprovdu aċċess, edukazzjoni u opportunitajiet mużikali lil persuni neqsin mis-smigħ. Fuq stedina li għamilnilhom, se jkunu qed jiġu Malta f'Ottubru




tòsca

Pizza, pasta, grills & much more!

**www.ilovetosca.com**

Tosca ...a Taste of Italy in Mellieha

*Daily Specialities available including Fresh Fish*

facebook.com/toscapizzapastagrill

Gorg Borg Olivier Street, Mellieha t +356 2280 1927 e info@ilovetosca.com

**OPEN DAILY 1800HRS ONWARDS**

sabiex jagħtu taħdidiet, tagħlim u konsulenza f'dan il-qasam. Dan il-proġett huwa esperiment innovattiv għall-gżejjer tagħna għax, safejn hu magħruf għalina, mhux qed jiġi offrut b'mod formali l-ebda tagħlim tal-mużika lil persuni neqsin mis-smigħ. Għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex inħeġġeġ lil tfal, żgħażagħ u adulti bi problemi ta' smigħ sabiex jagħmlu kuntatt magħna ħalli jkunu protagonisti attivi f'din l-inizjattiva.

L-għaqdiet mużikali kienu minn dejjem fuq quddiem biex jippromwovu l-inklussività billi ħaddnu magħhom nies minn kull sfera tas-soċjetà ċivili, anke fi żmien meta dawn ma kinux milqugħa minn kulħadd, jew addirittura mwarrba u iżolati. Naħseb u nemmen li wasal iż-żmien li l-istess għaqdiet mużikali jagħtu direzzjoni lill-komunitajiet lokali dwar kif l-inklussività għandha verament titpoġġa fil-prattika.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd!

**Tagħlim tal-mużika għal persuni neqsin mis-smigħ**



**minn għalliema mħarrġa**

**fil-każin tal-Banda Imperial**

**minn Ottubru 2018**

**Music lessons for people with hearing impairment**



**by trained teachers**

**at the Imperial Band Club**

**starting October 2018**

Proġett ġdid mill-**Għaqda Mużikali Imperial**
bil-kollaborazzjoni tal-
**Aġenzija Żgħażagħ** u l-**Għaqda Każini tal-Banda**
bħala parti mill-iskema
**'It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda – 2018'**

Aġenzija żgħażagħ

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA


YOUR PROFESSIONAL DRY CLEANING PARTNER
It's easier than ever to give your garments a SWAN quality clean. All you have to do is call or email us and we will offer a free of charge collection and delivery.
SWAN
Call 2248 2200
Email: sladmin@swanlaundry.com.mt
www.swanlaundryanddrycleaning.com.mt
SWAN
LAUNDRY · DRY CLEANING
Dry Cleaning of suits, dresses, trousers, coats, curtains & merino blankets • Wet washing of shirts, quilts, carpets & blankets



CHI Products
Schwarzkopf
Professional HairCare for you.
HAIR SENSATIONS
BY LEANNE
SALON - 39, Triq In– Nahal , Mellieha T – 2152 9292 , 9985 7010




SAMMY BUTTIGIEG
( CIKKIES )
FRESH FRUIT, VEGETABLES & EGGS SUPPLIER,
TO HOTELS, CATERERS & VENDORS
Cikkies Garage , Triq Gnien Ingraw, Mellieha
Mob: 79520615 Tel: 21523497 , 21520615




Amazing Charters
Come & Enjoy Malta, Gozo and Comino with amazing views.
Hen's/bachelor's parties;
Staff parties;
Families package deals;
Sunset trips;
Diving adventures;
Visiting Comino beaches;
Perfect for photographers;
Honeymoon travellers.
Drinks for sale onboard;
Toilet and shower available;
Enjoy a sound system & television;
Sundeck available.
Follow us on
For any enquiries call Captain Alex +356 9928 4238.



# L-iskemi ta' fondi huma bżonjużi?



**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*

Kemm-il darba permezz ta' dan il-messaġġ għamilt referenza għall-importanza u għas-saħħa li għandu l-volontarjat f'għaqda bħal tagħna. Kien prinċipalment permezz tax-xogħol volontarju li l-Għaqda tagħna waslet fejn qiegħda llum. In-nanniet tagħna u missirijietna għarfu li permezz ta' siegħa xogħol minn ħafna, kien jirnexxielhom jagħtu ferm iktar minn ġurnata xogħol minn ftit nies. Imma min isegwi dawn l-erba' kelmiet li nikteb hawnhekk jaf ukoll li kemm-il darba wrejt għafsa ta' qalb u xi ftit tad-dieqa għan-nuqqas li għaqdiet bħal tagħna qed jesperjenzaw fejn għandu x'jaqsam ix-xogħol volontarju. Ir-raġunijiet huma varji, u mhux se nazzarda nipprova nagħti xi tip ta' spjegazzjoni għal dan. Iżda li xtaqt huwa li naqsam magħkom xi ħsibijiet fuq kif l-għaqdiet volontarji bħal tagħna jistgħu u qegħdin joperaw f'dan ix-xenarju pjuttost reċenti, b'mod partikolari fejn jidħlu l-finanzi. U għalhekk li ddeċidejt li nikteb fuq l-iskemi ta' fondi li minn żmien għal żmien ikunu mnedija minn entitajiet diversi.

Kif jafu ħafna, dawn l-iskemi kienu introdotti ftit tas-snin ilu u huma ta' għajnuna fejjieda għal ħafna organizzazzjonijiet volontarji biex iwettqu proġetti varji fi ħdanhom. Imma li forsi ftit jafu huwa li dawn mhumiex ħawt tal-ilma mbierek li kull min jixtieq jista' jbill sebgħu fih. Hawn ħafna nies li jaħsbu li kulma trid tagħmel għaqda hi li tfaqqa' subgħajha u jitfaċċaw il-flus għal kwalunkwe biċċa xogħol li tixtieq tagħmel. Iżda l-verità hi wisq 'il bogħod minn hekk. Biex għaqda tibbenifika minn dawn il-fondi trid turi li hi għaqda serja u li tħaddan prattiċi tajbin. Trid tkun reġistrata bħala Organizzazzjoni Volontarja mal-Kummissarju tal-Volontarjat bl-obbligi kollha li dan il-proċess iġib miegħu, fosthom li tippreżenta rapporti finanzjarji u amministrattivi kull sena. Kull proġett irid ikun ippreparat bl-ikbar reqqa u għaqal, skont ir-regoli stretti li l-aġenzija li tkun qed tamministra l-fondi tagħmel. Iridu jiġu ppreżentati stimi u rċevuti fiskali għal kull xogħol jew xiri li jsir, u l-proġett irid jispiċċa fiż-żmien stipulat. Barra minn hekk, l-għanijiet tal-proġett iridu jaqblu perfettament mal-għanijiet tal-iskema, u ma tistax tieħu fondi biex bihom imbagħad tagħmel dak li jfettillek.

Tifhmunix ħazin, mhux qed ngħid li dan mhux tajjeb. Anzi, allaħares mhux hekk għax ħafna minn dawn il-fondi ġejjin minn sorsi pubbliċi jew Ewropej u ma jistgħux jitberbqu bla ebda kontroll ta' xejn. Iżda dan kollu jirrikjedi ħafna xogħol amministrattiv, bir-riskju li xorta waħda wara dan l-isforz kollu tispiċċa ma tieħux il-fondi mixtieqa għax il-proċess huwa wieħed kompetittiv u għal kull għadma hawn mitt kelb.

Hawnhekk xtaqt nieqaf biex nirriffletti ftit fuq kif l-għaqdiet kienu jgħaddu sa ftit snin ilu qabel ma ġew introdotti dawn l-iskemi ta' fondi. Bilfors li tuġgħek ftit rasek xħin tara li kieku ma kinux dawn l-iskemi, kieku qajla tista' tagħmel proġetti fil-każin għax id-dħul minn sorsi oħra kemm kemm ilaħħqu mal-ispejjeż ta' kuljum. U dan jeħodni lura minn fejn bdejt. Hawn min jirraġuna li dawn l-iskemi komplew jagħtu daqqa ta' ħarta lix-xogħol volontarju. Fejn qabel biex tagħmel biċċa xogħol hi x'inhi, l-għaqda kienet iddur lejn in-nies u dawn kienu joffru ħinhom u xogħolhom volontarjament, illum dawn l-istess nies jafu li jistgħu jitħallsu ta' xogħolhom u ħinhom permezz ta' dawn l-iskemi. L-għaqdiet jafu wkoll li biex jibbenifikaw minn dawn l-iskemi, iridu jippreżentaw irċevuti fiskali u għalhekk m'għadhomx jagħmlu sforz biex iħeġġu li x-xogħol isir volontarjament. Imbagħad, titkellem ma' nies oħra li jgħidulek li dawn l-iskemi huma importanti għall-għaqdiet volontarji daqs l-ilma fid-deżert. Permezz tagħhom l-għaqdiet qed jagħmlu xogħol li qabel kienu biss joħolmuh, u huma r-raġuni prinċipali għala l-livell ta' servizz inġenerali qed dejjem jitjieb u jogħla.

Personalment inħoss li tiġi bejn ħaltejn meta tara

30 t'Awwissu 2017 – Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

31 t'Awwissu 2017 – Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja.

1 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

2 ta' Settembru 2017 – Il-President, is-Segretarju Ġenerali u s-Surmast Direttur ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi 2017' fl-istudios ta' ONE Radio fil-Marsa.

2 ta' Settembru 2017 – Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara sar riċeviment fis-Sala tal-Każin.

3 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

3 ta' Settembru 2017 – Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti u membri tal-Kor flimkien mal-familjari tagħhom.

4 ta' Settembru 2017 – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq l-Għerien u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

4 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Programm Mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-Festa mis-Società Filarmonica La Vittoria.

5 ta' Settembru 2017 – Sar il-funeral ta' Jimmy Muscat, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

5 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.

5 ta' Settembru 2017 – Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li beda minn Triq N. Caruana Dingli u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

6 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

6 ta' Settembru 2017 – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq V. Ciappara u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Il-Banda daqqet l-Innu Malti waqt li l-istatwa li tirrappreżenta lil Malta ħadet postha fuq il-pedestall f'Misraħ il-Parroċċa.

7 ta' Settembru 2017 – Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara, il-Banda u l-Kor Imperial esegwew l-Innu Ad Unur Marija Bambina.

9 ta' Settembru 2017 – Ħarġa tal-festa fuq il-Hop On Hop Off organizzata mill-Kumitat Nisa fost briju organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

10 ta' Settembru 2017 – Wara li l-Festa tal-Vitorja ġiet posposta minħabba l-maltemp, il-Banda u l-Kor Imperial esegwew l-Innu Ad Unur Marija Bambina u innijiet Marjani mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

11 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

16 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda San Ġużepp ġewwa l-Ħamrun. Wara sar festin fl-okkażjoni tas-70 Anniversarju tal-Għaqda

Każini tal-Banda. Għal din l-okkażjoni attendiet l-Aġent President tar-Repubblika, is-Sinjura Dolores Cristina li għamlet indirizz lil dawk preżenti.

24 ta' Settembru 2017 – Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial ġewwa Misraħ iż-Żjara tal-Papa, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa meqjuma ġewwa s-Santwarju Nazzjonali.





30 ta' Settembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-Festa organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Mellieħa fiċ-Ċentru Parrokjali.

2 t'Ottubru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet mużikali fil-Mellieħa.

4 t'Ottubru 2017 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

20 t'Ottubru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' memorabilja li tfakkar il-110 Anniversarju mit-twaqqif tal-Banda La Vittoria ġewwa l-Każin tal-istess socjetà.



27 t'Ottubru 2017 – Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Imperial flimkien mal-Amadeus The Chamber Choir, minn Liverpool, ir-Renju Unit, li ttella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, il-Mellieħa. Wara sar riċeviment fil-Każin Imperial.

1 ta' Novembru 2017 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin.

3 ta' Novembru 2017 – Delegazzjoni mill-Għaqda Mużikali Imperial attendiet għas-serata mużiko-letterarja "Serata b'Tislima lil Jimmy Muscat" organizzata mill-Onor. Robert Cutajar fil-Lukanda Radisson Golden Sands, Għajn Tuffieħa.



4 ta' Novembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal kunċert vokali u strumentali mill-Banda Nazzjonali Żgħażagħ fil-Pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl, il-Belt Valletta, organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda fl-okkażjoni tas-70 Anniversarju tal-Għaqda u tal-Festa ta' Santa Ċeċilja.



11 ta' Novembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv u mill-Kummissjonijiet fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial attendew għall-Konferenza Nazzjonali bit-tema "Il-Każini tal-Banda: Ilbieraħ, Illum u Għada" organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda fil-Lukanda Dolmen Resort, San Pawl il-Baħar, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tas-70 Anniversarju mit-twaqqif tal-istess Għaqda.

12 ta' Novembru 2017 – Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għar-ruħ il-mejtin



kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw xi innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

13 ta' Novembru 2017 – Il-Banda Imperial tellgħet programm waqt iż-żjara li kontinġent mir-Royal Marines Association (Malta Branch) għamel ġewwa l-Każin Imperial.



18 ta' Novembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned.



21 ta' Novembru 2017 – Membri tal-Kor Imperial ħadu sehem waqt quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta kkonċelebrata mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.





25 ta' Novembru 2017 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ organizzat mawra kulturali ta' ġurnata fi Sqallija għall-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-ħbieb tagħhom. F'din il-mawra żorna l-belt barokka ta' Noto, ir-raħal tas-sajjieda Marzamemi u l-belt ta' Modica magħrufa għaċ-ċikkulata.



2 ta' Diċembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert Mużikali Annwali mtella' mill-Banda La Vittoria ġewwa d-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

4 ta' Diċembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' ritratti relatati mal-festi Maltin meħuda mill-fotografu Sebio Aquilina bl-isem ta' "Il-Festi Maltin minn ġol-Lenti". Din il-wirja ġiet organizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda fl-okkażjoni tas-70 Anniversarju u ttellgħet fil-Foyer tal-Parlament ta' Malta fil-Belt Valletta.

6 ta' Diċembru 2017 – Sar Coffee Morning speċjali tal-Milied ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

7 ta' Diċembru 2017 – Fil-Każin saret l-ikla annwali għall-bandisti, il-membri tal-Kor u l-membri tal-Kumitati u tal-Kummissjonijiet tal-Għaqda Mużikali Imperial flimkien mal-familjari tagħhom.

14 ta' Diċembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral ta' Marija Buttigieg, omm is-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttigieg u omm il-President tal-Każin Laburista tal-Mellieħa s-Sur Michael Buttigieg.

17 ta' Diċembru 2017 – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa r-Riviera Resort & Spa, fil-Marfa.



20 ta' Diċembru 2017 – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-Paradise Bay Resort Hotel, fil-Mellieħa.



23 ta' Diċembru 2017 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert tal-Milied mill-Voca Gospel Choir and Band fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata bħala parti mill-Festival Internazzjonali Milied Mellieħi 2017 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

24 ta' Diċembru 2017 – Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' Għanjiet tal-Milied quddiem il-Każin tal-istess Għaqda fil-Pjazza tal-Parroċċa bħala parti mill-Festival Internazzjonali Milied Mellieħi 2017 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

26 ta' Diċembru 2017 – Sar il-funeral ta' Dolores Cutajar, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

26 ta' Diċembru 2017 – Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' Għanjiet tal-Milied ġewwa l-Maritim Antonine Hotel & Spa, fil-Mellieħa.

27 u 28 ta' Diċembru 2017 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem permezz ta' bejgħ ta' mqaret waqt il-Festival Internazzjonali Milied Mellieħi 2017 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

29 ta' Diċembru 2017 – Il-Banda u l-Kor Imperial esegwew programm ta' Għanjiet tal-Milied fid-dar tal-anzjani "Dar il-Madonna tal-Mellieħa", fil-Mellieħa.

3 ta' Jannar 2018 - Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

6 ta' Jannar 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal riċeviment organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda bħala awgurju għall-ħidma matul is-Sena l-Ġdida li sar fil-Każin tal-Banda King's Own, il-Belt Valletta.

20 ta' Jannar 2018 – Il-Banda Imperial ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ftuħ Uffiċjali tal-"Valletta 2018" li saru biex jimmarkaw l-avveniment storiku fejn il-Belt Valletta ħadet it-titlu ta' Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura. Il-Banda Imperial daqqet marċi fi Triq Ġilormu Cassar fil-Belt Valletta bħala mass band ma' żewġ baned oħra, il-Banda L'Isle Adam tar-Rabat (Malta) u l-Banda Beland taż-Żejtun.



23 ta' Jannar 2018 – Sar il-funeral ta' John Borg, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

3 ta' Frar 2018 – Sar il-funeral ta' Michelle Sharma (nee Debono), membru tal-Banda Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

4 ta' Frar 2018 – Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' "Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta. Flimkien mal-Banda Imperial ħadet sehem ukoll is-Società Filarmonica "Principessa Jolanda" minn Mathi ġewwa l-Italja u ż-żewġ baned daqqew żewġ siltiet tradizzjonali f'mass band.

7 ta' Frar 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

17 ta' Frar 2018 – Saret is-Seduta Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial fis-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ngħata rendikont tal-ħidma fi ħdan l-Għaqda tul dawn l-aħħar sentejn u ġie elett Kumitat Direttiv ġdid għas-snin 2018-2019.

22 ta' Frar 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa dwar il-Proġett "Resilient Communities" organizzata mill-CORE Platform, SOS Malta u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fis-sala tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

26 ta' Frar 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Każini tal-Banda li saret fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam fir-Rabat, Malta. F'din il-laqgħa ġew maħtura l-membri tal-Eżekuttiv il-ġdid għas-snin 2018-2019.

2 ta' Marzu 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' Wirja Kollettiva ta' artisti Melleħin organizzata mis-Società Filarmonica La

Vittoria b'risq il-Fondazzjoni Puttinu Cares.

7 ta' Marzu 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

7 ta' Marzu 2018 – Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u bil-kollaborazzjoni tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa ġie organizzat qrar minn Patri Dijonisju Mintoff ġewwa l-każin.

11 sat-18 ta' Marzu 2018 – Membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipaw waqt l-eżerċizzi għaż-żgħażagħ organizzati mill-Parroċċa Arċipretali tal-Mellieħa.

12 ta' Marzu 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal riċeviment ġewwa Palazzo Xara fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam organizzat mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp flimkien mal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp.

13 ta' Marzu 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa ta' informazzjoni organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bi preparazzjoni għall-attivitajiet li se jkunu qed ifakkru l-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

21 ta' Marzu 2018 – Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonica La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni taċ-Ċenaklu fuq Rit Lhudi fl-istess Każin.

25 ta' Marzu 2018 – Kunċert annwali ta' Ħadd il-Palm mill-Banda u l-Kor Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ġewwa l-Knisja Arċipretali Marija Bambina, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa. Flimkien mal-Banda u l-Kor Imperial ħa sehem il-kantant Damian Buhagiar.





28 ta' Marzu 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-Kunċert Anima Christi organizzat mill-Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina' fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.

29 ta' Marzu 2018 – L-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipat fil-Viżti tas-Sepulkru fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka.

3 t'April 2018 – Saret il-laqgħa ġenerali tal-Banda u l-Kor ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin. Matul din il-laqgħa ġiet maħtura l-Kummissjoni Banda u Kor għas-snin 2018-19.

4 t'April 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

12 t'April 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tnedija tal-inizjattiva "Festi Inklussivi" mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva ġewwa l-Qawra Palace Hotel, il-Qawra.

21 t'April 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tberik annwali tas-soċjetajiet Melleħin mill-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mellieħa, Dun Joe Caruana, li din is-sena sar fil-Każin tas-Società Filarmonica La Vittoria.

21 u 22 t'April 2018 – Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem fil-proġett "Sentieri" imtella' minn Azul Teatro ta' Viareggio, l-Italja, fil-Park tal-Majjistral bħala parti minn "Altofest Malta 2018", attività organizzata mill-Fondazzjoni Valletta 2018.

27 t'April 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għat-tnedija tal-iskema amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Każini tal-Banda bl-isem ta' "Finanzjament għall-Ħidma fil-Każini tal-Banda" mill-Ministru tal-Kultura l-Onorevoli Owen Bonnici ġewwa l-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta.

28 t'April 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal seminar organizzat mill-Għaqda Każini tal-Banda bit-tema "It-triq 'il quddiem" li sar fil-Kumpless tal-Patrijiet Tereżjani f'tas-Silġ, Marsaxlokk.

2 ta' Mejju 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

5 ta' Mejju 2018 – Ġewwa l-Każin Imperial saret il-finali tal-kompetizzjoni tal-isnooker organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



11 ta' Mejju 2018 – Ġie organizzat workshop mill-CORE Platform, SOS Malta u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda

Mużikali Imperial bħala parti mill-Proġett "Resilient Communities" ġewwa s-sala ewlenija tal-Każin Imperial. Għal dan il-workshop attendew grupp ta' tfal mill-Iskola Primarja tal-Mellieħa, membri tal-komunità kummerċjali tal-Mellieħa u membri ta' għaqdiet volontarji. Indirizzaw il-workshop is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet l-Onor. Silvio Parnis, is-Sindku tal-Mellieħa s-Sur John Buttigieg, u l-President tal-CORE Platform is-Sinjura Helga Ellul.



11 ta' Mejju 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' pittura ta' Matthew Cassar bit-tema Seascapes ġewwa l-każin tas-Società Filarmonica La Vittoria.

11 ta' Mejju 2018 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ organizzat pasta night fil-Każin Imperial fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.



14 ta' Mejju 2018 – Sar il-funeral ta' John Borg, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

18 ta' Mejju 2018 – Sar il-funeral tat-tabib Joseph Grech Attard, Membru Onorarju tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

23 ta' Mejju 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet u l-artisti tal-Mellieħa u l-Manikata.

2 ta' Ġunju 2018 – Delegazzjoni magħmula mill-ambaxxaturi f'Malta taċ-Ċina, l-Indja u l-Irlanda



flimkien ma' familjari tagħhom għamlu żjara ġewwa l-każin tal-Għaqda Mużikali Imperial, akkumpanjati mis-Sindku tal-Mellieħa u kunsilliera.

3 ta' Ġunju 2018 – Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

6 ta' Ġunju 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

8 ta' Ġunju 2018 – Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.



15 ta' Ġunju 2018 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ organizzat pizza night fil-Każin Imperial fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier.

20 ta' Ġunju 2018 – Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali fil-Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa, bħala parti mill-attivitajiet waqt il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



4 ta' Lulju 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

4 ta' Lulju 2018 – Sar il-funeral ta' Salvu Muscat, membru tas-Soċjetà, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr, Malta. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

8 ta' Lulju 2018 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

10 ta' Lulju 2018 – Sar il-funeral ta' Odette Zammit, membru tal-Kor Imperial. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral. Il-Kor Imperial ħa sehem waqt il-quddiesa praesente cadavere.

14 ta' Lulju 2018 – Sar il-funeral ta' Joseph Bartolo, President Onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial. Is-Sur Bartolo serva 'il fuq minn ħamsin sena f'diversi karigi fil-Kumitat Direttiv, fosthom

bħala Kaxxier u anke bħala President, u għamel diversi snin idoqq mal-Banda Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

18 ta' Lulju 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bi preparazzjoni għall-Festa ta' Marija Bambina.

25 ta' Lulju 2018 – Il-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial organizza riċeviment għar-Reverendu Monsinjur Dun Mosè Debono fl-okkażjoni ta' għeluq id-90 sena tiegħu bil-parteċipazzjoni tal-Kor Imperial.



26 ta' Lulju 2018 – Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2018 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

28 ta' Lulju 2018 – Kunċert mill-Kor Imperial fis-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



1 t'Awwissu 2018 – Sar Coffee Morning ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

3 t'Awwissu 2018 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ organizzat mawra bid-dgħajsa għal Kemmuna u barbecue fuq l-istess dgħajsa.




11 t'Awwissu 2018 – Sar il-funeral ta' Emanuel Xiberras, membru tas-Soċjetà. Indaqqet fanfarra u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

11 t'Awwissu 2018 – Membri tal-Banda Imperial daqqew fanfarra fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena tas-Sinjura Maria Cauchi qabel il-quddiesa ċċelebrata fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa.

14 t'Awwissu 2018 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

19 t'Awwissu 2018 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

20 t'Awwissu 2018 – Sar il-funeral ta' Anita Gray, membru tal-Banda Imperial. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

26 t'Awwissu 2018 – Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.

George's Bakery

22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



# Nifirħu lil ...



(Sors: Kunsill Lokali Mellieħa)

- Lis-Sur Alfred Vella Borg li ngħata l-Onoreficċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa.
- Lill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, lis-Sur Joseph Debono u lil Mro Joseph Vella li ngħataw l-Onoreficċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa.
- Lis-Sinjorina Maria Grima, lis-Sur Joseph Pace u lis-Sinjura Josephine Zarb li ngħataw l-Onoreficċenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.
- William Chetcuti li rebaħ id-Double Trap International Grand Prix li sar f'Ċipru fi Frar 2018.
- Antonia Micallef, ġurnalista Melleħija tal-PBS, li rebħet l-ewwel premju fil-kategorija "Ġurnaliżmu Mxandar – Skript Televiżiv – *Features*" fit-28 edizzjoni tal-*awards* tal-ġurnalisti li jingħataw mill-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin li saret nhar it-8 ta' Mejju 2018.
- Kunsill Lokali tal-Mellieħa li għat-tieni sena konsekuttiva ġie fl-ewwel post fil-kategorija tal-Kunsilli Lokali f' "*The Maltese Olympic Sports Award Ceremony 2017*", fejn ġie premjat għall-"*Outstanding Sporting Achievements and Initiatives*", kif ukoll ġie fit-tieni post fil-kompetizzjoni Premju Nazzjonali għall-Intrapriża organizzat mid-Dipartiment tal-Kummerċ bl-inizjattiva "Attivitajiet u Proġetti biex ngħollu isem il-Mellieħa".
- L-Iskola Primarja tal-Mellieħa li għat-tielet darba konsekuttiva rebħet il-premju prestiġjuż *Green Flag Award*.
- It-team tal-*football* tal-Mellieħa li ġew promossi għat-Tieni Diviżjoni fil-Kampjonat tal-MFA 2017/2018.
- Wilfred Cross li rebaħ il-final tal-kompetizzjoni tal-i*snooker* organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.
- L-iskultur Mellieħi Emanuel Cini li rebaħ it-tieni premju waqt is-serata "Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2017" organizzat mid-Dipartiment tal-Kummerċ b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar permezz tal-arkivju li ddisinja għas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija taż-Żebbuġ, Għawdex.

- Francis Vella li rebaħ il-“*Most Innovative Product: Non-precious Materials*” waqt is-serata “Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2017”, bix-xogħol Karozzin bl-Arkett.
- Michele Vella li kien wieħed mill-istudenti li ħadu sehem fl-attivita “Brillantini tal-Qari” fejn daqq żewġ siltiet mużikali fuq iċ-ċello akkumpanjat fuq il-pjanu minn Mariette Borg.
- Iż-żagħżugħa Melleħija Alexia Micallef li flimkien ma’ studenti oħra mill-Iskola Santa Monika, rebħu kompetizzjoni nazzjonali bil-filmat li għamlu “*Litter Less Campaign*”.
- L-istudent tal-iskola Primarja tal-Mellieħa Neil Sant li ġie nnominat biex jieħu sehem fl-attività “Brillantini tal-Kitba” mtella’ mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ġewwa Ruma.
- Ir-resident tal-Manikata Ben Farrugia li rebaħ il-Premju *D&T Best Project Award 2018*, fil-kategorija ta’ *Year 10* fil-“*Malta Design & Technology Expo*”.
- Emma Cutajar li ħadet sehem fil-“*Euro Stars International Festival*” fejn rebħet il-*First Diploma* u ġiet mistiedna biex tieħu sehem fil-“*Music for Kids*” fir-Rumanija.
- Il-kokijiet żgħażagħ Thomas Borg, Thomas Stellini u Ryan Vella li bejniethom rebħu diversi Medalji tal-Fidda waqt ir-raba’ edizzjoni ta’ “*VIVANDA – Chef Challenges, Food and more*” fejn ħadu sehem kokijiet lokali u internazzjonali.
- Daniela Bezzina li rebħet it-titlu ta’ “*World Next Top Model Malta 2018*” bħala Miss Mellieħa u li rrappreżentat lil Malta fil-Libanu fejn ikkompetiet ma’ mudelli oħrajn minn madwar id-dinja kollha f’Konkors ta’ Sbuħija.
- Mirielle Borg li attendiet kors ta’ kitba kreattiva “Taħżiż 5” organizzat mill-Għaqda tal-Malti Università b’kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ u kellha waħda mill-kitbiet tagħha magħżula biex tkun ippubblikata.
- Ħames tfajliet mill-Mellieħa, Analise Caruana, Nicole Cilia, Yanika Debono, Shania Gheiti, u Chayenne Muscat, li ġew magħżula biex jagħmlu parti mit-tim Nazzjonali Malti tan-Netball ta’ taħt il-21 sena, u lil Joyce Vella-Dean li ġiet magħżula bħala *assistant coach*.
- John Cutajar li ħa sehem fil-kompetizzjoni “*Open Europe International Contest of Arts For The Young Talents*” fil-kategorija *piano solo* u rebaħ il-*Grand Prix* li kien mogħti mid-diretturi tal-festival.
- Alison Joy Farrugia li ħadet sehem fil-proġett “*Euroscola*” f’dibattiti dwar temi relatati mal-ħidma tal-Unjoni Ewropea li sar fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Strasbourg.
- Mellieħa Youth li kklassifikaw bħala finalisti għall-Premju Żgħażagħ 2017 organizzat mill-Moviment Kerygma.
- Sabrina Grima li rebħet “*IFBB Malta’s Bikini Champion 2018*” *tall class and overall winner*, u ġiet fit-tielet post fil-kompetizzjoni tad-“*Diamond Cup Malta*” u fit-tieni post fil-“*Madrid Diamond Cup*”.
- Antoinette Borg li ngħatat il-premju Letteratura Żgħażagħ organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Aġenzija Żgħażagħ għar-rumanz il-ġdid tagħha (Ri)ġenerazzjoni.
- Mireya Cassar li rebħet tliet medalji tal-fidda fis-*Shot put*, *Discus* u *Hammer* u medalja tal-bronż fil-*Javelin* waqt il-“*COJL Island Games 2018*”.
- Mro. Mark Cachia u s-Sur Philip Vella li l-kanzunetti tagħhom għaddew għall-finali tat-42 Edizzjoni tal-“Għanja tal-Poplu”.
- Alexia Farrugia u Francesca Vella li jattendu *Artemocion Dance & Leisure Studio*, li ngħataw premju mill-*International Dance Teachers Association* għall-istudenti barranin f’*Grade 4 Modern Jazz Exam*.
- Emma Cutajar li ġabet l-ogħla marka u kklassifikat l-ewwel minn fost l-istudenti kollha ta’ Malta fl-eżami *Trinity Rock and Pop Grade 4*.
- Antoinette Corby li rċeviet il-premju ta’ *best player* tat-Tieni Diviżjoni mill-Malta Netball Association.
- Luke Xuereb li ntgħażel bħala ‘*Best Grassroots Referee of the Year*’ għall-istaġun 2017/2018 waqt il-Preżentazzjoni Annwali organizzata mill-*Malta Football Referees Association*.
- Gradwati kollha li ggradwaw fl-istudji rispettivi tagħhom. Nawgurawlhom is-suċċess kollu li ħadmu għalih matul dawn is-snin ta’ studju.

# J. Vella

Għal kull xogħol ta' kisi, żebgħa u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




# IR-RAZZETT FRUIT SHOP

**BEST QUALITY FRUIT AND VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545

Paws'n'Claws

# Pet Shop

Grooming by appointment



Find us on Facebook
Paws 'n' Claws Malta

Triq L-Għorgħar, Mellieħa
Tel: **2152 2717** MLH1347
Mob: 9988 3434
email: jvpawsandclaws@gmail.com

MĠARR United Bar & Restaurant
Since 1995

**MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT**
Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground)
**T: 2157 4630 M: 7905 0283**





# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Jimmy Muscat**
2 ta' Settembru 2017

**Charles Vella**
**(Sydney – Australia)**
18 ta' Diċembru 2017

**Charlie Camilleri**
**(Sydney - Australia)**
19 ta' Diċembru 2017

**Dolores Cutajar**
21 ta' Diċembru 2017

**John Borg**
22 ta' Jannar 2018

**Michelle Sharma**
**(née Debono)**
29 ta' Jannar 2018

**John Borg**
11 ta' Mejju 2018

**Dr Joseph Grech Attard**
17 ta' Mejju 2018

**Salvu Muscat**
2 ta' Lulju 2018

**Odette Zammit**
8 ta' Lulju 2018

**Joseph Bartolo**
11 ta' Lulju 2018

**Emanuel Xiberras**
9 t'Awwissu 2018

**Anita Gray**
17 t'Awwissu 2018









# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal ikla fniek u xarba ġenwina mal-ħbieb bi prezzijiet raġonevoli*

**7, Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa**

**Tel: 2152 3467**

*Il-familja Xuereb (tal-Kukka) tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd u jirringrazzjaw lill-klijenti kollha.*




# 2019 B&B À DISNEYLAND® PARIS

BOOK NOW AND SAVE UP TO **€500** PER FAMILY

Terms and conditions may apply

**3** NIGHT PACKAGES STARTING FROM **€169**

**7** NIGHT PACKAGES STARTING FROM **€239**

ROCS travel

2015 15 15

TRAVEL@ROCSGRP.COM | ROCSHOLIDAYS.COM

FLORIANA | MOSTA | MELLIEHA | THE POINT

# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial 2017



*L-Onorevoli Clayton Bartolo jippreżenta trumbetta u mużika lill-Banda Imperial.*



*L-Onorevoli Ministru Evarist Bartolo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Minstru Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.*



Is-Sindku John Buttigieg u l-Kunsillier Hilary Fenech jippreżentaw donazzjoni bħala parti mill-ftehim kulturali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-għaqdiet Melleħin.



Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Barbara u Borg.



Is-Surmast Anthony Borg jippreżenta donazzjoni f'isem is-Sinjuri Sam u Tessie Vella, Vince u Rita Borg, Charlie u Pia Grech, u Louis u Josephine Borg, emigranti mill-Awstralja.



Is-Sur Louis Sammut jippreżenta mużika f'isem il-Familja Sammut.



Is-Sinjura Victoria Vella tippreżenta donazzjoni f'isem il-Familji Cuschieri, Caruana u Vella.



# Programm tal-Festi
## organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad unur ta'
# Marija Bambina
## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

### Il-Ġimgħa 24 t'Awwissu 2018

**8.00p.m.** *Barbecue* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali: Joe Demicoli.

### It-Tnejn 27 t'Awwissu 2018

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### It-Tlieta 28 t'Awwissu 2018

**7.30p.m.** Kunċert tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### L-Erbgħa 29 t'Awwissu 2018

**7.30p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ħamis 30 t'Awwissu 2018

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### Il-Ġimgħa 31 t'Awwissu 2018

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

### Il-Ħadd 2 ta' Settembru 2018

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

### It-Tnejn 3 ta' Settembru 2018

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti, u membri tal-Kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

### It-Tlieta 4 ta' Settembru 2018

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.



## L-Erbgħa 5 ta' Settembru 2018

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq N. Caruana Dingli u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il- Ħamis 6 ta' Settembru 2018

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq V. Ciappara u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2018

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**8.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## Is-Sibt 8 ta' Settembru 2018

**5.30p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd 9 ta' Settembru 2018

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-*Hop On Hop Off* mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-snin ta' qabel.

# Abela Norbert Joiners

High quality locally manufactured furniture according to client's requirements



59, Triq In-Naħal, Mellieħa

Tel: 21523853 Mob: 99476620

Find us on: facebook

*Feel the Nature... as we bring Life to your Surroundings*





Specialising in natural stone decor for interior decorating and exterior landscaping. Products include feature wall coverings, mosaics, pebbles, paving, slate tiles & more...

STONEAGE

Decorative Concrete & Natural Stones

**TRIQ SAN SILVESTRU, MOSTA**

**T.** 21 423 662 **M:** 9952 6254 **E.** info@stoneage.com.mt **W.** www.stoneage.com.mt

Find us on: facebook



# Activities Organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of Our Lady of Victories

## Patron Saint of Mellieħa

### Friday 24th August 2018

**8.00p.m.** Barbecue organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Special guest: Joe Demicoli.

### Monday 27th August 2018

**6.30p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee of the Imperial Band Club.

### Tuesday 28th August 2018

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the Club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the Club's musical director.

### Wednesday 29th August 2018

**7.30p.m.** General rehearsal by the Imperial Band and Choir in the Club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the Club's musical director.

### Thursday 30th August 2018

**8.00p.m.** Annual Get Together for the Emigrants at the Imperial Band Club.

### Friday 31st August 2018

**6.30p.m.** The Imperial Band Club will be participating in a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church on the occasion of the day dedicated to civic societies.

### Sunday 2nd September 2018

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir in the Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

### Monday 3rd September 2018

**8.00p.m.** A reception will be held at the Imperial Band Club for the committees, band and choir members, together with their guests.

### Tuesday 4th September 2018

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to the Mellieħa Parish Square.

### Wednesday 5th September 2018

**8.00p.m.** Band marches by the L'Isle Adam Band of Rabat, Malta, from N. Caruana Dingli Street to the Mellieħa Parish Square.

### Thursday 6th September 2018

**8.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from V. Ciappara Street to the Mellieħa Parish Square.

### Friday 7th September 2018

**7.00p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street corner with Cross Street to the Mellieħa Parish Square.

**8.30p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the Club's Band Stand, followed by the Band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

### Saturday 8th September 2018

**5.30p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to the Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the Club's Band Stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

### Sunday 9th September 2018

**5.00p.m.** An outing will be organised by the Ladies Committee on the Hop On Hop Off Buses to round off the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the Youths Section.


AL PONTE
PIZZERIA • RESTAURANT
Open Daily for
Lunch & Dinner
from 11:00 hrs
2289 2289
/alponterestaurant
alponterestaurant.com
call for take away
2289 2289
Maritim Antonine Hotel & Spa
George Borg Olivier Street, Mellieha


Les Jardins
restaurant
Sunday Buffet
Lunch
A culinary event
for all the family
opening in October
Packages also available
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
/maritim.malta
www.maritim.com.mt
2289 2000
events@maritim.com.mt



# Ġużepp Bartolo - L-Umli Maħbub

Philip Borg

Fil-paġni tal-Istorja taċ-ċiviltajiet kollha nsibu dawk li ħallew isem fost il-ġnus u oħrajn li tellfu l-ġieħ ta' dinastiji u monarkiji sħaħ. Hemm dawk li sabu ruħhom fil-għoli bla xejn taħbit għax inzertaw twieldu fuq satin fin qalb il-linef u l-pavaljuni tal-palazzi. Hemm oħrajn li mqar jekk twieldu fuq it-tiben jew silla, qatt ma biss ħolmu li għax ħadmu qatigħ se tkun tixirqilhom kull kariga u kull stima ta' ġenshom. Tassew, il-kejl tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna mhux fil-qies ta' mnejn ġejna, imma safejn wasalna.



*Ġużepp Bartolo tal-Imperial*

Hekk għaddew bħal ħżuż mgħaġġlin il-ħsibijiet minn moħħi meta s-Sibt li għadda l-Mellieħa sellmet għall-aħħar darba lil Ġużepp Bartolo - ta' Selmun, tal-posta jew tal-Imperial, kif konna nsibuh aħna li konna nafuh. Tfaċċaw ritratti f'moħħi ta' raġel ħabrieki f'kulma jagħmel, lest bi tbissima ġenwina, mehdi bl-għożża tal-familja, iħabrek b'ħeġġa kbira u jixtieq kellu seba' saħħiet biex ilaħħaq ma' kollox.

Fis-skiet ħsibt fil-kobor umli ta' Ġużepp. Kobor sieket imma ġenwin, li ma ssibux f'kulħadd kif ġieb u laħaq. Madwarna, fid-dinja kollha, nafu b'nies li jiddandnu għax ta' madwarhom jgħidulhom eċċellenza jew onorevoli għax, kif kont qed ngħid, kienu ambizzjużi jew b'xi mod sabu ruħhom f'xi kariga li għandha dawk it-titli marbutin magħha bħala tradizzjoni. Imbagħad hemm oħrajn li m'għandhomx bżonn titli biex juru xi jsarrfu. L-unur ġenwin jispikka fihom iktar milli jixxaħxaħ fit-titlu onorevoli. L-imġiba tajba u ġenwina ta' ħajjithom taf tkun akbar u tinħass aktar fil-fond milli fit-titli tal-eċċellenzi.

Nistħajjel kieku qed jismagħni ngħid dan kollu bħalissa Ġużepp, wiċċu kien jiħmar u rasu tixxengel kif soltu kien jagħmel meta xi ħadd ifaħħru jew jifraħlu għal xi biċċa xogħol li jkun għamel. Kien - u jibqa' fil-memorja tagħna - eżempju bnin ta' kif ħaddiem jaf jogħla mill-modestja bil-bżulija għall-istima ta' kull min kien jafu. Jien niftakru ħabib kbir ta' missieri Ġużeppi, it-tnejn mill-irħajjel sbejjaħ ta' Selmun, biex issa reġgħu ltaqgħu jkomplu l-ħbiberija f'mergħat aktar mifruxa u safja fl-eternità.

Tul il-karriera twila fil-posta, Alla biss jaf kemm ferraħ qlub li kienu jistennew bil-ħerqa li jieħdu aħbar uliedhom emigranti, meta biċċa karta ċelesti mitwija f'erbgħa, mimlija tislijiet sal-iċken rokna, kienet il-mezz waħdieni kif kienet tibqa' marbuta l-familja mill-bogħod sal-qrib. Min jaf Ġużepp kemm fetaħ xtiebi ta' rziezet biex newwel minnhom f'idejn jirtogħdu bil-ferħ. Min jaf ukoll kemm ra dmugħ iġelben ta' ommijiet u missirijiet meta kienu jitolbuh jieqaf ħdejhom biex jaqralhom x'ikunu kitbulhom uliedhom. Afli, kien żmien meta l-pustier ma kienx biss impjegat, imma baxxar tal-aħbar għal tant familji. Għax hekk kienet il-benna umana ġenwina qabel ivvintaw it-telefonija u l-għodod tat-teknoloġija - li ħafna llum jaħsbu li kienu minn dejjem ta' dejjem!

Għall-Melliħin, Ġużepp jibqa' aktar magħruf għas-snin twal ta' servizz bħala membru, kaxxier u president tal-Banda Imperial. Kienet it-tieni familja tiegħu u fi żmienu l-banda kibret, issaħħet u firxet sew il-popolarità tagħha. Kif nista' ninsa t-telefonata tiegħu kull sena, kmieni kmieni kif jgħaddi l-Għid biex naħsiblu għal artiklu għall-ktieb tal-festa tal-Banda Imperial. Kellu ħeġġa kbira għall-annwal tal-Imperial għall-festa.

Kienet tinħass f'leħnu li bi ħlewwa u sinċerità ta' min jemmen dak li qed jgħidli - imħabbat kemm kont inkun imħabbat - qatt ma stajt b'ebda mod ngħidlu le. Kellu dejjem ħerqa kbira li kemm ħija Pawlu u kemm jien niktbu xi ħaġa. Kont inħossha bħal

devozzjoni għall-ħbiberija li kellu għal missieri li tnejn minn uliedu jkunu parti mill-festa tal-Vitorja!

Dik it-telefonata ma naqsitx, dis-sena wkoll, u għidtlu li kien għadu kmieni wisq. Weġibni li aħjar wieħed jaħseb għax iż-żmien malajr jgħaddi. Tassew Ġuż, malajr għadda u ħadek miegħu imma ħallielna munġbell tifkiriet tal-kobor tiegħek - il-kuraġġ, il-ħeġġa, l-għaqal u l-ifjen kuruna fuq kulma kont u tibqa' tfisser għal kull min kien jafek - l-umiltà! Strieħ fis-sliem ħabib u s-sabar lill-familja kollha u lil sħabek tal-Banda Imperial!

Qatt ma xtaqt nikteb vers minn dan kollu għall-festa tal-Vitorja! Dis-sena l-festa se tkun differenti għalija u għal ħafna mingħajrek Ġuż, il-Ħallieq għażel li dis-sena lill-Bambina tgawdiha ferm eqreb fis-sema. Lilna ħallielna l-frott sabiħ tal-eżempji li tajtna. Il-Banda Imperial u l-komunità Melliħija ma jħossuhomx orfni bit-tluq tiegħek din is-sena, għax sehmek u l-frott tiegħu jibqa' jtul is-snin. Huwa l-eżempju, hija x-xhieda ta' nies bħalek Ġuż li jagħnu l-mixja taċ-ċiviltà umana!

Sa ma nerġgħu niltaqgħu, grazzi li kont teżor ta' umiltà fostna!

*18.07.2018*





**DAILY FRESH IS BEST**
We also produce Fresh Traditional
100% Pure Cheeselets
at our sheep farm
***Ġbejniet Friski***
Door to Door Free Delivery
Especially in the North

***For orders call Mark on***
***7747 7427 / 9947 7427***



**Evergreen**
*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet




**V. Debono**
*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,**
**Triq l-Għoljiet,**
**il-Mellieħa**




# Tifkiriet...

Minn Michelle Sharma

**Nota Editorjali:**

*Dan l-artiklu kien deher fil-ktejjeb li l-Għaqda Mużikali Imperial ippubblikat fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja 2004. Permezz tal-pubblikazzjoni mill-ġdid tiegħu, il-Bord Editorjali jixtieq isellem il-memorja ta' Michelle Sharma née Debono, bandista tal-Banda Imperial li għaddiet għal ħajja aħjar nhar id-29 ta' Jannar 2018.*



Qisu l-bieraħ. Bil-qiegħda fil-karozza, missieri jsuq u qed jisma' xi marċi fuq *tape*. Billi konna l-Awstralja, il-marċi ma kienu jfissru xejn għalija. Iżda kien hemm Innu li kien iġib demgħa f'għajnejn missieri kull darba li kien jisimgħu… u għalhekk laqatni dan l-Innu. Wara xi żmien tgħallimt li kien l-Innu Lil Bambina. Kien għad għandi xi tmien snin u wara xi mistoqsijiet 'l hawn u 'l hemm sirt naf li fil-Mellieħa kien hemm il-Każin Imperial u, skont missieri, l-aqwa banda f'Malta. L-Innu kien tagħhom u kien jindaqq fi żmien il-Vitorja. Ta' tifla li kont saret ħolma li xi darba ndoqq l-Innu. Forsi ħolma ta' dak il-ħin, forsi ħolma ta' tifla li kont, forsi għax rajt kemm din il-banda u l-każin ifissru għal missieri.

Bdejt nitgħallem indoqq u ta' disa' snin ħriġt indoqq ma' 'Lady Queen of Peace Parish Band' ġewwa Sydney. Bil-kemm għalaqt sena ndoqq magħhom li ommi u missieri ddeċidew li jerġgħu lura Malta u f'kemm ilni ngħidlek sibt ruħi ġewwa l-Mellieħa. Post sabiħ ferm, post żgħir, post ġdid. Lanqas dam xejn missieri ma ħadni nara l-Każin u f'temp ta' ġimgħa kont qiegħda bilqegħda għall-kunċerti.

Għall-ewwel ħassejtni daqsxejn bħal ħuta barra mill-ilma, iżda malajr għamilt ħbieb ma' bandisti oħra. L-ewwel post li daqqejt kien fil-pjazza stess. Tellgħu l-iljuni ġodda fuq il-bejt u ma waqfux ikantaw l-innu 'Tal-Iljun'. Ħsibt li n-nies kollha preżenti tilfu rashom. Lanqas biss kont nifhem fuq xiex qegħdin jagħmlu dan l-għaġeb kollu.

Għaddew ftit snin u sibt ruħi fil-Kumitat Żgħażagħ. Dak kien żmien!!! Wieħed mill-perjodi l-aktar sbieħ ta' ħajti. Għamilt ħbieb li għadhom l-akbar ħbieb tal-qalb sal-lum il-ġurnata. Kemm għamilna praspar! Mixjiet fil-kampanja, *barbecues* fejn il-baħar, *pasta-nights*, Diskos tal-Karnival. U l-festi!! Kemm briju u kant! Kemm dħakna, kemm bkejna, kemm iġġilidna, kemm tgħallimna!

Iż-żmien jgħaddi. Kollha kbirna. Studjajna u bdejna naħdmu. Ir-responsabiltajiet f'ħajjitna żdiedu u l-ħin li kellna għall-każin naqas. Jien kont waħda li sifirt u għalhekk m'għadnix inkun l-Imperial ħlief meta niġi fuq xi vaganza. Illum sirt omm u l-aktar ħaġa li nixtieq hi li t-tifel isir jifhem xi tfisser għalija l-Mellieħa u l-Każin Imperial. Illum sirt nifhem ħafna għaliex missieri kienet tiġih demgħa kull darba li kien jisma' l-Innu għax hekk ukoll jiġrili jien. Il-Każin Imperial huwa aktar milli sempliċi każin. Huwa familja kbira mimli għaqda. Post fejn qattajt żogħżiti. Post fejn jinsabu sħabi kollha. M'huwa xejn mingħajr iż-Żożi fil-bar, il-Ġina jonfoħ kemm jiflaħ fl-Istrument, l-aħwa Josef u Tonio, il-President Ġużepp, sħabi li kbirt magħhom: Anne-Marie, Norbert, Kathlene, Roseanne, Johnny, Steven, Jason u Shawn biex insemmi biss ftit; Carmen u Vivie li sibthom dejjem hemm meta kelli bżonnhom, u ovvjament missieri li kieku ma kienx għalih ma kontx insib din il-familja kbira li tfisser daqshekk għalija.

Waslet Vitorja oħra u għalkemm miniex se nkun hemm preżenti, mill-Indja se nkun qegħda naħseb fikom kull ħin u mument f'din il-ġimgħa. Inħobbkom ħafna u nimmissjakom kollha speċjalment f'dan iż-żmien. Jalla jkollkom Vitorja mill-Isbaħ!



# Tifkiriet sbieħ ta' Jimmy Muscat

Grazio Barbara

L-ewwel ħsibijiet tiegħi jmorru fix-xahar ta' qabel il-festa meta l-Għaqda Mużikali Imperial tkun qed tipprepara biex tkun tista' toħroġ dan il-ktejjeb tal-festa.

Jien u Jimmy konna nieħdu ħsieb il-qari tal-provi tal-artikli li l-Bord Editorjali kien jgħaddilna biex nagħtuhom daqqa t'għajn. Dan isir biex kemm jista' jkun l-artikli jarawhom erba' għajnejn għal Malti miktub kif għandu jkun speċjalment wara l-ħruġ tad-Deċiżjonijiet 1 mill-Kunsill tal-Malti.



Konna nqattgħu sigħat flimkien naqraw, nikkoreġu u niddiskutu xi kelma kif għandha tinkiteb billi nsibu l-għerq tagħha u nkomplu niddiskutu minn hemm. Kultant meta tkun qed tikkoreġi, tidħol f'dubju li ma tkunx qed tistenna. Imma b'diskussjoni bejnietna konna naslu għal dak li rridu.

Ma kinux jonqsu min-naħa ta' Jimmy xi stejjer jew anneddoti fuq xi ħaġa li nkunu qegħdin naqraw. Nista' ngħid li Jimmy, bl-esperjenza vasta li kien iħaddan, kien enċiklopedija fuq suġġetti relatati mal-Mellieħa, speċjalment fuq is-Santwarju.

F'dawn id-diskussjonijiet tgħallimt ħafna mingħandu fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Mellieħa bħalma huwa d-djalett, postijiet storiċi, drawwiet, il-festa fl-imgħoddi u diversi suġġetti oħra. Kien ikun tagħrif ġdid speċjalment għalija li mhux imwieled u mrobbi fir-raħal pittoresk tal-Mellieħa.

Ma nista' ninsa qatt ukoll is-sehem tiegħu fil-Fiera tal-Ktieb li jien inżur kull sena. Dejjem kont insibu fuq l-istand tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fejn bejn kelma u oħra, malajr kienet tgħaddi xi siegħa. Matul dan il-ħin kont nammira li ma kienx jonqos li jagħti wkoll pariri u tagħrif fuq il-Mellieħa lil kull min kien jieqaf biex isaqsi xi ħaġa u jixtri xi ktieb. Kont nibqa' hemm biex nisimgħu jfisser u jfiehem b'dak il-mod paċenzjuż tiegħu u wara li dak li jkun jitlaq, konna nkomplu d-diskursata bejnietna sakemm jerġa' jitfaċċa xi ħadd ieħor.

Jimmy dejjem kien jilqgħek bi tbissima fuq wiċċu, iħabbrek b'ħeġġa kbira f'dak kollu li kien jidħol għalih, fejn ma kien jiddejjaq xejn imidd idejh anke għal xogħol manwali. Kien jixtieq li kellu ħafna aktar ħin mill-24 siegħa tal-ġurnata biex ilaħħaq ma' kollox. Dan għaliex Jimmy ma kienx jaf jgħid le lil min kien jitolbu xi għajnuna. Titolbu x'titolbu kien jara kif jista' jgħin minn dak li seta' joffri.

Grazzi Jimmy tal-ħinijiet li qattajna flimkien għax l-ispjegazzjonijiet u t-tagħlimiet li ħadt mingħandek ma ninsiehomx.

Grazzi ħabib.




Tel:
2157 2984

Mob:
9944 6225



# L-Għanja tar-Rebbiegħa

Anthony Fenech

Meta x-xemx ħamranija titbissem
Mis-smewwiet lejn il-baħar flimkien
Meta l-art ħadranija tissebbaħ
Bl-isbaħ fjuri li jsebbħu l-widien!

Tisma' l-għana sabiħ tal-għasafar
X'ħin jittajru fuq siġar u għoljiet
Tara l-ħajja mill-ġdid qed tinbidel
U tmur lura għall-ħemda u skiet!

Jibda r-raba' jitħammar bis-silla
Ma' tant ħlejjaq jittajru f'kull ġnien
Tal-werżieq l-għanja tisma' bikrija
U n-natura tissebbaħ bil-ġmiel!

Hekk narak ja Rebbiegħa wisq sabiħa
Raġġ ta' tama għaż-zmien li ġej
Għax int xbieha ta' min lilek ħalaq
Inti għaxqa u ħolqien tal-Mulej!

Mela nħallu lil ruħna tingħaqad
Ma' dak sidha ħallieq ta' kull żmien
Ismu nbierku kemm issa u dejjem
Għax hu l-bidu, illum u l-ġejjien!

Ma nkunux għalhekk b'qalbna iebsa
Ejja nfaħħru l-għemil tal-Mulej
U nitgħaxxqu b'dak kollu li ħalaq
Nimxu warajk fl-isbaħ żmien illi ġej!

Ta' Rebbiegħa li hu jsaltan f'Saltnatu
Fejn hemm hena għal żmien infinit
Hemm it-tama għal min warajh jimxi
Hemm il-paċi u sliem li r-ruħ trid!

aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet
għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas
f'dawn il-kategoriji:

• Teorija tal-Mużika
• Strumenti tal-Injam
• Strumenti tar-Ramm
• Strumenti tal-Perkussjoni

Email: **info@imperialbandclub.com**

# ALKOVA

SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**

TONY'S BAKERY

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

***Tel: 2152 3432***
***Mob: 9945 1519***
***99451514***

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin kollha l-Festa t-Tajba

## DINGLI BUTCHER

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in**
**Maltese & European Fresh Meat,**
**Marinated Meats and Poultry,**
**Fresh made Kebabs,**
**Home Made Sausages & Burgers,**
**Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

*Free Delivery*




# Tower Ladder Services

Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678

# Kunċert Korali u Strumentali mill-Banda Imperial u Amadeus The Chamber Choir



Nhar il-Ġimgħa 27 t'Ottubru 2017, ġewwa Pjazza Ġwanni Pawlu II ittella' kunċert korali u strumentali mill-Banda Imperial flimkien ma' *Amadeus The Chamber Choir* minn Liverpool fir-Renju Unit. L-ewwel parti tal-programm kienet tikkonsisti f'kant korali mill-istess Kor. It-tieni parti kienet magħmula minn siltiet mużikali mill-Banda Imperial. Fil-final *Amadeus The Chamber Choir* u l-Banda Imperial ingħaqdu flimkien biex esegwew *Ave Verum Corpus* ta' Wolfgang Amadeus Mozart u *Benedictus* minn *The Armed Man* ta' Karl Jenkins.

Matul il-jiem li huma kienu fostna, l-*Amadeus The Chamber Choir* tellgħu kunċert fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex u fil-kripta tal-Pro Katidral Anglikan ta' San Pawl, il-Belt Valletta. L-istess Kor ta wkoll is-servizz tiegħu waqt is-servizz reliġjuż tal-Ħadd li sar fl-istess Pro Katidral.

### Amadues The Chamber Choir

Amadues The Chamber Choir twaqqaf fis-sena 2000 minn grupp ta' persuni li għandhom għal qalbhom il-kant. Matul dawn is-snin il-Kor tella' diversi kunċerti għall-karità. Kien mistieden ukoll biex ikanta f'postijiet magħrufa fosthom il-Katidrali ta' Durham, Southwall Minster, Hexham Abbey, Liverpool Town Hall u kif ukoll ġewwa Anfield – il-grawnd tal-Futbol ta' Liverpool F.C. – fir-Renju Unit.



Matul is-snin il-Kor kanta f'postijiet prominenti ġewwa l-Ewropa. Fost oħrajn insemmu n-Notre Dame ta' Pariġi, il-Knisja ta' Santa Maria Gloriosa dei Frari ġewwa Venezja u fis-sena 2009 ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma.

Id-Direttur tal-Kor huwa David Holroyd.



# Tlugħ ix-Xemx, f'Selmun

Joseph Felix Cachia

**B'dedika lil Joe Bartolo u Charles Vella (żewġt iħbieb kbar) li min jaf kemm raw tlugħ ix-xemx f'Selmun.**

Kif nista' ninsa lix-xemx ħamranija,
Tinfed kampnarek, eżatt ma' sbieħ il-jum?
Kif nista' ninsa dawk l-għodwiet sajfija,
Bis-serduq jidden, jamarli biex inqum?

Raġġi dehbija, imellsuli għajnejja,
Ħemda perfetta tinkiser minn serduq.
Żiffet il-punent, għad trid tonfoħ lejja,
Dalwaqt tisma' l-bilbla, tgħanni minn hemm fuq.

Id-dawl jitkattar, weraq jieħdu l-ħajja,
Ftit ftit jitħarrku. Iż-żiffa besithom.
Iż-żiemel jiżher. L-għammiela fi qtajja',
'L fuq itiru, ipejzu 'l seħbithom.

Jien nogħrok għajnejja, niftaħhom ftit, ftit.
Nіżżi ħajr lil Alla li tani jum ġdid.







# Opportunity dances with those already on the dance floor

Pippa Roberts

Steven Fenech has been wheelchair dancing since 2002 and unfortunately not been able to compete at the level of which he is capable as he did not have a regular partner. Since June 2018 he has fortunately found a young dance partner who really wants to dance. Sarah Farrugia has been dancing ballet since she was 5 years old at the Pippa Gee Dance Studio but has never danced Latin American or Ballroom, but took on the challenge to learn in time to compete in the German Open Championships, in August 2018. Steve and Sarah were placed third and were complemented on their achievement after such a short time. Pippa Roberts, their coach commented that she had never had such a dedicated dancer and is really looking forward to the future of the couple. It is so nice to see Steve happy and enjoying his dancing again. They are now practicing for the Malta Open Dance Spectacular which is to be held on 24/25 November 2018 at the University Sports Hall, Msida. As 13 countries will be attending they are taking it very seriously.




Steve encourages anyone who is in a wheelchair, whatever their age, to try wheelchair dancing. "I never thought I would be able to dance yet here I am doing just that!" If anybody could help him by sponsoring, it would be very much appreciated by this fantastic couple. Malta is unfortunate in that every competition means the cost of air fares and hotels, something that other countries can often avoid.

Just remember, Steve says "ANYONE CAN DANCE"



For more information contact
the Secretary Steven Fenech at:
**maltawda@yahoo.co.uk**
visit the website: **www.maltawda.com**
or the facebook page.



# Ħarġa Kulturali Sqallija

**Josepha Vella**

Wieħed mill-għanijiet tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial huwa li torganizza attivitajiet għall-komunità Melleħija sabiex tkompli tressaq iktar nies lejn l-Għaqda nnifisha. Kien għalhekk li s-sena l-oħra ġie l-ħsieb li norganizzaw mawra barra minn Malta u li tkun tista' ssir f'ġurnata minħabba l-ħajja impenjattiva li llum kulħadd jinsab jgħix fiha.

Mawra bħal din titlob xogħol li jmur lil hinn minn sempliċiment dak in-nhar tal-attività għaliex hemm ukoll il-preparamenti li jridu jsiru qabel u kollox irid il-ħin tiegħu. Bdejna naraw u niċċekjaw fejn nistgħu mmorru u anke l-prezzijiet. Tkellimna



*Il-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ quddiem il-Katidral ta' San Nikola f'Noto.*

ma' xi aġenziji biex ġbarna l-kwotazzjonijiet u informazzjoni oħra, u kien deċiż li norganizzaw mawra fi Sqallija bi gwida magħna ġewwa postijiet tipiċi fi Sqallija. Żjara li tkun informattiva, kulturali u edukattiva imma rilassanti fl-istess ħin. Għalhekk stajna nibdew bir-reklamar tal-attività nnifisha sabiex inħajru n-nies jingħaqdu magħna għal din l-esperjenza, u kienu bosta dawk li laqgħu din l-istedina tagħna.

Il-ġurnata fl-aħħar waslet, nhar is-Sibt 25 ta' Novembru 2017. Bdejna bil-vjaġġ tagħna bil-katamaran lejn Pozzallo. Peress li tlaqna kmieni ħafna filgħodu, l-ewwel waqfa mal-wasla tagħna fi Sqallija kienet għall-kafè. U kulħadd kien b'aptitu għall-kafè u xi pasta!

Wara bqajna sejrin lejn Noto, madwar nofs siegħa vjaġġ bil-kowċ, fejn hawn il-gwida spjegatilna l-istorja tal-katidral famuż u simbolu ta' din il-belt, il-Katidral ta' San Nikola. Wieħed faċli jagħraf u jiftakar dan il-katidral mill-ammont ta' taraġ li għandu biex titla' għalih. F'Noto kien hemm ukoll min daħal fil-*Chiesa di San Carlo*, knisja oħra żgħira li kellha aċċess minn garigor dejjaq ħafna għal fuq il-kampnar tagħha b'veduti mill-isbaħ ta' Noto u tal-kampanja tal-madwar.

Il-jum ta' filghodu komplejnih bi żjara f'kantina tal-inbid tipika ta' Sqallija. Is-sidien tal-kantina dawruna fil-maħżen fejn isir il-proċess tal-ibbottiljar u wara dewquna mill-inbid tagħhom kif ukoll iż-żejt li din l-istess kantina tipproduċi. Ma nistax ma nsemmiex kemm kulħadd ħa pjaċir hawn hekk mhux biss minħabba il-prodotti tajbin li dewquna imma anke għax wieħed minn fosta, Gejtu Sultana, beda jgħanni għanjiet varji u qajjem atmosfera ta' allegrija.

Wara l-waqfa f'dil-kantina, qbadna l-kowċ lejn il-villaġġ tas-sajjieda Marzamemi. Villaġġ popolari ħafna fix-xhur tas-Sajf imma trankwill fix-xahar ta' Novembru tant li kien pjaċir timxi passejn għall-kwiet f'ġurnata mill-isbaħ. Hawn għamilna dawra ma' dan il-villaġġ ħdejn il-baħar qalb bini

antik li llum jintuża bħala ristoranti u ħwienet varji oħrajn. Int u miexi, tasal fi pjazzetta żgħira imma ħelwa, b'kappella u aktar ħwienet u ristoranti. Bqajna għall-ikla ta' nofs il-jum f'Marzamemi, fejn qattajna ftit tal-ħin flimkien nieklu u ngħidu kelma, jew tnejn!



Waqt l-ikla f'Marzamemi

Finalment il-mawra spiċċat f'Modica, belt magħrufa għaċ-ċikkulata u għad-Duomo ddedikat lil San Ġorġ mibni fuq stil barokk, li biex tasal għalih trid titla' madwar mitejn u ħamsin tarġa. Hawnhekk kulħadd kellu l-ħin liberu biex idur Modica waħdu jew mal-gwida ċajtiera u dħulija li kellna magħna. Wara waqfa qasira f'belveder b'veduta mill-isbaħ ta' Modica, qbadna t-triq lura lejn Pozzallo fejn sibna l-katamaran biex jerġa' jġibna lura Malta.

Il-kummenti li rċevejna wara din il-ġurnata kienu pożittivi ħafna minn dawk preżenti. Dan jagħti lilna Kummissjoni Żgħażagħ kuraġġ u entużjażmu biex inkomplu naħdmu dejjem iktar b'risq il-komunità u l-Għaqda għażiża tagħna.



Modica mill-belveder



Il-grupp f'Marzamemi



# Waslet il-festa għażiża tagħna l-Mellieħin

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

Wieħed mill-akbar avvenimenti li nkunu qegħdin nistennew matul is-sena, bla dubju, hija l-festa titulari – dik li tfakkarna fit-twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija li tkun iċċelebrata fit-8 ta' Settembru.

Kull min jidħol fil-Knisja Arċipretali tagħna, fil-faċċata wara l-artal maġġur, taħt l-apside – jew kif inhi magħrufa magħna l-Mellieħin, l-arzella tal-kor - insibu minquxa mill-iskulturi Carmelo u Manwel Cini fi żmien il-kappillan Mons. Ġużeppi Schembri, il-kliem bil-Malti meħuda mill-antifona tal-Madonna li jgħidu hekk: It-twelid tiegħek, Verġni Marija, ferraħ lid-dinja kollha.

Jien persważ li l-ferħ li ġab it-twelid tal-Verġni Mqaddsa ħassewh u għadhom iħossuh l-insara kollha. Dan it-twelid ma kienx twelid komuni għaliex din it-tarbija kienet speċjali. Meta tikber, Hi kellha tkun l-Omm tal-Iben t'Alla. Mhux ta' b'xejn li omm u missier din it-tarbija, Sant'Anna u San Ġwakkin, kabbru lil din it-tarbija ċkejkna b'tant għożża u mħabba.

Missirijietna għażlu t-twelid tal-Madonna bħala l-festa titulari tal-komunità Mellieħija. Aħna writtna din il-festa u għadna niċċelebrawha bl-aħjar mod possibbli li din tagħmel ġieħ lilna u lil kull min jiġi għaliha. Minkejja li ż-żminijiet jinbidlu, il-Mellieħin baqgħu jiċċelebraw il-festa tal-Bambina b'mod dinjituż u nisrani. Jeħtieġ li ngħaddu din il-festa bl-istess mod lil dawk li jiġu warajna. Irridu naħdmu sabiex il-festa tagħna tibqa' festa nisranija fejn minnha joħroġ ħafna ġid, speċjalment dak spiritwali.

Bħal arkata, il-festa tiġi mfassla fuq żewġ pilastri. L-ewwel pilastru jikkonsisti fl-attivitajiet reliġjużi li jkunu organizzati fil-knisja. Il-festa tibda b'disat ijiem tan-novena. Kull filgħaxija ssir quddiesa fejn għaliha jkunu mistednin kategoriji differenti ta' nies mill-komunità tagħna. Dawn jinkludu lis-saċerdoti u reliġjużi, tfal, għaqdiet reliġjużi, għaqdiet soċjali, morda u anzjani, żgħażagħ, mejtin, familji, immigranti u benefatturi tal-parroċċa. Il-qofol tal-attivitajiet reliġjużi jintaħaq lejliet u nhar il-festa. Il-festa liturġika tibda lejliet il-festa bit-tranżlazzjoni solenni ta' filgħaxija. L-għada titkompla bil-quddiesa solenni ta' filgħodu fejn fiha jintiseġ il-paniġierku li fih is-saċerdot magħżul jitkellem fuq il-ħajja u l-virtujiet tal-Madonna. Imbagħad filgħaxija jkun hemm l-Għasar solenni fejn fih jitkantaw is-Salmi u l-Antifona tal-Madonna. Wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa għażiża ta' Marija Bambina.

Wieħed mill-iżjed mumenti emozzjonali tal-festa huwa waqt il-ħruġ tal-vara mill-knisja. Tkun xena verament mill-isbaħ tara l-pjazza mimlija bin-nies li, flimkien mad-daqq taż-żewġ baned tagħna, mad-daqq ħlejju tal-qniepen u mal-ħruq tal-kaxxa infernali, tkun ħerqana tistenna lill-vara titfaċċa fil-bieb prinċipali tal-knisja tagħna.

It-tieni pilastru jikkonsisti fl-attivitajiet li jkunu organizzati barra mill-knisja, jiġifieri l-attivitajiet esterni li jkunu organizzati fil-pjazza u t-toroq tagħna. Dawn l-attivitajiet jibdew minn ġimgħa qabel il-festa. Dawn jikkonsistu fi programmi mużikali li jkunu organizzati fil-pjazza. Dawn isiru b'mod professjonali ħafna miż-żewġ baned tagħna kif ukoll mill-Kor u Orkestra li għandna fil-parroċċa. Dawn il-programmi qegħdin ikunu suċċess kemm mill-attendenza kif ukoll mill-mużika li tindaqq u titkanta li tkun varjata u għall-gosti ta' kulħadd. Matul din il-ġimgħa, ikunu organizzati xi marċi matul it-toroq tal-Mellieħa wkoll.

L-atmosfera tal-festa tibda tinħass minn meta jibdew jintramaw it-toroq u l-pjazza tagħna. Prosit lill-Grupp tal-Armar li jieħu ħsieb jarma t-toroq bil-pavaljuni sbieħ u l-pjazza bl-istatwi, bit-trofej, bil-linef u bil-bandalori li ħallewna ta' qabilna u li bl-armar ġdid qegħdin ikomplu jsebbħu t-toroq tagħna. Dan il-grupp jibqa' attiv matul is-sena kollha sabiex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-armar kollu kif ukoll iżid mal-armar li jkun hemm.

Mingħajr nar, il-festa ma tkunx kompluta. Għalhekk, f'dawn il-jiem ta' festa, il-Grupp Pirotekniku jkun impenjat ħafna sabiex il-festa

tissebbaħ bil-ħruq tan-nar tal-ajru u tal-art. Mill-ġurnata tal-ħruġ tal-istatwa min-niċċa tagħha fil-knisja sa tmiem il-festa, ikollna diversi waqtiet fejn jinħaraq in-nar li jkomplu joħolqu atmosfera festiva. Naturalment il-qofol tal-ħruq tan-nar jintlaħaq lejliet u nhar il-festa u nistgħu ngħidu li jiġbed ħafna nies minn madwar Malta kollha.

Ma nistax ma nsemmix ukoll id-dwal li jiġu armati mal-faċċata tal-knisja, fil-pjazza u fit-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni. Dawn ikomplu jżejnu l-pjazza u t-toroq tagħna kif ukoll jgħinu biex tkompli tinħoloq dik l-atmosfera sabiħa u ta' festa kif inhu xieraq. Dawn l-elementi kollha flimkien joħolqulna festa reliġjuża u tradizzjonali Maltija kompluta.

Din is-sena hija t-42 sena tiegħi nagħti s-servizz tiegħi bħala sagristan tal-Knisja Arċipretali tagħna. Mill-esperjenza tiegħi, il-festi qatt ma jkunu l-istess, minkejja li dawn ikunu organizzati bl-istess ħsieb u b'attivitajiet li jkunu jixxiebħu minn sena għall-oħra. F'festa jista' jkollok mumenti ferrieħa u oħrajn inqas ferrieħa. Ikollok nies li f'sena jkunu parti mill-organizzazzjoni u fis-sena ta' wara ma jkunux, min minħabba raġuni u min għal oħra. Ikollok nies li jkunu ħallewna u oħrajn li jkunu mardu u allura ma jistgħux igawdu l-festa bħas-soltu. Ikun hemm nies li jkunu għaddejjin minn żminijiet diffiċli minħabba raġunijiet personali jew familjari. Fil-festa jkollok nies li jistgħu jgawdu u oħrajn li ma jistgħux. Però, f'xi ħin jew ieħor, kulħadd ikollu dawk il-mumenti fejn fihom tarahom bi tbissima għaliex it-twelid tal-Madonna ġab il-ferħ lill-bnedmin kollha.

Il-festa tiġi u tmur. Wara kull festa jew okkażjoni, jien inħobb ngħid li l-festa jew l-okkażjoni saret storja – bis-sabih u l-ikrah tagħha. Jalla l-festa ta' din is-sena tkun waħda sabiħa u kompluta fejn fiha kulħadd jieħu gost u fejn tħalli ħafna ġid spiritwali li huwa r-raġuni għaliex aħna nagħmlu l-festa.

Irrid nuri l-apprezzament tiegħi u ta' ħafna oħrajn tal-programm sabiħ li ttella' fil-Knisja Arċipretali tagħna nhar Ħadd il-Palm, programm imtella' u mżewwaq b'mużika sagra mill-isbaħ li, mal-knisja mżejna bil-frieghi tal-palm, ħolqot ambjent li jdaħħlek fl-atmosfera tal-Ġimgħa Mqaddsa – żmien qaddis li fih nirriflettu fuq il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu biex imbagħad fi tmiem din il-ġimgħa, nirriflettu u nifirħu bil-qawmien tal-Mulej. Għalhekk, dawn l-attivitajiet li jittellgħu miż-żewġ soċjetajiet tagħna jgħinu sabiex napprezzaw aktar iż-żmien li nkunu qegħdin ngħixu fih, bħal ma huma l-festi tal-Milied, l-Għid u l-festa titulari.

Għall-grazzja t'Alla, il-komunità tagħna għadha tapprezza dawn l-inizjattivi kif ukoll it-tradizzjonijiet li trawmu fina minn ċkunitna. Nirringrazzjaw ukoll lil Alla li għadna nsibu għaqdiet u individwi li jorganizzaw attivitajiet bħal dawn b'tant sagrifiċċju, impenn u mħabba u jalla nibqgħu nsibu nies dilettanti u dedikati sabiex dawn id-drawwiet sbieħ nibqgħu ngħixuhom u ngawduhom u ngħadduhom lil ta' warajna.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-President tal-Għaqda Mużikali "Imperial", is-Sur Josef Borg u l-kumitat kollu tar-rispett u l-għajnuna li dejjem tawni bħala sagristan. Grazzi mill-qalb.

Nawgura mill-ġdid li jkollna festa sabiħa li tħalli impatt pożittiv fuq il-komunità Mellieħija u li l-għada tal-festa, kulħadd ikun jista' jiftaħar kemm kellna festa li għamlitilna unur.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

## Apprezzament Speċjali – Ġużeppi Bartolo

Kien il-jum tal-11 ta' Lulju 2018 meta waslitli l-aħbar tal-mewt ta' Ġużepp ta' Selmun, kif kien magħruf magħna l-Melliħin. Ngħid il-verità, din l-aħbar niktitni ħafna. Wara xi ħin li waslitli din l-aħbar mort il-knisja u ntfajt bil-qiegħda fuq il-bankijiet ta' wara fi kwiet perfett, f'ambjent sabiħ bil-lampier bix-xemgħa tnemnem dgħajfa, sinjal li x-xemgħa kienet waslet biex tispiċċa. Fil-knisja kien hemm silenzju perfett miksur biss mill-ħoss tal-ħuttaf jittajjar u jpespes bla sabar madwar il-knisja tagħna. Wara ftit mumenti ta' talb, irħejtilha lejn il-kampnar sabiex naqbad il-qniepen u ndoqq dawk in-noti kiebja li kienu jħabbru l-mewt ta' Ġużeppi. Waqt id-daqq tal-qniepen, ħsibijieti waqgħu fuq il-valuri sbieħ li kellu dan il-bniedem ġentlom kif isejħulu ħafna nies li ħadmu miegħu matul ħajtu.

Lil Ġużepp jien nafu sew għaliex meta kont għadni żgħir niftakar kont narah fil-bitħa tal-każin jagħmel il-kpiepel għal party tal-Milied għat-tfal tal-Mellieħa. Niftakru jinkolla l-karti fuq oqsfa tal-fildiferru sabiex fuqhom isawwar il-kpiepel li kienu jintużaw fil-ġranet tal-Karnival. Niftakar ukoll fil-ġurnata tal-ħatra tiegħi bħala sagristan fl-1976. Kien ġie l-knisja flimkien ma' membri oħra tal-kumitat ta' dak iż-żmien biex jifirħuli u jwiegħduni r-rispett u l-għajnuna meta kont ninħtiegħa. Għadhom jidwu f'widnejja l-kliem li kien qalli dakinhar: "Christopher, nawguralek ħafna snin twal bħala sagristan tagħna u ngħidlek biex tkun sagristan ta' kulħadd. Mur u għin lil kull għaqda li għandna taħdem għall-festa kif ukoll għal kull ma jsir għall-ġid ta' raħal twelidna, il-Mellieħa".

Ħafna nies kienu wkoll jammirawh għall-imħabba li kellu għad-Dar tal-Providenza. Meta jasal il-Milied flimkien ma' oħrajn kien joħroġ jiġbor il-flus sabiex f'dak iż-żmien sabiħ tal-Milied kienu

PARADISE BAY
RESORT

# THE PERFECT GET-AWAY FOR A UNIQUE DINING EXPERIENCE!

K LOUNGE
bar and restaurant

The K-Lounge, within the Paradise Bay Resort, offers an a la carte menu, serving salads, pasta, pizza, grills and desserts with a Mediterranean influence within a relaxed, friendly atmosphere and breathtaking views.



For bookings please call 21 521166
info@paradise-bay.com

Find us on
www.paradise-bay.com




# Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.

## WE ACCEPT ORDERS FOR ANY SPECIAL OCCASION CAKES

OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY

MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315 T: 2152 0920 / 2152 3920

jmorru jferrħu lir-residenti tad-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi bil-kant tal-Milied u fl-istess ħin joffru l-flus li jkunu ġabru lil din id-Dar li hi tant għażiża għall-Maltin.

Ġużeppi kien iħobb dak kollu li jsir fil-komunità Mellieħija. B'mod speċjali fil-jiem tal-festa, Ġużeppi kellu mħabba kbira lejn il-Banda Imperial. Wara l-familja, l-għeżeż għalih kienu l-knisja u l-każin. Kont tammirah, sajf u xitwa, kuljum filgħaxija ġej mill-pjazza lejn il-knisja sabiex jieħu sehem fil-quddiesa u wara jgħaddi l-każin sabiex għal ftit ħin jitkellem mas-soċi u ħbieb oħra.

Niftakar ukoll meta l-knisja kienet qiegħda tiġi skolpita u invjata minn Carmelo u Manwel Cini fi żmien il-kappillan Ġużeppi Schembri. Kien ġie mwaqqaf sotto-kumitat li kien jinkludi żewġ membri mill-każini tal-baned. Dan is-sotto-kumitat kellu l-għan sabiex jinġabru fondi għall-proġett tal-invjar u l-iskultura tal-knisja. Ġużeppi, flimkien ma' Ċikku Attard, kienu tnejn mill-membri li kienu joħorġu jħabbtu l-bibien tal-familji Mellieħin jiġbru l-flus.

Il-funeral tiegħu, li sar nhar is-Sibt 14 ta' Lulju, kien xhieda ta' kemm Ġużeppi kien maħbub u ta' għajnuna għal ħafna nies. Kulħadd jgħidlek kemm kien raġel ta' karattru sod, dħuli, twajjeb u fuq kollox raġel tal-affari tiegħu. Hu kien imżejjen b'don speċjali – raġel ta' ftit kliem u meqjus mingħajr ma jweġġa' lil ħadd. Kien raġel ta' prinċipju u ħafna nies isejħulu raġel fuq l-irġiel.

Jalla l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem u l-premju li jistħoqqlu tal-ġid kollu li għamel ma' kull min kien jinħtieġu.

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*





# Tislima lill-Verġni Mbierka

Marija Grima

L-oħla tislima
Minn qalbi nagħtik,
O Verġni mbierka
Il-ferħ insib fik.

Int tfarraġ lil qalbi
B'dan ismek sabiħ,
Għalhekk O Marija
Irrid nagħtik ġieħ!

Għax lili Inti tajtni
L-isbaħ teżor,
Li lili jhennini
Fil-ħelu, fil-morr!

Jien lilek insejjaħ
Fil-hemm, fit-tiġrib,
Ghax Int l-Omm li ma' binha
Sofriet taħt is-salib!

Int l-Omm wisq qaddisa
Ta' Kristu l-Feddej,
Int l-Omm li tħarisni
Issa u f'li ġej.

Infaħħrek u nħobbok
Omm tiegħi Marija,
Seddaqni, wettaqni
Fl-Ewkaristija!

*For Quality Metal Works*
*at Competitive Prices*





**JOE GAUCI**
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976



## L-Enċiklika "Redemptoris Mater" Omm il-Feddej dwar

# Il-Verġni Mqaddsa Marija fil-Mixja Pellegrina tal-Knisja

## It-Tieni Taqsima: L-Omm ta' Alla fiċ-Ċentru ta' Knisja Pellegrina

Mons. Mosè Debono

### 1. Il-Knisja, il-Poplu ta' Alla, tinsab fost il-ġnus kollha tal-art

**25.** Il-Knisja timxi 'l quddiem qisha f'art barranija, fost il-persekuzzjonijiet tad-dinja u l-faraġ ta' Alla, tħabbar is-Salib u l-Mewt tal-Mulej sa ma jiġi (ara I Kor 11,26). "Iżrael skont il-ġisem, li kien jiġġerra bħala wieħed eżiljat fid-deżert, kien ġa l-Knisja ta' Alla (ara 2 Esd 13,1; Num 20,4; Dewt 23,1ss): hekk ukoll Iżrael il-ġdid... hu msejjaħ il-Knisja ta' Kristu (ara Mt 16,18) għax xtraha għalih b'demmu (Atti 20,28), imlieha bl-Ispirtu tiegħu, u taha dawk il-mezzi li jgħoddu għaliha bħala għaqda soċjali li tidher. Alla ġabar flimkien qishom ħaġa waħda lil dawk kollha li jħarsu bil-fidi lejn Kristu bħala l-awtur tas-salvazzjoni u l-bidu tal-għaqda u s-sliem, u għamilhom bħala Knisja, biex għal kull wieħed u waħda tkun is-sinjal li jidher tal-għaqda".

Il-Konċilju Vatikan II jitkellem dwar il-Knisja fil-mixi tagħha fid-dinja u jara f'dan il-mixi analoġija mal-mixi ta' Iżrael fid-deżert fi żmien il-Patt il-Qadim. Dan il-vjaġġ għandu wkoll sura li tidher għax iseħħ bħala ġrajja fiż-żmien u fl-imkien fejn ikun. Dan għaliex il-Knisja "hi msejħa biex tinxtered sat-truf kollha tal-art u tidħol fil-ġrajja tal-bnedmin, iżda fl-istess ħin hi 'l fuq minn kull żmien u 'l fuq mit-truf kollha tal-popli". B'dan kollu l-karattru essenzjali ta' dan il-vjaġġ tal-Knisja hu wieħed spiritwali: hu vjaġġ permezz tal-fidi, bil-qawwa ta' Kristu Rxoxt, vjaġġ fl-Ispirtu s-Santu mogħti lill-Knisja bħala Dak li jagħti faraġ bla ma jidher (parakletos) (ara Ġw 14,26; 15,26; 16,7). Il-Knisja "timxi 'l quddiem, fost tiġrib u niket, imsaħħa bil-qawwa tal-grazzja ta' Alla, imwiegħda lilha mill-Mulej, biex... immexxija mill-Ispirtu s-Santu, qatt ma tieqaf tiġġedded sakemm, permezz tas-salib, tasal għal dak id-dawl li ma jgħib qatt".

Hu propju f'dan il-vjaġġ jew pellegrinaġġ tal-Knisja tul kull żmien u kullimkien, u aktar u aktar fil-ġrajja ta' kull ruħ, Marija tinsab bħala dik li hi "hienja għax emmnet", bħala dik li mxiet 'il quddiem fil-mixja tal-fidi, imsieħba fil-misteru ta' Kristu, b'mod li ebda persuna ma kien imsieħeb fih. Il-Konċilju jżid jgħid li "Marija daħlet fil-fond sewwa tal-ġrajja tas-salvazzjoni u biex ngħidu hekk, ġabret fiha nfisha u rriflettiet il-veritajiet l-aktar għoljin tal-fidi." Fost dawk kollha li jemmnu hi qisha "mera" li tirrifletti b'mod l-aktar profond u safi "l-għemejjel kbar ta' Alla" (Atti 2,11).

**26.** Mibnija minn Kristu fuq is-sisien tal-Appostli, il-Knisja għarfet b'mod sħiħ dawn l-għemejjel kbar ta' Alla nhar Għid il-Ħamsin meta dawk li kienu miġburin fil-kamra ta' fuq "imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont mal-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu" (Atti 2,4). Minn dak il-waqt ukoll tibda l-mixja tal-fidi, il-mixi tal-Knisja fil-ġrajja tal-individwi u tal-ġnus. Nafu li fil-bidu ta' dan il-vjaġġ kien hemm Marija. Narawha fost l-Appostli fil-kamra ta' fuq, "titlob id-don tal-Ispirtu s-Santu".

B'xi mod il-mixja tagħha tal-fidi hi aktar fit-tul. L-Ispirtu s-Santu kien ġa niżel fuqha u saret l-għarusa għażiża tiegħu fit-tħabbira tal-Anġlu għax laqgħet il-Verb ta' Alla veru, u "offrietlu l-qima sħiħa tal-fehma u r-rieda tagħha, hija u tilqa' minn rajha l-verità li hu irrivelalha"; anzi ntelqet kollha kemm hi f'idejn Alla permezz tal-"ubbidjenza tal-fidi", li biha wieġbet lill-Anġlu: "Ara, jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek". Il-mixja li għamlet Marija, li narawha titlob fil-kamra ta' fuq, kienet għalhekk aktar fit-tul minn dik ta' dawk li kienu miġburin magħha: Marija "mxiet l-ewwel", "marret qabilhom". Il-mument ta' Għid il-Ħamsin f'Ġerusalemm, kien tħejja kemm fil-mument tat-tħabbira f'Nazaret, u kemm bis-salib. Fil-kamra ta' fuq, il-mixja ta' Marija tiltaqa' mal-mixja tal-Knisja fil-fidi. Kif?

Fost dawk li kienu jitolbu fil-kamra ta' fuq, iħejju ruħhom biex "imorru fid-dinja kollha" wara li jirċievu l-Ispirtu, kien hemm xi wħud li kien sejħilhom Ġesù ftit ftit mill-bidu tal-missjoni tiegħu f'Iżrael. Ħdax minnhom għamilhom Appostli u lilhom Ġesù għadda l-missjoni li kien fdalu

l-Missier. "Kif il-Missier bagħat lili hekk jien nibgħat lilkom" (Ġw 20,21), qal lill-Appostli wara li qam mill-imwiet. U erbgħin jum wara, qabel reġa' lura għand il-Missier, żied jgħidilhom: "Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu... tkunu xhieda tiegħi... sa truf l-art" (Atti 1,8). Din il-missjoni tal-Appostli bdiet malli ħallew il-kamra ta' fuq f'Ġerusalemm. Il-Knisja twieldet u kibret bix-xhieda li Pietru u l-Appostli l-oħra jagħtu ta' Kristu Msallab u Rxoxt (ara Atti 2,31-34; 3,15-18; 4,10-12; 5, 30-32).

Marija ma rċevietx direttament din il-missjoni appostolika. Ma kinitx fost dawk li Ġesù bagħat "fid-dinja kollha jgħallmu l-ġnus kollha" (ara Mt 28,19) meta tahom din il-missjoni. Imma Marija kienet fil-kamra ta' fuq fejn l-Appostli kienu qed iħejju ruħhom għal din il-missjoni bil-miġja tal-Ispirtu tal-Verità: kienet hemm magħhom. Minn fosthom Marija kienet "titlob" bħala "omm Ġesù" (ara Atti 1, 13-14), omm Kristu Msallab u Rxoxt. U dak l-ewwel grupp ta' dawk li bil-fidi kienu jħarsu "lejn Ġesù bħala l-awtur tas-salvazzjoni", kienu jafu li Ġesù kien bin Marija, u li hi kienet Ommu, u li bħala ommu, sa mill-mument tat-tnissil u t-twelid tiegħu kienet ix-xhud waħdanija tal-misteru ta' Ġesù, dak il-misteru li quddiemhom deher u ġie mwettaq bis-salib u l-qawmien mill-imwiet. Hekk sa mill-bidu nett il-Knisja "ħarset" lejn Marija permezz ta' Ġesù, l-istess kif "ħarset" lejn Ġesù permezz ta' Marija. Għaliex għall-Knisja ta' dak iż-żmien u ta' kull żmien, Marija hi x-xhud waħdanija taż-żmien tat-tfulija ta' Ġesù u tal-ħajja moħbija f'Nazaret, meta "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lk 2,19; ara Lq 2,51).

Iżda fuq kollox, fil-Knisja ta' dak iż-żmien u ta' kull żmien, Marija kienet u hi dik li hi "hienja għax emmnet," hi kienet l-ewwel waħda li emmnet. Mill-mument tat-tħabbira tal-Anġlu u tat-tnissil tal-Iben ta' Alla fil-ġuf tagħha, mill-mument tat-twelid fl-għar ta' Betlem, Marija mxiet pass pass wara Ġesù fil-mixi tagħha tal-fidi bħala omm. Imxiet warajh tul is-snin tal-ħajja moħbija f'Nazaret, imxiet warajh ukoll tul iż-żmien wara li ħalla daru, meta beda "jagħmel u jgħallem" (ara Atti 1,1) f'nofs Iżrael. Fuq kollox, marret warajh fl-esperjenza traġika tal-Golgota. U issa, waqt li Marija kienet mal-Appostli fil-kamra ta' fuq, f'Ġerusalemm, fil-bidu tal-Knisja, il-fidi tagħha, li twieldet mill-kliem tat-tħabbira tal-Anġlu, ġiet imwettqa.

Dakinhar l-Anġlu kien qalilha: "Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir... u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Dak li ġara fuq il-Kalvarju dallam din il-wegħda, iżda lanqas ħdejn is-salib ma naqset il-fidi ta' Marija. Baqgħet dik li kienet, li, bħal Abraham, "meta ma kellha ebda tama, ittamat" (ara Rum 4,18). Iżda biss wara l-qawmien mill-imwiet deher x'kienet tassew it-tama u bdiet isseħħ il-wegħda. Għaliex Ġesù qabel reġa' lura għand il-Missier, kien qal lill-Appostli: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha... U ara jien magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 19-20). Hekk tkellem dak li deher bħala rebbieħ fuq il-mewt, bħala dak li kellu s-saltna li, kif qal l-Anġlu, "ma jkunx hemm tmiem għaliha".

**27.** Issa mill-bidu tal-Knisja, fil-bidu tal-mixja twila bil-fidi li bdiet nhar Għid il-Ħamsin f'Ġerusalemm, Marija kienet ma' dawk kollha li kienu ż-żerriegħa ta' "Iżrael il-ġdid". Kienet fosthom bħala xhud ewlieni tal-misteru ta' Kristu. U l-Knisja kienet titlob magħha, u fl-istess waqt kienet tħares lejha fid-dawl tal-Verb magħmul bniedem. Kellu jkun dejjem hekk. Għaliex meta l-Knisja tidħol aktar fil-fond tal-misteru għoli tal-inkarnazzjoni, taħseb b'qima u devozzjoni kbira f'Omm Kristu. Marija hi marbuta mal-misteru ta' Kristu b'rabta li ma tistax tinħall, u hi marbuta mal-misteru tal-Knisja sa mill-bidu tagħha, mill-jum li fih twieldet il-Knisja. Fid-dawl ta' dak li l-Knisja hi sa mill-bidu, ta' dak li għandha dejjem aktar tkun f'kull żmien, f'nofs il-ġnus kollha tal-art, hemm Dik li "emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej" (Lq 1,45). Hi propju l-fidi ta' Marija li turi l-bidu tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem ta' Alla mal-bniedem f'Ġesù Kristu: il-fidi qalbiena tagħha, tiġi qabel ix-xhieda appostolika tal-Knisja u tibqa' dejjem fil-qalba tal-Knisja, moħbija bħala wirt speċjali tar-rivelazzjoni ta' Alla. Dawk kollha li minn żmien għal żmien jilqgħu x-xhieda appostolika tal-Knisja għandhom sehem minn dan il-wirt moħbi u b'xi mod għandhom sehem mill-fidi ta' Marija.

Kliem Eliżabetta: "Hienja dik li emmnet" ikomplu jissieħbu ma' Marija wara Għid il-Ħamsin; jissieħbu magħha f'kull żmien, kull fejn l-għarfien tal-misteru ta' Kristu għas-salvazzjoni jinxtered, permezz tax-xhieda appostolika u tal-qadi tal-Knisja. U hekk isseħħ il-profezija tal-Magnificat: "Kull nisel jibda jsejjaħli hienja għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, qaddis hu l-isem tiegħu" (Lq 1, 48-49). Għaliex l-għarfien tal-misteru ta' Kristu jwassalna biex imbierku 'l Ommu, bis-sura ta' qima speċjali għat-*Theotokos*. U f'din il-qima hemm dejjem barka għall-fidi ta' Marija, għaliex il-Verġni ta' Nazaret kienet imbierka l-aktar minħabba din il-fidi, skont ma' qalet Eliżabetta. Dawk li, f'kull żmien, fost il-ħafna ġnus u nazzjonijiet tad-dinja, jilqgħu bil-fidi l-misteru ta' Kristu, il-Verb magħmul bniedem u l-Feddej tad-dinja, mhux biss iduru bil-qima lejn il-Verġni Marija u kollhom fiduċja jirrikorru għandha bħala Omm, imma wkoll ifittxu fil-fidi tagħha għajnuna għall-fidi tagħhom.

U huwa propju dan it-tisħib kollu mħabba fil-fidi ta' Marija li jagħtiha post speċjali fil-mixja tal-Knisja bħala l-Poplu ġdid ta' Alla fid-dinja kollha.

**28.** Kif jgħid il-Konċilju: "Marija, kellha sehem intimu fil-ġrajja tas-salvazzjoni..., għalhekk meta jipprietkaw dwarha u jqimuha, hi ssejjaħ lill-Insara lejn Binha u s-sagrifiċċju tiegħu, u lejn l-imħabba tal-Missier." Għalhekk il-fidi ta' Marija, skont ix-xhieda appostolika tal-Knisja, b'xi mod tkompli ssir il-fidi tal-Poplu ta' Alla fil-vjaġġ tiegħu: il-fidi tal-individwi u tal-komunitajiet, tal-ambjenti u tal-ġemgħat, tal-gruppi kollha li hemm fil-Knisja. Hi fidi li titwassal kemm bil-fehma u kemm bil-qalb, u tinkiseb u terġa' tinkiseb bit-talb. Għalhekk "il-Knisja hija u taqdi l-ħidma appostolika tagħha bir-raġun kollu tħares lejn dik li nisslet lil Kristu, ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu u mwieled minn Marija Verġni, biex bil-Knisja, Kristu jkun jista' jitwieled u jikber fi qlub l-Insara wkoll."

Illum, aħna u resqin f'din il-mixja tal-fidi lejn it-tmiem tat-tieni elfejn sena wara Kristu, il-Knisja, permezz tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, tistedinna nħarsu lejn dak li tara fiha stess, bħala "il-Poplu wieħed ta' Alla... miġbur minn fost il-ġnus kollha tal-art", u tfakkarna fil-verità li l-Insara kollha, "għalkemm imxerrdin mad-dinja huma xirka waħda flimkien, fl-Ispirtu s-Santu." Nistgħu għalhekk ngħidu li f'din ix-xirka, il-misteru ta' Għid il-Ħamsin iseħħ bla heda. Fl-istess ħin, l-Appostli u d-dixxipli tal-Mulej, fost il-ġnus kollha tal-art, qegħdin "jitolbu flimkien ma' Marija, Omm Ġesù" (Atti 1,14). Għaliex huma f'kull żmien "sinjal tas-saltna" li mhijiex ta' din id-dinja, u jafu wkoll li f'din id-dinja jridu jinġabru madwar is-Sultan li lilu l-ġnus kollha ngħataw b'wirt (ara Salm 2,8), li lilu l-Missier tah "it-tron ta' David missieru", biex "isaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

Tul dan iż-żmien ta' sahra, il-Verġni Marija, bl-istess fidi li għamlitha hienja, speċjalment mill-mument tat-tħabbira tal-Anġlu, hi fil-missjoni tal-Knisja, hi mal-Knisja fil-ħidma tagħha biex twaqqaf is-saltna ta' Binha fid-dinja. Din il-preżenza ta' Marija tidher illum f'ħafna suriet, kif dehret f'ħafna suriet tul il-ġrajja kollha tal-Knisja. U l-ħidma tagħha tidher f'ħafna oqsma: fil-fidi u t-tjieba ta' kull Nisrani; fit-tradizzjonijiet tal-familji Nsara jew "knejjes tad-dar", fil-komunitajiet parrokkjali u missjunarji, fl-istituti reliġjużi u fid-djoċesijiet, fis-santwarji kbar li bid-dija tagħhom jiġbdu mhux biss individwi u gruppi mill-pajjiżi fejn jinsabu, imma wkoll xi kultant nazzjonijiet sħaħ, u wkoll kontinenti sħaħ, ħerqana li jiltaqgħu ma' Omm il-Mulej, ma' dik li hi hienja għax emmnet, li hi l-ewwel fost dawk kollha li jemmnu u għalhekk hi Omm l-Għimmanu-el. Din hi s-sejħa tal-art tal-Palestina, il-pajjiż spiritwali tal-Insara kollha, għaliex hi l-pajjiż tas-Salvatur tad-dinja u ta' Ommu Marija. Din hi s-sejħa ġejja minn ħafna knejjes f'Ruma u mid-dinja kollha li nbnew tul iż-żminijiet mill-fidi tal-Insara. Din hi s-sejħa ġejja minn ċentri bħal Guadalupe, Lourdes, Fatima u oħrajn li jinsabu f'ħafna pajjiżi. U fost dawn kif ma nsemmix dak li jinsab f'pajjiżi, Jasna Gora? Wieħed forsi jista' jitkellem dwar "ġeografija" tal-fidi u d-devozzjoni Marjana, li tiġbor fiha dawk iċ-ċentri kollha ta' pellegrinaġġi fejn il-Poplu ta' Alla jmur biex jiltaqa' ma' Omm Alla biex, fil-preżenza ta' dik l-Omm li hi "hienja għax emmnet", ifittex li jsaħħaħ il-fidi tiegħu. Għaliex fil-fidi ta' Marija, l-ewwel fit-tħabbira tal-Anġlu u mbagħad għal kollox ħdejn is-salib, mill-ġdid infetaħ qasam fir-ruħ fi ħdan il-familja kollha tal-bnedmin, li l-Missier ta' dejjem jimla "b'kull barka spiritwali", il-qasam tal-"Patt il-Ġdid u għal dejjem". Dan il-qasam hu fil-Knisja, li, fi Kristu, hi "sagrament jew sinjal tal-għaqda intima ma' Alla, u tal-għaqda tal-bnedmin kollha flimkien."

Fil-fidi li Marija stqarret bħala "qaddejja tal-Mulej" fit-tħabbira tal-Anġlu u li fiha dejjem "marret l-ewwel" quddiem il-Poplu ta' Alla fil-mixja tiegħu f'din id-dinja, il-Knisja tħabbrek bil-qawwa kollha u bla heda biex twassal il-bnedmin kollha għall-bidu ġdid fi Kristu bħala l-kap, fl-għaqda tal-Ispirtu tiegħu.

Mogħtija f'Ruma, minn Pjazza San Pietru, fil-25 ta' Marzu, 1987, fis-Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej, fis-sena 1987, id-disa' sena tal-Pontifikat.

Joannes Paulus P.P. II

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***

# Sentieri

## Progetto di performance site-specific in collaborazione con Imperial Band Club Mellieħa in occasione di Valletta Capitale della Cultura Europea 2018 (21-22 Aprile 2018 Majjistral Park)

**Serena Gatti e Raffaele Natale**

Sentieri è un progetto di performance site-specific multidisciplinare con un approccio innovativo alla ricerca scenica ideato dalla compagnia italiana Azulteatro, diretta da Serena Gatti e Raffaele Natale. Tra teatro, danza, musica e poesia, lo spazio ha un ruolo essenziale nella composizione dell'opera. Non c'è infatti un palco ma la performance si sviluppa in modo itinerante, secondo un percorso che viene ideato nello spazio. Il gruppo degli spettatori cammina insieme dall'inizio alla fine del percorso seguendo in silenzio una guida che detta il ritmo del passo e indica dove sostare. Le azioni sceniche (come danza, musica, poesia, teatro o istallazioni) accadono tutto intorno, davanti al pubblico, o dietro, vicino o lontano, a volte lo attraversano, a volte ci si ferma per osservarle, a volte si guardano camminando, passandoci a lato, a volte si percepiscono in lontananza e a poco a poco ci si avvicina, a volte sono impercettibili e tali rimangono, a volte sono macroscopiche.

La performance nasce dopo diversi sopralluoghi nello spazio, per scegliere il percorso (il sentiero) e avviare la composizione dell'opera che si basa su un metodo sviluppato in questi ultimi dieci anni e dedicato essenzialmente all'ascolto. L'allestimento e le prove sono fatte nello spazio ed è da qui che nascono il tema e la scrittura. La performance infatti è originale e unica ogni volta in ogni spazio. Non si tratta di un format da riallestire o da riadattare ma di una nuova opera che viene creata ogni volta in modo diverso. È infatti lo spazio a ispirare l'opera, ad esserne la musa, è qui che nasce, che si sviluppa, che va in scena, come un dono fatto a quel luogo.



L'obiettivo è rivalutare con l'arte scenica spazi naturali o urbani e attirare l'attenzione del pubblico sul luogo. In particolare ci interessa lavorare in luoghi abbandonati, chiusi o dimenticati. Attraversare lo spazio con occhi nuovi, questa è l'esperienza che vogliamo che il pubblico faccia. La nostra creazione è concepita come una specie di tregua: nascono visioni là dove normalmente non accade nulla.

Il territorio in questa esperienza è il vero protagonista. Territorio come coinvolgimento artistico e cura del bene comune, come attraversamento cosciente e creativo del paesaggio e dell'architettura. Territorio come conoscenza consapevole e condivisa. Territorio come dialogo tra generazioni, come incontro della comunità. L'evento è ispirato dallo spazio, dal paesaggio, dall'architettura, dai mestieri, dalle memorie presenti. Con un cambio di luce, di prospettiva, si vede un'altra sfumatura, un lato che non conoscevamo o che non sappiamo più riconoscere. Il nostro obiettivo è riportare alla luce e dare valore a spazi da riscoprire, che alla comunità sembrano ormai consueti o desueti ma che sono carichi di bellezza e di storia. È l'esigenza di tornare a un confronto vivo con sé stessi, con gli altri, col paesaggio nel quale viviamo. Riusciamo a mantenere vivo questo sguardo?

In questo senso *Sentieri* è un progetto basato sul cambio di prospettiva. Questo è ciò che l'arte ci insegna: mantenere uno sguardo sveglio, curioso e attento al momento presente. Scoprire una scheggia, un dubbio, un raggio, una sorpresa. Su queste basi l'obiettivo della creazione è far tornare gli spettatori in un luogo che appartiene al loro territorio ma che hanno lasciato abbandonato o poco frequentato e farglielo vivere con occhi diversi, come se lo riscoprissero.

È per questo motivo che oltre allo spazio l'altro aspetto importante per il progetto *Sentieri* è la comunità. La nostra ricerca inizia studiando il nuovo spazio e incontrando la comunità locale. Il nostro approccio è collaborativo, pertanto cerchiamo

collaborazioni con gli artisti locali. Invitiamo quando possibile artisti locali ad aderire al progetto partecipando in prima persona. Lavoriamo insieme a musicisti, danzatori, attori e scrittori, unendo le loro abilità in un processo artistico comune. In questo senso, il progetto ha un aspetto di formazione/collaborazione con l'obiettivo di integrare artisti e territorio. L'intera comunità è comunque coinvolta: assisterà anche solo di passaggio alle prove, ancora prima di diventare pubblico.

In occasione di Valletta Capitale della Cultura 2018, nella cornice di Altofest, siamo stati invitati a creare la quinta edizione del progetto Sentieri nel Majjistral Park Triq Ghajn Tuffieha di Manikata. La Fondazione Valletta 2018 ha indetto un bando per gli artisti di Malta che avrebbero voluto partecipare. Inoltre è stata nostra cura prendere contatto con i gruppi più rappresentativi del territorio e in particolare ci è stato consigliato di conoscere la Banda Imperial di Mellieħa. Riuscire ad avere la Banda all'interno dello spettacolo sarebbe stato per noi molto interessante non solo dal punto di vista musicale ma anche dal punto di vista scenico, oltre ad aprirci ancora più gli orizzonti sul luogo nel quale andavamo a proporre la performance, avendo la Banda un forte e radicato legame col territorio. La produzione del Festival ha accettato la nostra proposta ed è stato così che ci è stato possibile entrare in contatto con la Banda Imperial.



Dal nostro primo incontro, avvenuto nella bellissima sala di rappresentanza della sede della Banda siamo rimasti sorpresi dalla serietà e dalla disponibilità con cui i vertici della Banda hanno accolto il progetto, nonostante la sua natura sperimentale. A differenza di molte altre situazioni, in questo caso non ci è stato difficile far comprendere la proposta e arrivare in breve tempo a un accordo che prevedeva la partecipazione sia della banda sia del coro femminile.

La logistica era piuttosto complessa, perché si trattava di spostare tanti membri della banda nel parco, non facilmente raggiungibile in auto, spostare gli strumenti, chiedere ai musicisti orari straordinari di prove e la disponibilità per ben due repliche dello spettacolo, a titolo gratuito. Il tempo per provare inoltre non era molto e l'organizzazione non semplice. Nonostante questo l'entusiasmo e lo spirito di collaborazione della banda, uniti alla loro solida organizzazione ed esperienza, hanno reso possibile la loro partecipazione.

Se inizialmente avevamo ipotizzato di scrivere delle musiche ad hoc, abbiamo poi trovato migliore scegliere insieme al direttore le proposte di repertorio della banda, musiche che hanno una tradizione importante per il luogo e per la storia musicale della banda. Abbiamo avuto la fortuna di poter assistere alle prove della banda, oltre a visitare la loro immensa e particolarissima sede e i vertici della banda si sono dimostrati da subito disponibili a un sopralluogo sullo spazio, cosa per noi fondamentale. Ci è stato così possibile scegliere insieme a loro il luogo e il momento migliore per l'intervento bandistico, all'interno della drammaturgia dello spettacolo.

It-Tieni Gwerra Dinjija bdiet f'Settembru 1939, però Malta kienet għadha 'l bogħod milli tiġi affettwata direttament. Kien biss f'Mejju tal-1940, wara li l-Ġermanja nvadiet lil Franza u l-pajjizi l-baxxi (l-Olanda, il-Belġju u l-Lussemburgu) li beda tiela' sħab iswed fuq Malta, wara li bdiet spekulazzjoni jekk l-Italja tidħolx fil-gwerra fuq in-naħa tal-Ġermanja Nazista. Infatti qabel mal-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Alleati, kien hemm diversi manuvri minn taħt biex l-Italja ma tidholx fil-gwerra billi tingħata xi territorji li kienu jiffurmaw parti mill-imperu Brittaniku u dak Franċiż. Dan ma kienx biżżejjed għall-Italja Faxxista u filfatt id-dittatur, Benito Mussolini, iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra u Franza fl-10 ta' Ġunju 1940.

Għalkemm l-ewwel attakki fuq Malta bdew fil-11 ta' Ġunju, kien biss jumejn wara, li waqgħu l-ewwel bombi fuq il-Mellieħa. Dawn li ġejjin huma attakki rrapurtati mill-Pulizija bejn l-1940 u l-1941:

### 13 ta' Ġunju 1940 (4.10pm - 5.05pm)

Ir-*Regia Aeronautica* għamlu sitt attakki b'ajruplani individwali u f'ħin irregolari. Ajruplan tal-attakk Savoia Marchetti SM.79 tas-60º Squadriglia tar fuq Malta, fejn sab li l-gżira kienet moħbija taħt is-sħab, u għalhekk waddab il-bombi bl-addoċċ minn għoli ta' 4,500 metru, wara li ħaseb li qed jiġi attakkat minn Gloster Gladiators.[1] F'dan il-waqt waqgħu disa' bombi qawwijin fuq il-Mellieħa.[2]

### 20 ta' Ġunju 1940 (2.06am - ?)

Għaxar ajruplani tal-attakk Taljani dehru resqin lejn Malta min-naħa tat-Tramuntana, fejn waqgħu bombi fuq il-Marfa, fuq il-baħar 'il barra minn San Pawl il-Baħar u waħda fuq Għawdex.[3]

### (12.25pm - 1.22pm)

Matul dil-gurnata ġie rrapurtat li waqgħet balla f'Tal-Imxaxa, però ma kienx ċert jekk kinetx bomba jew balla ta' kanun ta' kontra l-ajruplani.

### 21 ta' Jannar 1941 (1.33am - 3.17am)

Ġie rrapurtat li waqgħu tliet bombi f'numru ta' għelieqi li kienu jinsabu bejn il-Mellieħa u l-Armier.

### 15 ta' Frar 1941 (10.35am - 11.39am)

Ġie rrapurtat li waqgħu xi *splinters* fuq il-Mellieħa.[4]



*Sunderland L2164 jaqbad. (Sors: NWM Archives)*



*Sunderland L2164 wara li nħaraq u għereq parzjalment. (Sors: NWM Archives)*

### 7 ta' Marzu 1941 (12.21pm - ?)

Żewġ ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi tat-tip Messerschmitt Bf109Es immaxingjaw il-Bajja tal-Mistra, fejn ajruplan tal-baħar tat-tip Short Sunderland, L2164, tat-228 Squadron intlaqat. Sergeant A.S. Jones mar fuq *machine-gun* tat-tip Vickers K u beda jispara lejn id-direzzjoni ta' dawn l-ajruplani. Jones tilef ħajtu waqt din l-azzjoni.

### 10 ta' Marzu 1941 (12.21pm -)

Ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi tat-tip Messerschmitt Bf109Es reġgħu attakkaw din il-bajja, fejn intlaqtu żewġ ajruplani tal-baħar Sunderlands T9046 u L2164 tat-228 Squadron. L-aħħar ajruplan L2164 kien diġà ntlaqat fl-aħħar attakk, u beda jaqbad, fejn dan għereq wara sforzi li saru biex jiġbduh lejn l-ixtajta.[5]

### 12 u 13 ta' April 1941 (10.40pm - 1.40am)

Ġie rrapurtat li ajruplani tal-għadu waddbu bombi fil-baħar 'il barra mill-Qammieħ.

### 15 ta' April 1941 (3.45am - 4.40am)

Ġie rrapurtat li twaddbu bombi fuq il-Bajja tal-Mellieħa.[6]



*L-ajruplan tal-attakk Ġermaniż tat-tip Junkers Ju88 wara li kkraxxja. (Sors: NWM Archives)*

### 29 ta' April 1941 (6.44pm - 7.26pm)

Numru ta' ajruplani tal-ġlied tas-7/Jagdgeschwader 26 ipprovdew skorta lil numru ta' ajruplani tal-attakk Ġermaniżi tat-tip Junkers Ju88 tan-9/Lehrgeschwader 1,[7] fejn wieħed minn dawn l-ajruplani waddab bomba fi Triq il-Mitħna l-Qadima, fil-Mizieb.[8] Matul dan l-attakk, intlaqat wieħed mill-ajruplani Junkers Ju88 tad-III/Lehrgeschwader. L-ekwipaġġ tal-ajruplan qabeż bil-paraxut; wieħed niżel fir-*ranges* ta' Pembroke u nqabad mall-ewwel, mentri t-tlieta l-oħra niżlu fil-baħar fejn ġew salvati minn lanċa tas-salvataġġ.[9] Kemm il-kanuni ta' kontra l-ajruplani kif ukoll l-RAF qalu li waqqgħuh huma, però jidher li l-istess ajruplan twaqqa' minn żewġ bdoti tal-RAF Pilot Officer Anthony Rippon u Pilot Officer J.E. Hall.[10]



*Ajruplan tal-attakk Ġermaniż tat-tip Junkers Ju88 f'wieħed mill-ajrudromi ta' Sqallija*

L-ajruplan ikkraxxja wara r-*ranges* tal-Kamp ta' Għajn Tuffieħa u nħaraq kompletament.[11]

### 06 ta' Mejju 1941 (6.06pm - 6.34pm)

Ġie rrapurtat li waqgħet balla ta' kanun ta' kontra l-ajruplani fil-Bajja tal-Armier.[12]

### 15 ta' Mejju 1941 (4.10am - 4.40am)

Jidher li matul dal-ħin taru tliet ajruplani Taljani tat-tip Savoia Marchetti SM.79 tad-10° u 30° Stormo B.T. fuq Malta.[13] Ġie rrapurtat li waqgħu ħames bombi inċendjarji ġo għalqa f'Ta' Bisqra u ħadu n-nar.[14]

### 27 ta' Mejju 1941 (3.10am - 4.32am)

Matul dal-lejl Malta ġarrbet l-ewwel attakki minn għaxar ajruplani Taljani tat-tip Fiat BR20M tal-43° Stormo B.T.[15] Ġie rrapurtat li bomba waqgħet fil-baħar 'il barra mill-Mellieħa.[16]

### 6 ta' Lulju 1941 (11.11pm - 12.47am)

Matul il-lejl, tnax-il ajruplan tal-attakk Taljani tat-tip Fiat BR20M mill-43° u ħames ajruplani tal-attakk tat-tip Savoia Marchetti SM.79, mid-10° Stormo, attakkaw lil Malta.[17] Matul dan l-attakk waqgħu żewġ bombi fuq il-blat f'Tas-Sellum.[18]

### 11 ta' Lulju 1941 (12.07am - 1.12am)

Ħdax-il ajruplan tal-ġlied Taljan tat-tip Macchi MC200 miċ-54° Stormo, attakkaw l-ajrudrom ta' Ħal Far.[19] Matul dan l-attakk ġie rrapurtat li waqgħu numru ta' bombi ftit 'il bogħod mill-Kamp ta' Għajn Tuffieħa.[20]

### 16 ta' Lulju 1941 (1.06am - 1.57am)

Matul il-lejl numru ta' ajruplani tal-attakk Taljani attakkaw lil Malta.[21] Ġie rrapurtat li tmien bombi waqgħu u splodew ġo xi għelieqi viċin, f'postazzjoni ta' *searchlight* f'Ta' Dahar il-Bajda, u bombi oħra waqgħu u splodew fuq il-Bajja tal-Mistra.[22]

### 18 ta' Ottubru 1941 (8.45pm - 9.25pm)

Numru ta' ajruplani tal-attakk Taljani tat-tip Cant Z.1007bis attakkaw Ħal Luqa, mentri ajruplan ieħor tat-tip Fiat BR20M tat-37° Stormo, ibbumbardja Ħal Far.[23] Ġie rrapurtat li numru ta' bombi qawwijin waqgħu u splodew fil-baħar 'il barra mill-Qammieħ.[24]

### 19 ta' Novembru 1941 (5.42am - 6.46am)

Filgħodu kmieni ntilef ajruplan tal-attakk Taljan tat-tip Fiat BR20M mid-276ª Squadriglia minn Katanja, imtajjar mill-uffiċjal kmandant Maggiore Cesare Toschi.[25] Ġie rrapurtat li żewġ bombi

waqgħu u splodew f'xi għelieqi fl-Aħrax. Żewġ bombi qawwijin waqgħu u splodew f'għelieqi viċin it-Torri l-Aħmar.[26]

### 23 ta' Novembru 1941 (7.00pm - 7.31pm)

Matul il-lejl twaqqa' ajruplan tal-attakk Taljan tat-tip Cant Z.1007bis. Ġie rrapurtat li bomba waqgħet u splodiet fil-baħar faċċata tal-Mellieħa Bay Hotel, u bomba oħra waqgħet u splodiet fi Triq il-Mellieħa.

### 17 ta' Diċembru 1941 (8.15pm - 9.20pm)

Żewġ bombi waqgħu u splodew fil-baħar 'il barra minn Forti Campbell.[27]

### 27 ta' Diċembru 1941 (10.32pm - 12.57am)

Matul il-lejl tfaċċa ajruplan tal-attakk Ġermaniż tat-tip Junkers Ju88, li però twaqqa' minn ajruplan tal-ġlied Ingliż tat-tip Hawker Hurricane imtajjar minn Pilot Officer Winton. Ġie rrapurtat li tmien bombi waqgħu u splodew f'għelieqi fil-Wied ta' Ġnien Ingraw.[28]

Dawn huma l-attakki fuq il-Mellieħa li ġew irrappurtati li seħħew f'dan il-perjodu. Hemm imnizzlin numru mhux ħazin ta' attakki però mhux daqshekk determinati daqs dawk tal-1942.

### Referenzi


1 John A. Mizzi (ed), *Malta at War*, Vol I, (Wise Owl Publications, 2001), p 197.
2 Denis Rollo, *Guns and Gunners of Malta*, (Mondial Publishers, 1999, p 194.
3 Ibid.
4 (N)ational (W)ar (M)useum (A)rchives NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
5 Christopher Shores and Brian Cull with Nicola Malizia, *Malta: The Hurricane Years 1940-41*, (Grub Street, 1987), pp 165-166.
6 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
7 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 194.
8 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
9 Anthony Rogers, *Air Battle of Malta: Aircraft losses and Crash sites 1940-42*, (Greenhill Books, 2017), p 24.
10 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 194.
11 Anthony Rogers, *Battle over Malta: Aircraft losses and crash sites 1940-42*, (Sutton Publishing Limited, 2000), p 82.
12 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
13 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 210.
14 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
15 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 223.
16 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
17 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), pp 249-250.
18 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
19 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 252
20 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
21 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 253.
22 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
23 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 313.
24 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
25 C. Shores, B. Cull, N. Malizia (1987), p 332.
26 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
27 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.
28 NWMA Collections, Police Reports 1940-41.



Stardust
Stationery, Greeting Cards
Harberdashery, Toys & Gifts
**Cross Street, Mellieha**
**Tel: 21571692 • Mob: 99223908**
**Email: stardustationary@gmail.com**

**HORACE ENTERPRISES LTD.**
*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*
**Horace Micallef**
Director
70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt



# Il-Familja

Marija Grima

Kemm hu mbierek dak ir-raġel
Li lil martu jħobb bis-sħiħ,
Kemm hi mbierka dik il-mara
Li lil żewġa qalbha ttih!

Għax fiż-żwieġ b'wegħda solenni
Sejħu 'l Alla biex ikun,
Ix-xhud tagħhom biex f'ħajjithom
Jibqa' magħhom ta' kuljum.

U flimkien ġo darhom jgħixu
Fl-imħabba, fl-armonija,
Magħqudin it-tnejn ma' Kristu
Fil-ferħ u fit-tbatija!

O x'teżor Alla l-imbierek
Jogħġbu jagħti 'l miżżewġin,
Xħin bil-qawwa tal-imħabba
Bl-ulied jiġu mberkin.

Wisq sabiħ iż-żwieġ nisrani
Kbira r-responsabbiltà,
B'wisq akbar, bil-wisq isbaħ
L-imħabba u l-fedeltà!

Żgur sħiħa tibqa' l-familja
Meta tinġabar fit-talb,
Għaliex Kristu biss jaf jagħti
L-għożża u l-ferħ tal-qalb!

Hienja hi dik il-familja
Li 'l Alla mill-qalb tagħtih,
L-ewwel post fil-ħajja tagħha
B'ċentru tagħha hi tpoġġih!

Fl-imħabba jkabbru 'l uliedhom
W huma jikbru t-tnejn fis-snin,
Jekk tamiethom tkun fi Kristu
Sal-aħħar jibqgħu magħqudin!

MAYPOLE
since 1900
Nothing says homemade like Maypole
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt

**MG** MELLIEĦA GARAGE

**RENT-A-CAR**

## SELF DRIVE CARS AND CAB SERVICE

### SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS

151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134  Tel/Fax: 2157 3587  Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net

---

**HB MOTORS**

## Vehicle Repairs & Services

**Tel: 2152 0429**

**Mob: 9986 8092**

## 20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa

**Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha**

---

# Marianna Stationery

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

---

# SANTA MARIA
# Service Station

Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**



# Il-Ġid Komuni

**Onorevoli Evarist Bartolo**
*Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol*

Illum ngħixu f'ħajja mgħaġġla ħafna iktar minn dik tal-antik. Dinja li tridna l-ħin kollu nkunu preżenti. Il-modern dejjem ibiddel l-antik, imma ċertu affarijiet mhux dejjem għall-aħjar. Hemm valuri li nistgħu nieħdu 'l quddiem u nrawmu l-ġenerazzjoni l-ġdida fihom. Hemm valuri sbieħ li l-festa tpoġġi fuq pedestall. Valuri li naħdmu flimkien għall-ġid tal-komunità, ir-rispett lejn xulxin u l-għaqda fost persuni li jgħixu flimkien. L-attivitajiet relatati mal-festa jġibu nies minn kull qasam tal-ħajja flimkien, b'għan wieħed. Ma jagħmluhx għal gwadann personali iżda għall-ġid ta' kulħadd. Dawn huma affarijiet sbieħ li għandna nuru dejjem iżjed apprezzament lejhom.

Huwa faċli tifred fid-dinja tal-lum iżda għandna ħafna għaqda fostna. Ngħixu f'pajjiż ċkejken u għandna naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Dak li jagħmilna dak li aħna, u huma l-valuri li għandna ngħaddu lit-tfal tagħna.

Il-Festa t-tajba!



# Stejjer Minn Irdum id-Delli, l-Għawseġ u x-Xquq

Jeffrey Sammut

Irdum id-Delli ismu miegħu. Imdellel matul is-sebħ u jdum ferm ma jara d-dawl tax-xemx. Dan l-irdum, dari, kien iħaddar bid-dwieli u s-siġar tat-tin. Kull ċarrut jew roqgħa ħamrija kienet tinħadem. Karmnu u Salvu Sciberras tal-Buffun kienu dejjem jaqtgħu aktar minn mitt qantar għeneb mid-dwieli li kellhom qalb is-sisien. Biex itellgħuh minn hemm isfel ramaw tarjola u ħabel għal fuq ix-xifer. Kienu jorbtu l-mezez u jtellgħuhom waħda waħda għal fuq.[1]

Fejn kellhom **tal-Barkun**, il-mezez kienu jkunu mimlija bit-tin. Kienu jtellgħuhom fuq l-ispallejn mill-**Minżel ta' Beċċuna**. Aktar ma jgħaddi l-ħin, aktar tiżdied it-tbatija u l-qilla tax-xemx,[2] kif ukoll il-ħakk u d-dmija minħabba dak il-ħalib kollu tat-tin. Xi drabi niżżlu l-ħmar mill-minżel biex jiffrankaw ftit mix-xogħol. Saħansitra għamlulu gorboġ qalb il-blat fejn seta' jistrieħ ftit. Iżda ħafna mit-tin kien jitqassam fuq blata ċatta d-**Delli** stess ħalli jinxef, biex imbagħad jagħmluh tin taċ-ċappa. It-tin taċ-ċappa kien prezzjuż ħafna fil-passat, għaliex kien iservi fit-tul u ma jiġrilu xejn. Bih kienu jimlew żaqqhom ħafna familji fqar fix-xitwa. Dan fi żmien meta *fridges* ma kinux jeżistu.[3]

**Tal-Barkun** kienu jrabbu l-fniek fuq **il-Blata tal-Fniek.** Dawn kienu jitħallew jiġru għal riħhom fuq din il-blata mdaqqsa. Ma setgħux jaħarbu għax il-blata maqtugħa għaliha u għolja ferm. Sidhom għamlilhom qishom garżelli żgħar mibnija bil-ġebel tas-sejjieħ u msaqqfa biċ-ċangatura biex ikollhom fejn jistkennu.



*Ġebla maqtugħa u minġura fil-Barriera fl-Irdum ta' Kamiża*

L-istorja tal-laqam tal-**Barkun** bdiet minn Ġamri Vella. Dan Ġamri kien ħobża u sikkina ma' ċertu wieħed Ġamri Gauci. Peress li kienu ħbieb kbar u fejn issib lil wieħed kont issib lill-ieħor, bħal-lanċa u l-barkun, lil Gauci qalgħuhielu l-Lanċa u Vella spiċċa l-**Barkun**![4]

Kien ikun hemm familji sħaħ l-irdum, min jistad, min fir-raba' u min għall-kaċċa. Kienu jqattgħu l-ġranet hemm u jsajru fuq il-post. Kien hemm żmien meta kien ukoll isir il-qtugħ tal-blat biex jintuża għall-*breakwater*. Il-ġebel inqata' mill-post magħruf bħala l-**Barriera**, fejn ġie minġur u maħdum fuq il-lok stess u wara nġarr fuq il-baħar. Baqa' xi ġebel maqtugħ lest, iebes daqs il-granit, mitluq fuq il-post.

Toni Sciberras in-Naqqu jiftakar kif hu u Salvu Gauci d-Driggi kienu jinżlu jgħumu filgħodu kmieni u jagħmlu sal-ħdax fil-baħar. Dejjem qabdu x'jieklu. Il-qarnit u ċ-ċeren kienu komuni. Meta xi ċerna tittanta u ma tkunx trid toħroġ mill-bejta jew ħarq, kienu jsannrulha sparlu jew ħarbux u jħalluha. Aktarx li wara ftit kienet teħel u x'ħin jgħaddu lura jittawlulha jsibu l-lanza stirata u s-sunnara f'ħalqha. Kellhom spiritiera Primus u landa pitrolju moħbija taħt blata. Kif jitilgħu mis-sajda jibdew isajru dak li qabdu u mbagħad, wara raqda tajba, jerġgħu jinżlu jgħumu filgħaxija.

Iżda xi kultant **Irdum id-Delli** kien ikollu jieqaf mill-attività. Kien ikun hemm il-Bandiera l-Ħamra tperper fuq ix-xifer. L-Ingliżi kellhom *range* fix-Xagħra l-Ħamra, allura meta kienu jagħmlu l-manuvri u t-taħriġ ħadd ma seta' jidħol. Saħansitra waħħlu tabelli max-xatt biex javżaw li waqt l-isparar ħadd ma seta' jidħol fiż-żona. Darba Toni ma ndunax bil-bandiera u baqa' jgħum imma suldat Ingliż malajr niżel u keċċih.[5]




*Mappa A - Ismijiet tal-irdumijiet grazzi għal Charlie Sciberras, Sammy Buttigieg, Grezzju Chetcuti, Peppi Sciberras, Salvu Camilleri u David Vella.*




*Mappa B - Ismijiet tal-irdumijiet grazzi għal Charlie Sciberras, Sammy Buttigieg, Grezzju Chetcuti, Peppi Sciberras, Salvu Camilleri u David Vella.*




*Mappa Ċ - Ismijiet tal-irdumijiet grazzi għal Charlie Sciberras, Sammy Buttigieg, Grezzju Chetcuti, Peppi Sciberras, Salvu Camilleri u David Vella.*




*Mappa D - Ismijiet tal-irdumijiet grazzi għal Charlie Sciberras, Sammy Buttigieg, Grezzju Chetcuti, Peppi Sciberras, Salvu Camilleri u David Vella.*




***Mappa E - Ismijiet tal-irdumjiet grazzi għal Charlie Sciberras, Sammy Buttigieg, Grezzju Chetcuti, Peppi Sciberras, Salvu Camilleri u David Vella.***


one80
KITCHEN • LOUNGE
Multiple awards, premium quality, a dedicated team, genuine food, stunning surroundings and we're open all day, every day!
(+356) 2152 1637
one80@foodrinksconcepts.com
www.one80.com.mt



*Toni Sciberras in-Naqqu b'ċerna sabiħa li qabad mid-Delli*

Il-Militar Ingliż kien ser jikkonfiska l-parti ta' rdum li kellhom **Tal-Barkun**.[6] Ċensu Vella **tal-Barkun** kien isemmi kif wara ħafna taħbit kienu ftehmu mal-Ingliżi li huma setgħu jibqgħu jaħdmuh bil-kundizzjoni li waqt il-manuvri ma setgħux jersqu 'l hemm kif ukoll li jekk kienet issir xi ħsara fir-raba' jew fis-siġar ma setgħux jitolbu kumpens.[7] Dan Ċensu kellu taqbila ħelwa fuq **Irdum id-Delli**:

*Imbierek Irdum id-Delli*
*Kemm jagħmel għeneb u tin*
*Imbierka l-Mellieħa*
*Kemm għandna tfajliet ħelwin!*[8]

L-inġiniera Ngliżi għamlu biċċa xogħol tal-għaġeb. Minn **Għajn Lippu,** li tinsab taħt ix-xifer ta' rdum tal-**Mejjiesa**, bil-qlib (mingħajr użu ta' pompi) irnexxielhom itellgħu l-ilma sa fuq ix-xifer. Imbagħad minn hemm ippumpjawh ġo ġibjun u b'hekk l-ilma seta' jasal fil-*barracks* ta' Għajn Tuffieħa.[9]



*Ġamri Vella l-Barkun*

Fil-gwerra, l-Ingliżi ħattew l-imniżel kollha billi qalgħu l-ħitan tas-sejjieħ u t-turġien li minn fuq kienu jagħtu għal taħt ix-xifer. Dan għamluh minħabba xi biża' ta' xi żbark mill-għadu. Tal-**Barkun** spiċċaw jgħaddu mit-**Toqba**, ħarq dejjaq li jinfed għal fuq. Tinżel u titla' minn hemm bi tbatija u ma ridtx tkun mgħobbi.[10] Wara l-gwerra reġgħu bnew l-imnieżel kollha barra wieħed li għadu magħruf sal-lum bħala l-**Minżel il-Magħluq**.[11]

**L-Għawseġ**[12] huwa rdum żgħir li ħa ismu minn pjanta li tikber jew kienet tikber fil-post. Jibda mill-**Wied l-Aħmar** u jispiċċa fir-**Rokna tal-Għawseġ.** Minkejja li żgħir xorta kien kien hemm mniedaq jinħadmu u kien imfittex ferm speċjalment għall-kaċċa tal-fniek.

Kif taqbeż l-**Għawseġ,** lejn it-Tramuntana, hemm il-**Bajja tax-Xquq**, illum aktar magħrufa bħala Popeye Village. Daħla ċkejkna fejn xi sajjieda fl-antik bnew kmamar għall-frejgatini tagħhom u fejn fuq ix-xifer ta' **Bunuħħala** nbena l-**Maħżen tat-Tunnara**. Dan il-maħżen illum inqered għal kollox. It-Tunnara, barra fil-bajja tal-Mellieħa, kienet tintefa' wkoll f'**Irdum id-Delli**. Fil-fatt baqa' xi postijiet imsejħa l-**Marbat**, peress li x-xibka kienet tintrabat mal-art ma' dawn l-imrabat maqtugħa fil-blat.[13]

Ta' min jinnota li l-blat tal-irdum, li ħafna minnu jinsab fuq it-tafal, dejjem miexi. Allura jkun hemm passaġġi bejn il-blat li maż-żmien jingħalqu filwaqt li jinfetħu oħrajn ġodda. L-istess il-ħruq fil-blat, bil-mod il-mod jinfetħu sakemm fl-aħħar il-blata tinqata' għal kollox u tispiċċa mal-oħrajn taħt ix-xifer. Neville Grima jiftakar li fuq **Ta' Turi** kien hemm xaqq dejjaq li bil-kemm kienet tgħaddi gremxula minnu. Imma darba qala' fenek u dan sparixxa ġo fih. Il-blat kien mexa, il-ħarq twessa' u l-fenek sab post ġdid fejn jista' jdabbar rasu![14]

## Għall-fniek bid-dawl ta' qamar

Dari l-kaċċa għall-fenek bid-dawl ta' qamar kienet permessa. Kont tmur timtedd fuq ix-xifer jew fuq xi blata (tixxerref) b'qamar kwinta jew kważi kwinta u hemm tistenna l-fniek jgħaddu minn taħtek u tispara għalihom. Hekk għamlu lejl minnhom Salvu Chetcuti l-Isplit u Grezzju Chetcuti ta' Ġamri l-Gabilott. Ixxerrfu fuq l-**Għolja**, fuq il-**Maqsuma**, fuq **il-Borġ** u fuq **tal-Gawwija.** U qabdu tmienja. Is-soltu, hekk kif tispara tir, twerwer kull m'hemm u diffiċli taqbad ammonti kbar ta' fniek għax l-oħrajn idabbru rashom 'il ġewwa fil-bejta. Imma l-fniek tad-Delli, skont Salvu, ma kinux jibżgħu daqshekk mit-tiri għax kienu mdorrija jisimgħu l-isparar kontinwu tar-*ranges* tal-Ingliżi![15]



*Salvu Chetcuti l-Isplit u Grezzju Chetcuti ta' Ġamri l-Gabillott bil-fniek li qabdu bid-dawl ta' qamar*

### Ammonti kbar ta' fniek

Dari l-fniek slavaġ kienu komuni. Kienu s-saħta tal-bdiewa[16] għax kull ma jsibu jeqirduh. Ma kontx tista' tagħmel ftit piżelli għax f'ħakka t'għajn imeximxuha sa wiċċ il-ħamrija. L-istess is-siġar tal-frott u d-dwieli, fejn jilħqu, iqaċċtu. Il-fniek jitilgħu minn irdum, minn ġo xi ħarq jew mill-minżel u matul il-lejl jagħmlu r-ronda ġor-raba' u xagħri tal-madwar. Imbagħad, kif jaħseb biex ibexbex, idabbru rashom lura għal taħt ix-xifer b'żaqqhom mimlija.



*Salvu Camilleri tar-Roċċ u Charlie Sciberras il-Basli bil-qabda fniek li għamlu meta għalqu x-Xquq. Interessanti li warajhom, fuq ix-xifer ta' Bunuħħala, jidher il-Maħżen tat-Tunnara li llum m'għadux jeżisti*

Il-kaċċaturi u l-gabillotti kienu jafu b'dan, allura xi drabi bil-lejl kienu jagħlqu bix-xibka, miżmuma wieqfa permezz tal-qasab, il-passaġġi minn fejn kien jinżel il-fenek lura fl-irdum. Fejn ma sservix ix-xibka kienu jagħmlu qasab u ċraret, ħbula bil-karti tal-gazzetti marbuta magħhom u kull ma kienu jsibu li jitħarrek maż-żiffa biex il-fenek jibża' minnhom u ma jgħaddix. Xi drabi kienu wkoll jimlew landi bit-trab, jitfgħulhom id-*diesel* u jtuhom in-nar. Dawn il-fjakkoli kienu jagħmlu sa filgħodu jaqbdu. Hekk kif il-fniek kienu jilmħu dawn l-għeġubijiet kollha quddiemhom kienu jaħsbuha darbtejn biex jinżlu lura l-irdum. Kienu jaraw fejn se jdabbru rashom f'xi post fuq ix-xifer, jew ġo xi ħatba, jew ġo xi ħajt tas-sejjieħ.[17]

Darba minnhom, Charlie Sciberras il-Basli, Salvu Camilleri tar-Roċċ u sħabhom għalqu bix-xibka fuq ix-**Xquq,** bejn l-**Irdum l-Ikrah** u l-**Ponta tal-Ixprun**. Damu sal-4:30 ta' filgħodu biex ramaw ix-xibka u l-infafar. Imbagħad kif sebaħ bdew iduru bil-klieb tal-fenek. Il-klieb bdew kultant jaqilgħu xi wieħed. Fejn il-fenek dabbar rasu ġo xi ħajt, telqu n-nemes ħalli jnaffru 'il barra. Sa xħin ġew biex iżarmaw kienu qabdu tużżana.[18] Dan juri l-kwantità kbira ta' fniek li kien hawn.

### Il-kelba li sparixxiet taħt l-art

Ġurnata minnhom, **iċ-Ċumba**, il-kelba tal-fenek ta' Salvu, qalgħet fenek f'**Ta' Parsenka.** Għamlet kurriera warajh (tiġri warajh u tinbaħ) u sparixxiet. Ma setgħu jsibuha mkien. Fl-aħħar semgħuha tingħi taħt blata enormi. Il-problema kienet li ma setgħux isibu tarf kif iċ-Ċumba daħlet hemm taħt. Ma kien jidher l-ebda dħul. Kellhom jaqilgħu xi ġebel sakemm fetħu toqba u tkaxkru huma wkoll taħt il-blata. Hemm sabu ruħhom ġo dagħbien. Il-kelba setgħu jaraw biss gedduma ġo ħarq dejjaq. Kienet xi erbgħin pied bogħod imma ma setgħux jgħaddu minn dak id-djuq. Kif kienet spiċċat hemm ġew Alla biss jaf! Waqt li kienu qegħdin ifittxu kif ser jaslu fejn iċ-Ċumba sabu musbieħ ġo toqba! Min jaf min kienet dik il-persuna li fl-antik kienet tuża dak il-post mudlam u għaliex?!

Fl-aħħar qatgħu qalbhom li jaslu fejn il-kelba. Marru ċemplu lil tar-*rescue*, kif kienu msejħa dak iż-żmien tal-Protezzjoni Ċivili. Dawn kif waslu u raw il-post mill-ewwel qatgħu qalbhom. Il-kelba ma setgħet tintlaħaq minn imkien. Anqas inewlulha ftit ilma jew ikel ma setgħu daqs kemm kienet 'il ġewwa. U l-povra Ċumba kellha tibqa' midfuna hemm taħt.

Iżda din il-kelba kellha sebat irwieħ. Sbatax-il ġurnata wara, ħu Salvu, Ninu, kien ġox-xagħra fuq ix-xifer u ċ-Ċumba marret ħdejh! Biex baqgħet ħajja għal dak it-tul ta' żmien, żgur li sabet x'tixrob u x'tiekol taħt l-art![19]

### In-nemes li sab it-triq lura

Għodwa minnhom, Salvu telaq in-nemes taħt **tal-Gawwija** u dan ondra – ma ħariġx. Salvu baqa' jistennih saħansitra bil-lejl. Kien nemes tajjeb u ma xtaqx jitilfu. Però wara jumejn qata' qalbu. Lin-nemes raddlu salib.

Imma hekk kif għaddew tmint ijiem, in-nemes ħareġ u telaq għal għonq il-passaġġ lejn il-**Minżel tad-Delli.** Kif wasal fejn il-**Blata tal-Ilma,** in-nemes waqaf. Xamm lil Toni Cauchi tan-Naqru u lil Pietru Vella tan-Niċu li kienu reqdin għall-frisk taħt il-blata. U hemm Pietru ħa l-qatgħa ta' ħajtu hekk kif in-nemes tela' jiġri fuqu! Bilkemm ma ħasibx li attakkah ġurdien mill-kbar! Għall-inqas in-nemes iffranka mixja għax wasal lura għand sidu riekeb fil-karozza![20]

Interessanti ferm li fit-tiksira (blat b'ħafna dħul minn fejn jista' jgħaddi l-fenek) tal-**Girgru,**[21] in-nemes jiġi lura mxarrab għasra.[22] Jiġifieri hemm ġew, taħt dak it-tifrik, in-nemes f'xi ħin jgħaddi minn ġol-ilma. Jekk hux ilma baħar jew ilma ħelu ħadd mhu ċert għax il-Basli u sħabu qatt ma kellhom il-kuraġġ ibillu subgħajhom fil-pil tan-nemes u jduquh ħalli jaqtgħu l-kurżità![23]

### Mar ixomm il-kanna tas-senter!

Peppi Sciberras il-Basli kellu ħabta jmur bil-lejl

jimtedd ġo ħofra fuq ix-xifer tal-**Bajja tax-Xquq**, iħares lejn ix-xagħra, jistenna l-fniek ġejjin lura mill-mawra tagħhom fl-għelieqi tal-madwar. Kienu jinżlu lura lejn l-irdum minn ħarq li kien hemm erba' passi bogħod minn fejn Peppi kien ikun mimdud.

Il-problema kienet li l-fniek ikunu waslu miegħek x'ħin tarahom, allura la stajt tiċċaqlaq u lanqas tispara qabel il-fenek jieqaf għax inkella ftit kellek ċans li toqtlu f'dak id-dlam!

Lejl minnhom feġġ fenek u Peppi kien lest ħalli kif dan jieqaf, jispara għalih. Imma dan il-fenek kellu ħsieb ieħor. Baqa' ġej tlikki tlikki u hekk kif wasal qrib Peppi tawwal rasu u mar ixomm il-kanna tas-senter. U Peppi la kellu għalfejn jerfa' s-senter u lanqas jimmira. Għafas il-grillu u l-fenek spiċċa stuffat bla tbatija ta' xejn![24]

## Il-Werżieq

Kif għidna qabel, xi drabi l-kaċċa kienet tissajjar l-irdum stess. Darba minnhom, Salvu u sħabu kienu fejn tal-**Budand,** jaqlu xi żewġt ifniek li kienu qabdu. Ħin minnhom, werżieq niżel fuq blata għolja fil-qrib u fetħilha jżarżar u jgħanni. Dan il-werżieq beda jixrob moħħ Grezzju ta' Ġamri l-Gabillott. Ta' xejn sħabu qalulu biex ma jagħtix kasu għax aktar beda jdejqu. Allura qabad ġebla u tefgħahielu. Imma l-werżieq baqa' għaddej b'ħanġra daqshiex. Għalxejn garalu żewġ żrariet oħra għax jgħanni baqa'!

Allura ddeċieda li jitla' għalih ħa jnaffru. U beda jixxabbat ma' din il-blata għolja, forsi jeħles minn dan l-imbierek werżieq. Imma hekk kif tela' biċċa sew ċediet parti mill-blata li Grezzju kien iggranfat magħha u dak li m'għamilx il-werżieq għamlu Grezzju għax għal ftit sekondi spiċċa jtir fl-arja sakemm il-gravità għamlet tagħha u tkaħħal mal-art. Spiċċa qisu l-Aċċjomu, kollu tbenġil u grif. U għal ftit mumenti kien hemm tnejn iżarżru kemm jifilħu, il-werżieq fuq il-blata u Grezzju taħtha![25]

Dan Grezzju kien dilettant tal-għawm ukoll. Għodwa minnhom, fid-daħla **ta' Lawrenz**,[26] lemaħ qarnita fiha żewġ *kilos*. Kif spara għaliha bil-*harpoon*, rabtet u ma seta' jaqlagħha b'xejn. Tela' kemm-il darba għan-nifs. Deherlu li ftit 'il ġewwa, taħt **ir-Raff**, kien hemm xi ħaġa tkanġi. Imma moħħu kien fil-qarnita u baqa' jissara magħha sakemm fl-aħħar inqalgħet. Issa Grezzju seta' jkompli l-għawma tiegħu imma moħħu baqa' jberren fuq dak li deherlu li kien lemaħ taħt **ir-Raff**. Il-kurżità għelbitu u għam lura u mn'Alla! Għax taħt **ir-Raff**, miftuħa qisha paraxut, kien hemm qarnita daqs dinja. Kien pront sparalha bil-*harpoon* u ġibidha lejh ħalli ma taqbadx mal-blat. Kien fiha disa' *kilos*![27]



*Il-qarnita enormi li qabad Grezzju Chetcuti minn taħt ir-Raff*

## Ħasbuh sar Sansun

Meta beda jinħadem il-film Popeye, il-ħbieb tagħna xorta kienu jmorru lejn ix-Xquq għall-fniek. Ġurnata minnhom, Salvu, kuġinuh Ġamri Sciberras tad-Dajli u Ġamri Sciberras il-Blackie kienu fuq id-**Dikkiena.**[28] Salvu, li kien jaf il-post fuq ponot subajgħ, induna li fuq id-**Dikkiena** kienet faqqset ġebla enormi li ma kinitx hemm qabel. Hekk kif resaq lejha ntebaħ li kienet ġebla tal-ġablo, parti mis-sett tal-film.

Allura ġietu x-xoqqa f'moxtha jilgħab ċajta fuq l-oħrajn. Qalilhom li kien kapaċi jerfa' din il-ġebla u l-Blackie, li ma ndunax li kienet tal-ġablo, baqa' jisfidah li kien impossibli. Lanqas li kien Sansun! Allura Salvu tbaxxa, tqanżah tnejn u refagħha! Kif Ġamri l-Blackie kien għadu b'ħalqu miftuħ, Salvu ħarab għal fuqu bil-ġebla fuq rasu. Taparsi ħaditu. Ġamri bilkemm ma qabiżx minn fuq id-**Dikkiena** għal isfel xħin rah ġej! Wara li nduna li l-ġebla kienet tal-ġablo, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt![29]

## Xewka fid-dlam

Darba oħra kienu l-irdum bil-lejl u l-Blackie qabdu l-ġuħ. Allura dan Salvu, li ċ-ċajt kien jieklu aktar mill-ħobż, newwillu biċċa bettieħa u fuqha poġġielu biċċa xitla tax-xewk. Hekk kif Ġamri ħa l-ewwel gidma fetaħ ħanġra daqshiex! (U ma ttihx tort!) L-ieħor bil-kalma kollha qallu, "Ġam, issa nistgħu mmorru d-dar għax bl-għajjat u l-istorbju li għamilt kxift kull m'hawn u naffart il-fniek kollha!" X' irrispondieh Ġamri ma jistax jinkiteb hawn![30]

## Xtaqu kienu minfloku!

Kien it-13 ta' Diċembru 1982 u sħabna kienu sejrin għax-xogħol fir-raba' meta raw lil Salvu Cauchi tal-Midneb jgħabbi l-qasab tal-kaħli ħalli jmur jistad id-**Delli.** Dan Salvu kien ibiegħ il-ġwież il-Mellieħa imma kull meta l-baħar kien ikun qawwi, u allura jkun galbu għall-kaħli, kien jitlaq kollox u jmur jistad. X'ħin rawh sejjer, f'qalbhom qalu 'Hekk sewwa, aħna għax-xogħol u hu għall-

baħar!' Imma dakinhar Salvu ma marx lura d-dar. Il-karozza baqgħet tistenna lil sidha għalxejn fuq ix-xifer. Sabu t-termos tal-kafè tiegħu kważi mimli fuq blata, jiġifieri bilkemm kien beda jistad x'ħin ħadu l-baħar.[31] Dakinhar il-baħar ried jibla' l-art tant li Ġanninu Stellini tal-Qoss, li wkoll kien sejjer għall-kaħli, x'ħin minn fuq ix-xifer ra dawk il-ħalel jitfarrku mal-iskolli dawwar denbu lejn id-dar. Lil povru Salvu sabuh jumejn wara u sħabna, li xtaqu kienu minfloku, tbikkmu. Għalhekk trid toqgħod attent x'tixtieq fil-ħajja! Il-Mulej jagħti lil Salvu l-mistrieħ ta' dejjem.[32]

## Irdum ta' Kamiża

L-istorja tal-irdum ta' Kamiża bdiet meta fuq Malta bdiet tberraq il-gwerra. Karmnu Gauci Kamiża beża' li jinqabad bil-lieva u jispiċċa suldat. Allura talab biċċa minn irdum lil Toni Fenech ta' Rasu biex ikun jista' jaħdmu u b'hekk jidher li kien bidwi. Kellu f'moħħu li jagħmel kull m'hemm dwieli u tin u jaqla' xi ħaġa x'jiekol. Imma malajr induna li dan l-irdum kien il-mamma tal-fniek. Kull sena kien jagħti xi ħaġa tal-flus bħala kera lil Toni. Illum din il-parti tar-rdum għadha magħrufa bħala **ta' Kamiża**.

Interessanti kif ġie l-laqam Kamiża. Mid-dehra dan Karmnu kien iħobb jilbes qmis twila bajda dejjem maħruġa barra mill-qalziet. Meta sħabu kienu jarawh kienu jgħidu "Hemm hu, dejjem bil-camisa (*camicia)*."[33] Camisa hija qmis bit-Taljan jew Sqalli antik.[34] Din tal-Camisa baqagħtlu u biż-żmien saret Kamiża.[35]

## Mhux ċomb biss!

Wara l-gwerra, dan Karmnu beda jrabbi erbat ifniek fil-***beachpost***[36] li hemm taħt ix-xifer. Induna li meta l-fenkiet tiegħu kienu jkunu bin-namra, il-fniek slavaġ kienu jiġġennu jduru ma' din il-kamra tal-konkrit! Allura ġietu idea brillanti. Taqqab toqba ftit fil-għoli fil-*beachpost*. Il-fenek selvaġġ beda jgħaddi minn din it-toqba dejqa, jgħammar il-fenkiet u wara li jkun ħa dak li ried ibewweġ 'l barra kuntent! Għallinqas il-fenek selvaġġ mhux ċomb u xbieki biss kien jara mingħand dan Karmnu, għax kultant kien iħallih jieħu ftit pjaċir ukoll![37]



*Il-***Beachpost** *fejn Ġanni Gauci Kamiża kien irabbi l-fniek*

## Ma' Ġanni għall-fniek

Sammy Buttiġieġ iċ-Ċikkies, minn meta kien għadu tfajjel, kien dejjem jiġri wara nannuh Ġanni Gauci ta' Kamiża, iben Karmnu. Kien jogħxa jisimgħu jirrakkonta xi ġrajja li għadda minnha.

Mela fil-gwerra, Ġanni ġab żewġ Qriema sinjuri biex iduru miegħu għall-fniek. Nemmsu l-**Ħarq tal-Mejda**.[38] In-nemes li kellu Ġanni kien mustaċċun prim u f'ħakka t'għajn, mill-ħarq qabżu tlitt ifniek. Dawn il-Qriema baqgħu impressjonati b'dan in-nemes u bdew jiffittaw lil Ġanni biex ibiegħulhom. Imma Ġanni kellu bokka kbira bih u ma riedx. Imma fl-aħħar tant kemm dejquh li biex jeħles minnhom qalilhom "Mela tuni £40." U Kamiża baqa' b'ħalqu miftuħ meta wieħed mis-sinjuri fetaħ il-kartiera u newwillu dik is-somma fenominali għal dak iż-żmien! Però xorta qala' ħasla tajba mingħand missieru meta wasal lura d-dar u qallu li kien biegħ in-nemes! [39]

## 'Il-kelb il-baħar'!

Għodwa minnhom, Ġanni u xi tnejn oħra kienu qed iduru fuq **Ta' Turi** meta kelb minnhom ħabat fuq fenek u dan ħareġ kemm kellu saħħa lejn ix-xifer bil-kelb jiġri warajh! Hekk kif il-fenek wasal max-xifer kiser f'salt imma l-kelb baqa' għaddej dritt u spiċċa qabeż minn fuq ix-xifer għal isfel dritt għal ġol-baħar! Kieku kienu jeżistu l-Olimpjadi tal-Klieb żgur kien jirbaħ il-Midalja tad-Deheb għall-qbiż mill-għoli! Dan il-kelb għam għal fuq pett taħt ix-xifer u spiċċa qisu Robinson Crusoe, jittama fil-ħniena ta' Alla li xi ħadd isalvah. U l-Mulej bagħatlu lil Dun Belin Azzopardi u Eddie Camilleri tal-Baqrambun li kienu għaddejjin bil-frejgatina u għabbewh magħhom.



*Ġanni Gauci Kamiża, bis-senter taż-żewġ u l-kelb tal-fenek*

Sammy jiftakar kif nannuh kien dejjem iżomm arloġġ tal-but. Meta jnemmsu xi tiksira kien sikwit jittawwallu. Hekk kif kienet pereżempju tgħaddi kwarta kien jgħidlu "Skorra l-ħin. Issa għalxejn nistennewh hawn. Ejja mmorru fuq dik il-blata għax jekk għandu jaqbeż xi fenek, minn hemm joħroġ issa.' Kien ikun jaf bl-arloġġ minn liema toqba se joħroġ il-fenek![40] Ta' min jgħid li jekk il-fenek ikun jgħix f'dik it-tiksira kien ikun jafha bl-amment, b'kull passaġġ u rokna moħbija. Xi drabi kien jagħti kedda tajba lin-nemes, jiġrilu minn passaġġ għal ieħor taħt l-art, mingħajr ma jitħajjar joħroġ għad-dawl tax-xemx. Imma jekk ma kienx postu hemm ġew, aktarx li jlebbet 'il barra mill-ewwel hekk kif iħoss in-nemes ġej u kif joħroġ dejjem kien isib lil xi ħadd qed jistennieh bil-ħerqa! U mbagħad kienet tibda l-musketterija! [41]

## Fil-kamra tal-irdum

Ma' nannuh Sammy qatta' ħafna żmien sabiħ. Qabel ma jidlam, kienu jinġabru xi sitta min-nies fil-kamra li kellhom l-irdum, kulħadd nieżel bix-xibka fuq dahru ġox-xkejjer. Il-muftieħ kien ikun moħbi taħt pett tal-blat fil-viċin. Sammy kien imur iġib ftit ħalfa[42] (pjanta) biex ipoġġiha mal-art tal-kamra u jorqod fuqha. Fil-kamra dejjem kien ikun hemm ftit zalzett imdendel fit-tieqa biex ikollhom x'jieklu mal-ħobż. Ilma kienu jġibu mill-**Blata tal-Ilma** għalkemm aktar tard għamlu ħofra mgħottija mal-kamra biex timtela' bl-ilma tax-xita. Għas-siegħa ta' filgħodu kienu jibdew jifirxu x-xibka

Meta jżarmaw għall-ħdax ta' filgħodu kienu jintefgħu taħt il-**Ħnejja** għall-frisk, jaqlu xi żewgt ifniek. Imma xi drabi Sammy u nannuh kienu jmorru f'dura imsaqqfa fejn il-**Ħarq tal-Mejda.** Ġanni kien joqgħod jittawwal lejn il-ħarq minn toqba fil-ħajt waqt li Sammy, għajjien mejjet wara lejl u nofstanhar taħbit, kien jorqod raqda tajba. Ta' min jgħid li l-fenek xorta joħroġ matul il-ġurnata, speċjalment jekk mal-lejl ikun tnaffar. F'xi ħin irid imexmex xi ħaġa! Ġieli Ġanni spara kemm-il darba u Sammy rieqed kien u rieqed kien jibqa'! Kif kienu jsiru l-erbgħa ta' wara nofsinhar, nannuh kien iqajmu u jaħsbu biex jitilqu. Ġanni kien jibagħtu jġib il-fenek jew fniek mejta minn fuq il-ħarq u Sammy kien jibqa' mbellah għax hu mingħalih li nannuh lanqas biss kien spara![43]



Il-Ħnejja fejn ta' Kamiża u sħabhom kienu jintefgħu għall-frisk

## Irdum magħluq bix-xibka

Charlie Gauci ta' Kamiża, iben Kristinu, ukoll kien dilettant kbir tal-fniek. L-**Għawseġ** u l-**Irdum ta' Kamiża** jafhom blata blata. Meta kienu se jkunu ħa jagħlqu l-**Għawseġ** bix-xibka kien jinżlu mill-**Wied l-Aħmar** biex il-fniek ma jħossuhomx. L-istess meta kienu jkunu se jagħlqu **Tal-Barkun**, Charlie u sħabu kienu jinżlu minn fejn il-*beachpost* u jimxu l-irdum kollu f'dak id-dlam ċappa mgħobbija sa ruħ ommhom bix-xibka, basta l-fniek fix-xagħra ta' fuq ma jindunawx bihom! Imbagħad jifirxuha u jwaqqfuha bil-qasab, kemm jista' jkun mingħajr ma jagħmlu ħoss.

Jiftakar li kienu jixtru l-grieżel (li fihom iġorru n-nemes) mingħand Ġużeppi Borg ta' Fellusu. Dan Ġużeppi, barra grieżel, kien jagħmel qratal kbar għat-tiben u ġebel, mezez għall-biegħa, bxiekel tal-frawli, ħsajjar u bxiekel għan-nisa tad-dar. Il-garżella tan-nemes raġel kienet tkun ikbar minn tal-mara.[44] Però jekk in-nemes ikun bieżel kellu bżonn garżella komda u ftit kabbarija fejn ikun jista' jistrieħ peress li kien jitħabat ħafna jiġri fil-ħruq u l-bejtiet taħt l-art. Tant kemm ġieli għajja li xi drabi, hekk kif kien joħroġ mill-bejta tal-fniek wara xi sagħtejn ġiri taħt l-art, kien jorqod f'ħobb il-



*Sammy Buttigieg iċ-Ċikkies, Wiġi Grima ta' Ċikku tal-Forn, Charlie Gauci ta' Kamiża, Ġużi Grima l-Aħmar, Ġużi Gauci t-Telegraf, Ċikku Grima l-Bju u t-tifel ta' Charlie, Jonathan, wara kaċċata fniek fl-Irdum ta' Kamiża fis-snin tmenin*

kaċċatur.[45] Interessanti li kultant in-nemes feġġ lura f'xi post fond fejn ma setax jintlaħaq, allura kienu jdendlulu l-garżella b'ħabel u n-nemes jidħol fiha u jitla' lura fejn sidu qisu ġo lift![46]

Irdum dejjem jinbidel. Pereżempju l-**Ħarq tal-Mejda** qatt ma kien jinfed għal imkien ieħor. Sakemm darba telqu n-nemes fih u wara ftit bdew jisimgħu ġonġol fix-xagħra 'l fuq minnhom. In-nemes ħareġ minn bejta oħra. Taħt l-art kien iċċaqlaq xi ħaġa u nfetaħ passaġġ u ż-żewġ postijiet spiċċaw jinfdu!

Lejl minnhom, Charlie u ħbiebu għalqu l-**Minżel ta' Beċċuna** bix-xibka. Hu ntefa' għassa ftit 'il bogħod mix-xibka. Ħin minnhom, kelb qala' fenek fix-xagħra u għamel kurriera warajh. Mill-għajjat tal-kelb, Charlie nduna li l-fenek kien ġej biex idabbar rasu mill-minżel. Allura wara ftit mar jittawwal ix-xibka u hemm sab erbat ifniek imħabblin. L-inbiħ tal-kelb kien naffar tlitt ifniek oħra u kollha marru jinżlu mill-istess post![47]

## Bil-baqqun

Kamiża kellu kelb tal-fenek li kellu seba' xjaten għax ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Darba minnhom, dan l-imbierek ta' kelb qala' fenek minn fuq l-**Għawseġ** u ħarab għal warajh. Il-fenek għosfor ġol-**Ħarq ta' Salvu tal-Ħanut** u l-kelb sparixxa warajh u baqa' jiddeffes u jintrass sakemm weħel hemm ġew. Xħin induna x'ġara, Charlie pprova jidħol wara l-kelb imma l-ħarq kien dejjaq wisq. Allura mar id-dar, ġab fies u beda jqatta' l-blat. Imn'Alla l-blat kien turbazz u ma tantx kien iebes u li l-Bambin bagħatlu l-għajnuna! Hu u xi tnejn oħra kellhom iqattgħu xi sitt piedi bil-baqqun. Damu xi erba' sigħat għaddejjin, jibdlu lil xulxin f'dik ix-xemx taqli l-ankri. Fl-aħħar feġġ il-kelb maqbud qisu ġurdien ġo nassa, iferfer denbu x'ħin ra lil sidu. Charlie ħatfu minn saqajh u ġibdu 'l barra kif seta'. M'għandniex xi ngħidu, wara kedda bħal dik, il-fenek ħallewh bi kwietu.

## Il-Miraklu tal-Ilma

L-Għawseġ dejjem kien hemm il-**Blata tal-Ilma** li kienet taqta' kull għatx. Taħtha jiskula l-ilma tax-xaba' minn fuq it-tafal u li fis-sħana tax-xemx jinżel għasel. Però din il-blata qiegħda ftit 'l fuq, allura xi drabi kien ikollhom mixja sew biex jixorbu. Għalhekk tgħidx kemm ferħu hekk kif darba waħda Charlie Cutajar l-Ispiket innota li ma' xatt il-baħar kienet feġġet vina irqiqa tal-ilma tnixxi! Kamiża beda jħaffer fit-tafal u l-ilma beda jżid u l-ħofra li għamlu mtliet ġmielha. Kien ilma bnin, pur u ħafif, iħabbatha mal-ilma li sar inbid f'Kana! Bdew jaħsbu li sar xi miraklu! Marru xi ħames darbiet oħra l-**Għawseġ** u dejjem xorbu minnu.



*Il-Ħarq tal-Mejda magħluq bix-xibka biex il-fenek ma jgħaddix*

Imma s-sitt darba sabu l-ħofra niexfa qoxqox! U dak il-ħin l-Ispiket irrealizza minn fejn kien ġej dak l-ilma tant pur. Fil-Wied tal-Ħanżira (800m 'il bogħod) kien għamel xi tliet xhur ifur id-drenaġġ sakemm il-ħaddiema tal-gvern sabu tarfu u għalquh. B'xi mod dan l-ilma għadda minn xi xquq u sbokka fejn xatt il-baħar! Tal-inqas kien issaffa sakemm għadda minn taħt l-art! L-Ispiket inkwieta ftit imma kif qallu Kamiża, "Dak li ma joqtolx isemmen!" U hekk kien![48]

Charlie l-Ispiket kellu ħabta kif jaqbad il-fniek. Kien jistenna lill-kaċċaturi l-oħra jmorru lejn id-dar u għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar, fix-xemx tiżreġ tas-sajf, imur jittawwal ġol-ħruq ta' fuq ix-xifer tad-**Delli** u **ta' Kamiża.** Kien jidħol fuq il-ħarq inkiss inkiss u hemm kien isib xi fenek rieqed għall-frisk fil-ġnub tax-xquq. Ħafna drabi spara u l-fniek fi ħruq fil-viċin lanqas biss kienu jindunaw x'inhu ġej għalihom għax reqdin kienu u reqdin kienu jibqgħu. Saħansitra ġieli qabad sitta jew sebgħa għalkemm kien isir qisu skorfna fix-xemx![49]

## Żmien li ma jerġax jiġi lura

Illum ma tantx fadal dilettanti vera tal-fniek. Min ser jagħmel ġranet l-irdum? Il-ftit li baqa' jiftakru b'nostalġija żogħżithom, bi ljieli mqajmin jifirxu x-xibka u mbagħad x'ħin jisbaħ, iterrqu qalb dawk is-sisien bit-tama li l-klieb jaqilgħu xi fenek. Mhux ta' min jinsa l-kumpanija tal-ħbieb u dawk iż-żewġ fliexken inbid! Żmien li żgur ma jerġax jiġi lura, mhux biss minħabba li l-fniek naqsu imma wkoll għax illum, kull fejn tmur, taħbat man-nies. Dan biex ma nsemmux ir-restrizzjonijiet li sar hawn. Baqa' biss l-istejjer, il-memorji u r-ritratti li jfakkruna li dak iż-żmien sabiħ ma kienx ħolma sabiħa imma seħħ verament imma li, sfortunatament, għadda jiġri bħal ħolma!

**Dan l-artiklu qatt ma seta' jkun possibbli mingħajr l-għajnuna ta' dawn in-nies: Charlie Sciberras il-Basli, Peppi Sciberras il-Basli, Charlie Grech ta' Żamżam, Toni Sciberras in-**

**Naqqu, Neville Grima tar-Ritz, Salvu Camilleri r-Roċċ, Grezzju Chetcuti ta' Ġamri l-Gabillott, David Vella tal-Barkun, Sammy Buttigieg iċ-Ċikkies, Charlie Gauci Kamiża, Ġamri Sciberras il-Blackie, Mari Cutajar ta' Kamiża, Salvu Caruana l-Messies, Ċikku Grima l-Bju, Ġamri Borg ta' Fellusu, Mario Deguara, Prof. Stanley Fiorini u l-Arċipriet Fr Joe Caruana. Grazzi mill-qalb tal-għajnuna.**

## Riferenzi

1 Intervista ma' Charlie Sciberras il-Basli.
2 Intervista ma' Charlie Grech ta' Żamżam.
3 Intervista ma' David Vella tal-Barkun.
4 Intervista ma' David Vella tal-Barkun. Fl-1929 Gio Maria Vella kien magħruf bħala l-Barchun filwaqt li fl-1922, Gio Maria Gauci kien magħruf bħala l-Lancia. Muscat Jimmy (2015) *Il-Mellieħa – Lemħa lejn Ġrajjietha* Printit Ltd pg. 412, 432. Ġamri Vella l-Barkun ħalla din id-dinja fil-11 ta' Frar 1970, fl-età ta' 82 sena.
5 Intervista ma' Toni Sciberras in-Naqqu.
6 Irdum tal-Barkun qabel kien ta' Beċċuna.
7 Ċensu kien qalli fuq dan il-ftehim fil-librerija tal-Mellieħa. Ċensu Vella ħalla dan il-wied tad-dmugħ fid-29 ta' Ġunju 2016.
8 Intervista ma' David Vella tal-Barkun.
9 Intervista ma' Charlie Sciberras il-Basli.
10 Intervista ma' David Vella tal-Barkun.
11 Intervista ma' Charlie Sciberras il-Basli.
12 Weber Hans Christian (2006) *Flora of the Maltese Islands* Magraf Publishers pg 260.
13 Intervista ma' Charlie Sciberras il-Basli.
14 Intervista ma' Neville Grima tar-Ritz.
15 Intervista ma' Grezzju Chetcuti ta' Ġamri l-Gabillott.
16 Minkejja l-ħsara li kienu jagħmlu, xorta l-fniek kienu rispettati. Ma kienx isir sparar fuq żrameġ jew fiż-żmien li l-fenkiet ikunu qed ireddgħu.
17 Intervista ma' Charlie Sciberras il-Basli.
18 Intervista ma' Salvu Camilleri tar-Roċċ.
19 Intervista ma' Salvu Camilleri tar-Roċċ.
20 Intervista ma' Salvu Camilleri tar-Roċċ.
21 Aktarx ġejja mill-kelma Sqallija "gurgu" li tfisser għadira tal-ilma. Piccuto, G. (1985) *Vocabolario Siciliano* Palermo. Grazzi lil Prof. Stanley Fiorini li pprovdieli l-informazzjoni. Ara wkoll l-isem Grugruwa fl-artiklu *Stejjer minn Irdum il-Qawwi* f'Leħen l-Imperial 2017.
22 Qrib il-**Girgru** hemm il-**Kejna**, fejn il-maltemp idaħħal kull xorta ta' imbarazz. Ara wkoll l-**Għar l-Abjad** fl-artiklu *Stejjer minn Irdum il-Qawwi* f'Leħen l-Imperial 2017
23 Intervista ma' Charlie Sciberras il-Basli.
24 Intervista ma' Peppi Sciberras il-Basli.
25 Intervista ma' Grezzju Chetcuti ta' Ġamri l-Gabillott.
